



2017-014

Adottat fil-21 ta' Marzu 2017

eu-LISA  
Rapport Annwali  
Konsolidat tal-Attività

2016

# Werrej

Lista ta' abbrevjazzjonijiet u akronimi .....	3
Sfond legali .....	6
Valutazzjoni mill-Bord tat-Tmexxija .....	7
Introduzzjoni .....	10
Sommarju eżekuttiv .....	11
Parti I. Kisbiet tas-sena .....	15
Parti II(a). Ġestjoni .....	30
2.1. Bord tat-Tmexxija .....	30
2.2. Żviluppi ewlenin .....	31
2.3. Ġestjoni baġitarja u finanzjarja .....	33
2.4. Immaniġġjar tar-riżorsi umani .....	35
2.5. Valutazzjoni mill-maniġment .....	43
2.6. Kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit fdati lil servizzi u entitajiet oħra .....	43
2.7. Valutazzjoni tar-riżultati tal-awditjar matul is-sena tar-rapportar .....	44
2.7.1. Servizz tal-Awditjar Intern .....	44
2.7.2. Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) .....	44
2.7.3. Qorti Ewropea tal-Awdituri .....	45
2.8. Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet u l-pjanijiet ta' azzjoni għall-awditi .....	46
2.9. Segwitu tal-osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza .....	49
Parti II(b). Evalwazzjonijiet esterni .....	50
Parti III. Valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern .....	51
3.1. Ġestjoni tar-riskju .....	51
3.2. Konformità u effettività tal-Istandards tal-Kontroll Intern .....	51
Parti IV. Assigurazzjoni tal-maniġment .....	53
4.1. Rieżami tal-elementi li jappoġġaw l-assigurazzjoni .....	53
4.2. Riżervi (jekk applikabbli) .....	55
4.3. Konklużjonijiet ġenerali dwar l-assigurazzjoni .....	56
ANNESSI .....	57
Anness I. Indikaturi tal-Prestazzjoni Korporattiva .....	57
Anness II. Statistika dwar il-ġestjoni finanzjarja .....	59
Anness III. Organigrama .....	63
Anness IV. Pjan ta' Stabbiliment .....	64
Anness V. Riżorsi umani u finanzjarji skont l-attività .....	67
Anness VI. Anness speċifiku relatat mal-Parti II .....	68
Anness VII. Anness speċifiku relatat mal-Parti III .....	75
Anness VIII. Abbozz ta' kontijiet finanzjarji .....	79
Anness IX. Obiettivi u indikaturi .....	82

# Lista ta' abbrevjazzjonijiet u akronimi

AFIS	Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba'
AFSJ	Spazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja
AG	Grupp Konsultattiv
AMMU	Unità ta' Ġestjoni u Manutenzjoni tal-Applikazzjonijiet
AWP	Programm ta' Ħidma Annwali
BCU	Unità Ċentrali ta' Riżerva - ċentru ta' riżerva f'St. Johann im Pongau
BMS	Sistema ta' Ġestjoni Bijometrika
BRX	Brussell
AK	Aġent Kuntrattwali
CAF	Qafas Komuni ta' Valutazzjoni
CBS	Sistemi Kummerċjali Ewlenin
CEOS	Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea
CEPOL	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi
CFTs	Sejħa għall-Offerti
ChMP	Proċess ta' Ġestjoni tat-Tibdil
CMG	Grupp għall-Ġestjoni tat-Tibdil
CMM	Mudell ta' Maturità tal-Kapaċità
CMMI	Integrazzjoni tal-Mudell ta' Maturità tal-Kapaċità
ĊtE	Ċentru ta' Eċċellenza
COM	Kummissjoni Ewropea
COTS	Prodott Kummerċjalment Disponibbli
CRMC	Kumitat għall-Ġestjoni tar-Riskji Korporattivi
CS	Sistema Ċentrali
CSI	Titjib Kontinwu tas-Servizz
CSIS	Sistema ta' Titjib Kontinwu tas-Servizz
CSS	Settur tas-Servizzi Korporattivi
CU	Unità Ċentrali - iċ-ċentru tad-data ewlieni fi Strasburgu
DB	Database
DP	Protezzjoni tad-Data
DPC	Koordinaturi tal-Protezzjoni tad-Data
UPD	Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data
DubliNet	Netwerk ta' Komunikazzjoni għall-Eurodac
DWH	Maħżen Virtwali tad-Data
EASO	Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil
QEA	Qorti Ewropea tal-Awdituri
ECRIS	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali
KEPD	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data
EES	Sistema Ewropea ta' Dħul/Ħruġ
EiO	Bidu tal-Ħidma
EMPACT	Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali
ENISA	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l- Informazzjoni
EPMO	Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża
EPSO	Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal

ESP	Portal Ewropew tat-Tiftix
ETIAS	Sistema tal-UE ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar
UE	Unjoni Ewropea
eu-LISA	Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja
Eurodac	Sistema Ewropea għat-Tqabbil tar-Rekords Dattiloskopiċi ta' Persuni li Jfittxu l-Asil
Eurojust	Unità ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea
EUWS	Stazzjon ta' Ħidma tal-Utent Finali (network ta' ġestjoni tas-CBS ta' eu-LISA)
FG	Grupp ta' Funzjoni
FPU	Unità tal-Finanzi u tal-Akkwisti
FRA	Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali
Frontex	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta
FTE	Ekwivalenti ta' Ingaġġ Full-time
FwC CSI	Kuntratt qafas għal Infrastruttura Komuni Kondiviża
GCU	Unità ta' Koordinazzjoni Ġenerali
H&S	Saħħa u Sigurtà
HLEG	Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli stabbilit mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-Komunikazzjoni ta' April 2016 <i>Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'Saħħithom u Aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà</i>
HQ	Kwartieri Ġenerali
HR	Riżorsi umani
HRS	Strateġija għar-Riżorsi Umani
HRTU	Unità tar-Riżorsi Umani u t-Taħriġ
IA	Awditjar Intern
IAC	Kapaċità tal-Awditjar Intern
IAS	Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea
ICS	Standard tal-Kontroll Intern
ICT	Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni
IMS	Strateġija għall-Ġestjoni tal-Infomazzjoni
ISMS	Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Infomazzjoni
ITIL	Librerija Infrastrutturali tat-Teknoloġija tal-Infomazzjoni
ITSM	Ġestjoni tas-Servizzi tat-Teknoloġija tal-Infomazzjoni
ĠAI	Ġustizzja u Affarijiet Interni
KPI	Indikatur Ewlieni tal-Prestazzjoni
LMS	Sistema ta' Ġestjoni tat-Tagħlim
MAWP	Programm ta' Ħidma Pluriennali
BT	Bord tat-Tmexxija
MtQ	Memorandum ta' Qbil
MPLS	Multi Protocol Label Switching
SM	Stati Membri
MSP	Proġett ta' Microsoft
MWO	Żamma f'Kundizzjoni Funzjonali
NCP	Punti ta' Kuntatt Nazzjonali
SN	Sistema Nazzjonali
OIU	Dipartiment tal-Operazzjonijiet u tal-Infrastruttura

OLA	Ftehim dwar il-Livell Operazzjonali
OD	Dipartiment tal-Operazzjonijiet
OSH	Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
PAP	Pjan ta' Akkwist u Akkwiżizzjoni
PIA	Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Privatezza
PKI	Infrastruttura taç-Ċavetta Pubblika
PMO	Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti
PSC	Approvazzjoni tas-Sigurtà tal-Persunal
QM	Ġestjoni tal-Kwalità
R&Ż	Riċerka u żvilupp
RAD	Dipartiment tar-Riżorsi u l-Amministrazzjoni
RDO	Uffiċjal għar-Riċerka u l-Iżvilupp
SAAS	Software bħala servizz
SACs	Pajjiżi assoċjati ma' Schengen
SB	Fruntieri Intelliġenti
SBX	Strasburgu
SD	Servizz tal-Għajnuna
SEC	Settur tas-Sigurtà
SIEM	Informazzjoni dwar is-Sigurtà u l-Ġestjoni tal-Avvenimenti
SIS II	Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen
SIRENE	Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali
FLS	Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz
ENS	Esperti Nazzjonali Ssekondati
SNMP	Simple Network Management Protocol
SOA	Arkitettura Orjentata lejn is-Servizz
SON	Netwerk ta' Uffiċjali tas-Sigurtà
SPD	Dokument Uniku ta' Programmazzjoni
SPOC	Punt Uniku ta' Kuntatt
sTESTA	Servizzi Trans-Ewropej sikuri tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet
SW	Softwer
SXB	Strasburgu
AT	Aġent Temporanju
TCO	Kost Totali tas-Sjieda
Testa-NG	Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet – ġenerazzjoni ġdida
TLL	Tallinn
TTS	Speċifikazzjonijiet Tekniċi tal-Offerti
VAAS	Virtwalizzazzjoni Attiva/Studju Attiv
VIS	Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża
VIS Mail	Pjattaforma ta' komunikazzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti u Stati Membri oħra
WAN	Netwerk fuq Żona Wiesgħa

## Sfond legali

L-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jirrikjedi li d-Direttur Eżekuttiv jippreżenta lill-Bord tat-Tmexxija l-abbozz tar-Rapport Annwali tal-Attività tal-Aġenzija għall-adozzjoni, wara konsultazzjoni minn qabel mal-Gruppi Konsultattivi, filwaqt li l-Artikolu 12 tal-istess Regolament jirrikjedi li sal-31 ta' Marzu kull sena, il-Bord tat-Tmexxija jadotta r-Rapport Annwali tal-Attività tas-sena preċedenti, filwaqt li jqabbel ir-riżultati miksubin mal-oġġettivi tal-Programm ta' Hídma Annwali. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 47 tar-Regolament Finanzjarju Qafas, l-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni għandhom jirrapportaw lill-Bord tat-Tmexxija dwar it-twettiq ta' dmirijethom fil-forma ta' Rapport Annwali konsolidat tal-Attività.

# Valutazzjoni mill-Bord tat-Tmexxija

Il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA jew l-Aġenzija) analizza u vvaluta r-Rapport tal-Attività Annwali Konsolidat tad-Direttur Eżekuttiv dwar il-kisbiet u r-riżultati għall-2016. Il-Bord jirrikonoxxi l-prestazzjoni tal-Aġenzija u jinnota, b'mod partikolari, l-oservazzjonijiet li ġejjin.



## Osservazzjonijiet ġenerali

Il-Bord tat-Tmexxija:

- iqis li l-prestazzjoni ta' eu-LISA fl-2016 kienet allinjata mal-objettivi stabbiliti fir-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija u mal-għanijiet u l-objettivi stabbiliti fl-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija għall-perjodu 2014-2020;
- jirrikonoxxi li l-Aġenzija wettqet b'suċċess il-mandat tagħha matul is-sena;
- josserva l-livell għoli ta' kisba tal-objettivi annwali tal-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Aġenzija għall-2016, f'termini kemm tar-riżultati miksuba kif ukoll tal-prestazzjoni;
- jirrikonoxxi li, minbarra li wettqet b'suċċess il-Programm ta' Ħidma Annwali tagħha għall-2016, l-Aġenzija wriet aġilità u flessibilità, u b'hekk qabżet il-kompiti li kienu oriġinarjament ipplanati fil-Programm ta' Ħidma Annwali għall-2016;
- jirrikonoxxi l-importanza dejjem tiżdied tas-sistemi li ġew fdati lill-Aġenzija għall-funzjonament taż-żona Schengen u jirrikonoxxi li l-ħtieġa li l-Aġenzija tiġi msaħħa b'riżorsi umani addizzjonali hija ġustifikata;
- jappoġġa l-konklużjoni rigward il-ħtieġa li jiġu stabbiliti l-istrumenti neċessarji għaż-żamma tal-persunal fl-Aġenzija;
- jenfasizza l-importanza tal-proġetti għar-rikostruzzjoni tas-sit operattiv tal-Aġenzija fi Strasburgu u l-bini tal-kwartieri ġenerali l-ġdid f'Tallinn għall-iżvilupp fit-tul ġejjieni tal-Aġenzija;
- jirrikonoxxi l-eżitu pożittiv tal-ewwel evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija, li twettqet mill-Kummissjoni Ewropea f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Bord tat-Tmexxija.

## Osservazzjonijiet dwar il-kisbiet strateġiċi u operattivi ewlenin tal-politika

Il-Bord tat-Tmexxija:

- jirrikonoxxi l-isforzi tal-Aġenzija fit-twettiq tal-Programm ta' Ħidma Annwali għall-2016 bil-limitazzjonijiet eżistenti fir-riżorsi umani; għalkemm numru limitat ta' objettivi ma ntlax għalkollox, il-Bord qies li l-prestazzjoni ta' eu-LISA laħqet l-aspettattivi tal-partijiet interessati tagħha sa livell konsiderevoli;
- iqis li l-mod kif l-Aġenzija mmaniġġjat iż-żieda konsiderevoli fil-volum tax-xogħol kien adegwat ħafna;
- jenfasizza l-livell għoli ta' importanza tas-Sistema Ewropea ta' Dħul/Ħruġ (EES) u jħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli bil-preparazzjonijiet għall-implimentazzjoni tagħha. L-Aġenzija tiegħu nota tal-istatus tal-azzjonijiet li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-EES u tal-effetti fuq l-interoperabbiltà fir-rigward tal-iżvilupp tal-EES;
- jenfasizza l-importanza tas-Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) fir-rigward tas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea (UE) u jirringrazzja lill-Aġenzija talli kienet proattiva biex tibda l-implimentazzjoni fil-ħin;

- isib li l-azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija biex timmaniġġja t-tliet sistemi attwalment fdati lilha (il-Eurodac, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża/is-Sistema ta' Ġestjoni Bijometrika (VIS/BMS) u s-SIS II) huma adegwati fir-rigward tal-oġġettivi stipulati fir-Regolament ta' Stabbiliment tagħha;
- jirrikonoxxi l-aġilità tal-Aġenzija sabiex tindirizza ħtiġijiet urġenti u mhux ippjanati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-AFIS fi ħdan is-SIS II biex tindirizza ż-żieda fit-theddidiet għas-sigurtà u dawk terroristiċi fl-UE;
- jenfasizza l-importanza tal-Aġenzija sabiex tittejjeb u tiġi simplifikata aktar il-konsenja tar-rapporti dwar il-kwalità tad-data għall-Istati Membri;
- jieħu nota tal-isforzi tal-Aġenzija sabiex teżamina u ttejjeb il-Proċess ta' Ġestjoni tal-Bidla f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea;
- jirringrazzja lill-Aġenzija għall-isforzi magħmula sabiex tappoġġja l-ħidma tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli (HLEG) u, fid-dawl tal-importanza tal-interoperabbiltà, iħeġġeġ lill-Aġenzija biex tkompli bl-involviment tagħha;
- jilqa' l-iżvilupp ulterjuri tal-kapaċitajiet interni tal-Aġenzija fir-rigward tal-ippjanar u l-monitoraġġ tal-baġit sabiex tiġi assigurata ġestjoni tajba tar-riżorsi finanzjarji tal-Aġenzija; il-Bord jirrikonoxxi li l-livell ta' eżekuzzjoni ġenerali tal-impenji u l-ħlasijiet kien ta' 97%, b'mira ta' 95%;
- jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu bil-livell għoli ta' konformità mas-sistema ta' kontroll intern implimentata tal-Aġenzija, li huwa rikonoxxut ukoll mill-awditi mwettqa matul is-sena u mill-fatt li ma nħarġet l-ebda rakkomandazzjoni kritika.

## Valutazzjoni mill-Bord tat-Tmexxija tal-ġestjoni tal-Aġenzija

Il-Bord tat-Tmexxija, waqt li jirrikonoxxi r-riżultati miksuba mill-Aġenzija fl-2016, jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu bil-kwalità tal-ġestjoni tal-Aġenzija.

## Varjazzjonijiet fl-użu tar-riżorsi umani u finanzjarji meta mqabbel mal-Pjan ta' Ħidma Annwali

Il-Bord tat-Tmexxija jqis:

- li dan ir-rapport jipprovdi assigurazzjoni suffiċjenti li r-riżorsi (persunal u baġit) huma użati mill-Aġenzija f'konformità mal-iskop intenzjonat tagħhom u skont l-AWP 2016;
- li l-varjazzjonijiet kollha fl-użu tar-riżorsi huma ġustifikati, meta wieħed iqis ir-riżultati miksuba mill-Aġenzija u l-eżiti tal-awditi li twettqu.

## Indikaturi tal-prestazzjoni

Il-Bord tat-Tmexxija jirrikonoxxi li l-Aġenzija, wara l-fażi tal-bidu tagħha, għamlet progress sinifikanti fl-2016 lejn l-adozzjoni ta' sett komprensiv ta' Indikaturi tal-Prestazzjoni Korporattiva. Dan is-sett ta' indikaturi ġie adottat f'Marzu 2015 mill-Bord tat-Tmexxija u l-implimentazzjoni tal-indikaturi maqbula ġiet irrapportata. L-Aġenzija tkompli bil-ħidma tagħha sabiex ittejjeb ir-riżultat ta' dawn l-Indikaturi tal-Prestazzjoni Korporattiva.

## Ambjent ta' riskju u kontroll

Il-Bord tat-Tmexxija jirrikonoxxi li:

- ġew identifikati r-riskji ewlenin għall-organizzazzjoni, li setgħu pperikolaw it-tweqqif tal-AWP, u ġew stabbiliti miżuri preventivi u mitiganti xierqa;



- is-sistemi ta' kontroll u ġestjoni interni qegħdin jaħdmu b'mod adegwat, meta wieħed iqis ir-riżultati miksuba mill-Aġenzija u l-eżiti tal-awditu mwettqa.

## Assigurazzjonijiet u riżervi mill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni

Il-Bord tat-Tmexxija:

- iqis li hemm fis-seħħ miżuri adegwati u adatti sabiex jindirizzaw kwalunkwe punt dgħajjed identifikat fil-ġestjoni u l-kontroll;
- iqis li hemm fis-seħħ il-moduli neċessarji għall-assigurazzjoni;
- jinnota li eu-LISA għadha ma implimentatx l-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività; għalhekk, l-informazzjoni dwar l-użu tar-riżorsi umani u finanzjarji għal kull attività mhijiex disponibbli għall-2016.

## Rakkomandazzjonijiet

Fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta f'dan ir-rapport, il-Bord tat-Tmexxija jħeġġeġ lill-Aġenzija sabiex, fl-2017:

- tkompli twettaq il-mandat tagħha u testendi, fejn ikun possibbli, l-appoġġ rilevanti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja;
- tirfina l-attivitajiet ta' ppjanar tagħha fil-kuntest tat-tfassil tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni (SPD) u tadotta l-abbozz ta' SPD sal-31 ta' Jannar;
- tkompli u taċċellera t-tnejniet tagħha għall-introduzzjoni ta' ġestjoni bbażata fuq l-attività bħala kwistjoni ta' prijorità;
- tkompli bl-iżvilupp tas-sistema ta' kontroll intern tagħha, waqt li tagħti attenzjoni speċjali għall-effiċjenza tal-proċessi interni u l-iżvilupp ulterjuri tal-kompetenzi u l-ħiliet tal-membri tal-persunal;
- tagħti l-konsiderazzjoni dovuta lis-sejbiet tal-kapaċità tal-awditjar intern tagħha;
- tiffinalizza l-implimentazzjoni tas-sett ta' Indikaturi tal-Prestazzjoni Korporattiva;
- tipprovdi lill-Bord pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mhux leġislattivi tal-evalwazzjoni tal-Aġenzija u timplimenta dan il-pjan ta' azzjoni wara l-adozzjoni tiegħu mill-Bord.

## Konklużjoni

Il-Bord tat-Tmexxija huwa sodisfatt bil-prestazzjoni ġenerali ta' eu-LISA fl-2016 u l-livell ta' kisba tal-għanijiet, l-oġettivi u r-riżultati li kienu stabbiliti fl-AWP tagħha, kif ukoll bil-livell u l-adegwatezza tal-użu tar-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli.

Il-Bord tat-Tmexxija jesprimi l-apprezzament tiegħu lid-Direttur Eżekuttiv u lill-persunal tiegħu għall-impenn u l-kisbiet tagħhom matul is-sena.

**Filip PYNCKELS, President tal-Bord tat-Tmexxija**

# Introduzzjoni

L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA jew l-Aġenzija) ġiet stabbilita fl-2011 bir-Regolament Nru 1077/2011 u saret operattiva fl-1 ta' Diċembru 2012. L-istabbiliment tal-Aġenzija kellu l-għan li jipprovdi soluzzjoni fit-tul għall-ġestjoni operattiva, fuq livell tal-Unjoni Ewropea (UE), tas-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, kemm issa kif ukoll fil-ġejjieni.

L-Aġenzija fil-preżent tmexxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) u l-Eurodac. Dawn is-sistemi huma essenzjali għall-funzjonament normali taż-żona Schengen, għall-ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri esterni tagħha, għall-implimentazzjoni ta' politiki komuni tal-UE dwar l-asil u l-viża u għas-sigurtà interna. L-Aġenzija hija responsabbli wkoll għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornituri ta' servizz ta' netwerk rilevanti. L-Aġenzija twettaq ukoll kompiti li huma relatati mal-ġestjoni ta' mekkaniżmi ta' skambju ta' informazzjoni supplimentari (jiġifieri t-Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazżjonali (SIRENE), DubliNet u VIS Mail 2), li jintużaw flimkien ma' dawn is-sistemi.

Fil-ġejjieni, eu-LISA tista' tkun responsabbli wkoll għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u t-tmexxija operattiva ta' sistemi oħra tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI), jiġifieri s-Sistema Ewropea ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema tal-UE ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar (ETIAS), eċċ., sakemm il-koleġiżlatur jadotta l-istrumenti legali rilevanti.

Il-missjoni tal-Aġenzija, li tirrifletti l-mandat u l-oġġettivi tagħha, hi li kontinwament iżżid il-valur lill-Istati Membri, billi tappoġġa, permezz tat-teknoloġija, l-isforzi tagħhom għal Ewropa aktar sigura. L-Aġenzija hija impenjata li:

- turi li jistgħu jiġu pprovduti servizzi u soluzzjonijiet ta' kwalità għolja u effiċjenti lill-partijiet interessati tagħna;
- tirbaħ il-fiduċja billi tallinja kontinwament il-kapaċitajiet tat-teknoloġija mal-ħtiġijiet li qegħdin jevolvu tal-Istati Membri;
- tikber bħala ċentru ta' eċċellenza.

Il-valuri fundamentali li jmexxu u jirfdu kull attività operattiva u l-iżvilupp strateġiku ta' eu-LISA huma:

- l-akkontabilità: l-użu ta' qafas ta' governanza tajba, ġestjoni finanzjarja tajba u operazzjonijiet kosteffiċjenti;
- it-trasparenza: komunikazzjoni regolari u miftuħa mal-partijiet interessati ewlenin tal-Aġenzija u l-involviment tagħhom fi djalogu kontinwu sabiex tiġi definita l-istrateġija fit-tul għall-iżvilupp tal-Aġenzija;
- l-eċċellenza: l-assigurazzjoni li jkun hemm fis-seħħ l-istruttura organizzattiva, il-persuni u l-proċessi xierqa sabiex tkun żgurata l-kontinwità tas-servizz għall-Istati Membri;
- il-kontinwità: l-assigurazzjoni li l-Aġenzija tagħmel l-aħjar użu mill-kompetenza esperta, l-għarfien u l-investimenti magħmula mill-Istati Membri, u tkompli tiżviluppahom;
- il-ħidma bħala tim: sforz sabiex il-membri individwali tat-tim ikunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu mill-għarfien u l-esperjenza tagħhom sabiex jikkontribwixxu għas-suċċess komuni;
- il-fokus fuq il-klijent: l-assigurazzjoni li l-Aġenzija tkun allinjata f'kull ħin mal-ħtiġijiet u t-talbiet tal-partijiet interessati tagħha.

## Sommarju eżekuttiv

Fl-2016, l-Ewropa kompliet tesperjenza l-effetti tal-kunflitt fil-Lvant Nofsani. Dan, flimkien mal-livelli għoljin u sostnuti tat-ttheddi u l-attakki terroristiċi, flimkien ma' forom oħra ta' kriminalità organizzata serja, ħoloq ambjent ta' sfida kbira fejn il-kontribuzzjonijiet tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, ġustizzja u sigurtà (eu-LISA) għad-disponibbiltà kontinwa tas-sistemi fdati lilha kienu ta' importanza kritika għall-funzjonament normali taż-żona Schengen. Barra minn hekk, fl-2016, l-importanza tas-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) fuq skala kbira għas-sigurtà interna, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-ġestjoni tal-migrazzjoni għet rikonoxxuta b'mod estensiv u stabbilita bħala prijorità politika fil-livell tal-Unjoni Ewropea (UE). Dan għolla l-profil ta' eu-LISA u, fl-istess ħin, żied l-aspettattivi u t-talbiet għar-riżultati li l-Aġenzija kellha twassal.



F'dan il-kuntest, eu-LISA kompliet twettaq il-mandat tagħha billi tiffoka l-isforzi tagħha fuq it-tmexxija operattiva stabbli, effettiva u effiċjenti tas-sistemi fdati lilha. Is-sistemi kienu disponibbli 24/7 għall-Istati Membri, flimkien mas-servizzi kollha neċessarji għall-aħjar użu tagħhom. Għandu jiġi enfasizzat li, għat-tliet sistemi kollha (is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża/is-Sistema ta' Ġestjoni Bijometrika (VIS/BMS), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) u l-Eurodac), ma kien hemm ebda inċident importanti din is-sena li llimita jew impedixxa l-użu normali tagħhom mill-Istati Membri. L-Aġenzija kompliet bl-involviment proattiv tagħha mal-Istati Membri sabiex tindirizza l-ħtiġijiet tagħhom li qegħdin jevolvu u l-bidliet fil-prijoritajiet politiċi fil-livell tal-UE. L-attivitajiet ipplanati kollha fir-rigward tal-manutenzjoni korrettiva u adattiva twettqu kif ipplanat, u b'hekk ikkontribwew għall-funzjonament stabbli u mingħajr interruzzjoni tas-sistemi.

Flimkien mat-tmexxija operattiva, eu-LISA ddedikat riżorsi sinifikanti għall-evoluzzjoni ulterjuri tal-kapaċitajiet tekniċi u funzjonali tat-tliet sistemi. Fl-2016, il-portafoll ta' proġetti tal-Aġenzija kien jikkonsisti minn aktar minn 30 proġett ta' skali u livelli ta' importanza differenti. Kollha twettqu kif ipplanat u ta' min isemmi li xi wħud kellhom impatt pożittiv sinifikanti fuq il-kapaċitajiet tas-sistemi, b'mod partikolari:

- żieda fit-throughput tal-VIS għal 450 000 tranżazzjoni fis-siegħa u għal kapaċità tas-sistema ta' 60 miljun applikazzjoni għal viża;
- il-bidu tal-implimentazzjoni tal-AFIS għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen;
- it-titjib tal-kapaċità tad-database Eurodac għal 5.5 miljun rekord u l-bidu tal-proġett ta' titjib għal 7 miljun rekord.

Fl-istess ħin, eu-LISA, wara l-approvazzjoni mill-Bord tat-Tmexxija tagħha, bdiet it-tħejjiet għall-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea ta' Dħul/ħruġ (EES). L-Aġenzija pparteċipat ukoll f'numru ta' laqgħat ta' livell għoli li jinvolvu l-Kunsill u l-Parlament Ewropew li fihom l-Aġenzija kkontribwiet l-għarfien espert tagħha għall-iskambju ta' ideat u indirizzat aspetti partikolari tal-arkitettura, l-implimentazzjoni u t-tħaddim tas-sistemi.

L-Aġenzija investiet sforzi u riżorsi sinifikanti fl-użu tal-għarfien espert tagħha sabiex tappoġġa lill-Kummissjoni Ewropea waqt it-tħejjija ta' inizjattivi legali ġodda. B'mod partikolari, l-Aġenzija tat kontribut wiesa' għall-aspetti tekniċi, operattivi u baġitarji tat-tħejjija tal-Pakkett ta' Riforma tar-Regolament ta' Dublin, il-proposta għall-istabbiliment tas-Sistema tal-UE ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvjaġġar (ETIAS) u l-proposta għar-Riformulazzjoni tas-SIS II. L-Aġenzija kienet involuta wkoll, għall-ewwel darba mill-istabbiliment tagħha, fi proġetti fil-qasam tal-ġustizzja, b'mod partikolari l-CODEX elettroniku u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS TCN).

Fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà". Ftit wara l-pubblikazzjoni ta' din il-komunikazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli (HLEG) dwar l-interoperabbiltà. Il-kompitu tiegħu kien li jinvestiga l-komunikazzjoni u jesplora fid-dettall id-dimensjonijiet differenti tal-interoperabbiltà. Minħabba l-importanza tal-interoperabbiltà, l-Aġenzija stabbiliet task force interna sabiex issegwi mill-qrib il-ħidma tal-HLEG u tikkontribwixxi għaliha. Dan ippermetta lill-Aġenzija li tipprovdi kontribut wiesa' u proattiv għall-ħidma tal-grupp, tfejji numru ta' inputs ewlenin, bħal pjan direzzjonali għat-titjib tal-kwalità tad-data, pjan direzzjonali għall-iżvilupp ta' servizz ta' tqabbil bijometriku kondiviż u ħafna oħrajn. L-Aġenzija kienet kontributor proattiv għall-ħidma tas-sottogruppi li nħolqu sabiex jappoġġaw il-ħidma tal-HLEG. Fir-rapport interim tal-HLEG, li nħareġ f'Diċembru 2016, eu-LISA ntalbet testendi l-kontribut tagħha u biex twettaq numru ta' studji dwar l-opzjonijiet tekniċi għall-iżvilupp ta' Portal Ewropew tat-Tiftix (ESP) u BMS kondiviż. Ġiet mitluba wkoll prova tal-kunċett għal ESP, flimkien ma' numru ta' attivitajiet oħra fil-qasam tal-kwalità tad-data u repożitorju komuni tad-dejta. L-Aġenzija se tkompli bil-kontribut u l-appoġġ tagħha għall-HLEG fl-2017.

Fl-2016, eu-LISA kompliet testendi l-kooperazzjoni tagħha mal-aġenziji li fadal tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI). Ir-rapport annwali tan-netwerk ta' aġenziji tal-ĠAI jindika li eu-LISA kienet involuta f'numru akbar ta' attivitajiet konġunti ma' aġenziji oħra milli fi kwalunkwe sena preċedenti. Il-kontribut tagħha għall-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu għandu jissewma b'mod speċifiku, flimkien mal-isforzi ulterjuri tagħha sabiex tiġi żviluppata l-kondiviżjoni tas-servizzi bejn l-aġenziji tal-ĠAI.

L-Aġenzija qiegħda tikber bħala organizzazzjoni ta' karriera u temmen li n-nies huma l-aktar assi prezzjuż tagħha. Fl-2016, eu-LISA kompliet tkabbar u tiżviluppa l-persunal tagħha. L-Aġenzija kellha partikolarment suċċess fl-implimentazzjoni tal-politika ta' żamma tal-persunal tagħha. Meta wieħed iqis iż-żieda sinifikanti fil-volum tax-xogħol tal-membri tal-persunal, kien sorprendenti li r-rata tad-dawran annwali ma qabzix is-7 %.<sup>1</sup> Element importanti tal-politika ta' żamma tal-persunal tal-Aġenzija, li ġie implimentat mill-Bord tat-Tmexxija wara proposta magħmula mid-Direttur Eżekuttiv, huwa l-possibbiltà li l-Aġenti Temporanji (AT) jistgħu jirċievu kuntratti indefiniti fit-tmiem tal-ewwel terminu kuntrattwali tagħhom. Din il-miżura hija mistennija li jkollha effett pożittiv sinifikanti fuq il-moral u l-motivazzjoni tal-persunal, kif ukoll tippermetti lill-Aġenzija li żżomm għarfien u kompetenza esperta interni essenzjali.

Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament li Jistabbilixxi l-Aġenzija, il-Kummissjoni Ewropea, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Bord tat-Tmexxija, wettqet evalwazzjoni tal-azzjonijiet ta' eu-LISA. Ir-rapport finali ta' din l-evalwazzjoni għie ppreżentat lill-Bord tat-Tmexxija f'Marzu 2016. Skont ir-Regolament li Jistabbilixxi l-Aġenzija, l-evalwazzjoni vvalutat il-mod kif l-Aġenzija tikkontribwixxi għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira u r-rwol tagħha fil-kuntest ta' strateġija tal-Unjoni Ewropea mmirata sabiex tistabbilixxi ambjent tal-IT ikkoordinat, kosteffettiv u koerenti fil-livell tal-Unjoni Ewropea fis-snin li ġejjin.<sup>2</sup> L-evalwazzjoni tal-Aġenzija wriet li eu-LISA twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv. Minħabba li l-Aġenzija għiet fdata mil-leġislatur tal-UE bil-ġestjoni tat-tliet sistemi deskritti hawn fuq, l-Aġenzija kienet kapaċi tgħaqqad ir-riżorsi tagħha u tassigura li s-sinerġiji jintużaw sabiex jinkiseb approċċ aktar konsistenti. L-Aġenzija għalhekk tikkontribwixxi wkoll għal ambjent tal-IT aktar ikkoordinat, effettiv u koerenti (ara l-Anness VI). Is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li ħarġu mill-evalwazzjoni esterna ġew segwiti adegwament permezz ta' pjan ta' azzjoni, li ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija, u pprovdew input siewi għall-iżvilupp ġenerali ulterjuri tal-mandat ta' eu-LISA.

Ma tkunx esaġerazzjoni li wieħed jikkonkludi li l-2016 kienet l-aktar sena intensa u impenjattiva mill-bidu tal-operazzjonijiet għal eu-LISA. Madankollu, l-Aġenzija temmet din is-sena b'suċċess, fejn wettqet il-Programm ta'

<sup>1</sup> Il-mira għar-rata ta' dawran fl-2016 kienet ta' 5 %.

<sup>2</sup> Din kienet l-ewwel evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija mill-istabbiliment tagħha.

<sup>3</sup> Madankollu, sakemm l-istrateġija ma tkunx teżisti f'dan il-mument, il-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA qabel li dan l-element jiġi eskluż mit-termini ta' referenza għall-evalwazzjoni.

Flidma Annwali tagħha b'mod sħiħ, billi wettqet l-attivitajiet proposti kważi kollha kif ippjanat u laħqet l-objettivi operattivi rilevanti kollha. Barra minn hekk, twettqu għadd ta' kompiti addizzjonali matul is-sena. Flimkien mal-attivitajiet ta' kuljum, eu-LISA kompliet twettaq l-għanijiet u l-objettivi fit-tul tagħha permezz tal-iżvilupp kontinwu tal-mudelli operattivi u ta' governanza tagħha u l-adozzjoni ta' prattiċi ta' governanza tajba u standards industrijali.

Fl-aħħar nett, nixtieq ninnota li dawn il-kisbiet notevoli kollha ma kinux ikunu possibbli mingħajr l-impenn u d-dedikkazzjoni tat-tim kollu fl-Aġenzija. Nixtieq nieħu din l-opportunità biex niringrazzja lil kull impjegat ta' eu-LISA għall-kontribut tiegħu jew tagħha għat-tweqqig tal-għanijiet tal-Aġenzija matul is-sena!

### **Kwistjonijiet prinċipali ppreżentati lill-Bord tat-Tmexxija**

L-Aġenzija kompliet il-kollaborazzjoni kostruttiva u mill-qrib ħafna mal-Bord tat-Tmexxija fl-2016. Il-kwistjoni prinċipali li l-Aġenzija ppreżentat lill-Bord, li ġiet diskussa matul is-sena, kienet is-sitwazzjoni tal-persunal ta' eu-LISA u, b'mod partikolari, il-fatt li kien hemm żieda kontinwa fin-numru ta' kompiti assenjati lill-Aġenzija, filwaqt li, fl-istess ħin, eu-LISA kompliet tnaqqas il-firxa tal-Pjan ta' Stabbiliment tagħha.

### **Implimentazzjoni tal-baġit**

Fl-2016, eu-LISA mmaniġġat baġit ta' EUR 80.02 miljun, li rċevietu mill-UE. L-Aġenzija żammet ir-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit għolja tagħha sal-aħħar tas-sena, li kienet kif ġej:

- 97.9 % għall-appropriazzjonijiet ta' impenn;
- 97.6 % għall-appropriazzjonijiet ta' pagament, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2016.

### **Riżorsi umani**

F'Jannar 2016, eu-LISA adottat l-Istrateġija tagħha għall-HR li se tiggwida l-attivitajiet tagħha fil-qasam tal-immaniġġjar tar-riżorsi umani sal-2020. L-Aġenzija kompliet bl-isforzi tagħha sabiex tassigura ż-żamma u l-iżvilupp tal-persunal tagħha, bil-għan li tibni organizzazzjoni sostenibbli, effiċjenti u aġili, filwaqt li tbassar u żżomm il-linji bażi preċiżi għall-volumi tax-xogħol, l-ispejjeż u l-livelli ta' persunal meħtieġa sabiex tassigura l-aħjar prestazzjoni tas-sistemi kollha taħt il-ġestjoni preżenti.

Għalkemm fl-2016 il-volum tax-xogħol tal-persunal tal-Aġenzija żdied b'mod sinifikanti, eu-LISA xorta kienet mitluba tnaqqas in-numru tal-persunal saħansitra aktar biex tilħaq il-mira speċifikata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill sabiex l-ammont ta' persunal jitnaqqas b'5 % bejn l-2013 u l-2018. Fl-2016, il-popolazzjoni totali tal-persunal ta' eu-LISA kienet tikkonsisti minn 155 kariga (118-il Aġent Temporanju (AT), 29 Aġent Kuntrattwali (AK), 8 Esperti Nazzjonali Sekondati (ENS)) u 3 internati. Fl-aħħar tas-sena, 144 pożizzjoni kienu okkupati u, għal 3 pożizzjonijiet, kienu aċċettati l-offerti ta' impjeg, filwaqt li 8 pożizzjonijiet baqgħu vakanti; xi wħud minn dawn il-pożizzjonijiet ma mtlew minħabba t-tnaqqis previst għall-2017.<sup>4</sup> Il-proporzjon ta' persunal li telaq mill-Aġenzija kien ta' madwar 7.64%, hekk kif 11-il impjegat telqu mill-organizzazzjoni fl-2016.<sup>5</sup> Ta' min jinnota li l-biċċa l-kbira tal-impjegati li telqu mill-Aġenzija kienu jinsabu f'Tallinn. Dan jista' jiġi attribwit sa ċertu punt għaż-żieda sinifikanti fil-volum tax-xogħol matul is-sena u sa ċertu punt għad-differenzi sostanzjali fil-kumpens bejn Tallinn u Strasburgu (id-differenza fis-salarji għall-istess kategorija ta' impjegat hija ta' madwar 40%, li hija r-riżultat tal-koeffiċjenti tal-korrezzjoni differenti għal dawn il-postijiet). In-numru medju ta' jiem ta' taħriġ għal kull persuna fl-2016 kien ta' 4.55 jiem.

<sup>4</sup> Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "L-Ipprogrammar ta' Riżorsi Umani u Finanzjarji għall-Aġenziji Deċentralizzati 2014-2020" tal-10.7.2013, COM (2013) 519 final.

<sup>5</sup> Iċ-ċifra tinkludi t-tipi kollha ta' impjegati fl-Aġenzija, jiġifieri, l-Aġenti Temporanji, l-Aġenti Kuntrattwali u l-Esperti Nazzjonali Sekondati.

## **Valutazzjoni mill-Maniġment**

Il-maniġment tal-Aġenzija għandu assigurazzjoni raġonevoli li hemm fis-seħħ kontrolli interni xierqa u li dawn qegħdin jiffunzjonaw kif maħsub; matul is-sena, ir-riskji maġġuri qed jiġu identifikati, immonitorjati u mitigati b'mod xieraq.

## **Riżultati tal-awditu**

Ma saret l-ebda rakkomandazzjoni kritika lill-Aġenzija waqt l-awditu mwettqa matul is-sena mill-Qorti tal-Awdituri, awdituri esterni indipendenti u mill-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-Aġenzija. Ir-rakkomandazzjonijiet l-oħra kollha ġew indirizzati fi żmien debitu permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni.

## **Riskji**

Għas-sena 2016, kienu identifikati b'kollox sitt riskji korporattivi maġġuri. Ġie stabbilit pjan ta' rispons għar-riskji korporattivi sabiex dawn jiġu indirizzati.<sup>6</sup>

**Krum GARKOV, Direttur Eżekuttiv**

---

<sup>6</sup> Ara s-Sezzjoni 3.1, Ġestjoni tar-Riskju, u l-Anness VII.

# Parti I. Kisbiet tas-sena

## Attivitajiet taħt l-Għan Strateġiku 1 “Tkompli tikber bħala kontributor għal u faċilitatur tal-politiki tal-libertà, sigurtà u ġustizzja fl-Ewropa”

### Tmexxija operattiva tas-sistemi

Wieħed mill-pedamenti ewlenin tal-funzjonament normali taż-żona Schengen huma s-sistemi mmexxija minn eu-LISA. Fl-2016, eu-LISA ssoktat bl-isforzi tagħha biex twettaq l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija. Fl-istess ħin, eu-LISA fittxet li kontinwament ittejjeb is-servizzi li tagħti lill-partijiet interessati tagħha. L-Aġenzija identifikat opportunitajiet partikolari sabiex tevolvi l-kosteffiċjenza u l-effettività tat-tmexxija operattiva ta' dawn is-sistemi. Dawn jinkludu, iżda mhumiex limitati għall-bini u l-irfinar tal-pjan direzzjonali ta' kull sistema, l-implimentazzjoni ta' skeda komprensiva ta' manutenzjoni adattiva u korrettiva u, fl-istess ħin, it-tfittxija ta' modi kif tista' tittejjeb u tiġi konsolidata l-infrastruttura ta' kull sistema. F'dan ir-rigward, kisba sinifikanti tal-Aġenzija kienet il-finalizzazzjoni tal-istrateġija tagħha dwar it-teknoloġija, li tistabbilixxi stadji importanti għall-ottimizzazzjoni gradwali tal-operazzjonijiet fuq perjodu ta' 5 snin. Fl-istess ħin, l-awditu tal-operazzjonijiet tal-IT imwettaq mill-IAS ipprova assigurazzjoni li l-Aġenzija stabbiliet bażi solida għall-mudell operattiv tagħha, billi tuża l-aqwa prattiki u standards tal-industrija għall-ġestjoni tas-servizzi bħal-Librerija Infrastrutturali tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni/Ġestjoni tas-Servizzi tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni (ITIL/ITSM).

Għas-SIS II, it-twissijiet maħżuna fid-database fl-aħħar tal-2016 kienu jaqsbu s-70 miljun, li juri żieda ta' 11.6 % meta mqabbel mad-data maħżuna sal-aħħar tal-2015. In-numru totali ta' applikazzjonijiet għal viża maħżuna fis-sistema fl-aħħar tal-2016 kien kważi 36 miljun, li jirrappreżenta żieda ta' aktar minn 75 % mis-sena preċedenti. Iż-żieda osservata għan-numru ta' settijiet ta' marki tas-swaba' maħżuna kienet saħansitra akbar; dan in-numru qabeż it-30 miljun sal-aħħar tal-2016, li kien żieda ta' 85 % meta mqabbel man-numru maħżun fl-aħħar tal-2015. Għall-Eurodac, l-ammont ta' marki tas-swaba' maħżuna fis-sistema żdied b'25 % f'sena waħda, biex laħaq aktar minn 5 miljun sett sal-aħħar tal-2016.

### Tmexxija operattiva tas-SIS II

Matul il-perjodu ta' rapportar tal-2016, is-sistema ċentrali tas-SIS II kienet qed tiffunzjona b'mod stabbli f'konformità mal-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz (FLS). Ma kien hemm l-ebda inċident maġġuri li pprevjena l-użu normali tas-sistema, li ntużat b'mod qawwi mill-Istati Membri b'riżultat taż-żieda fit-theddiet terroristiċi fl-Ewropa u ż-żieda fl-iskambju ta' informazzjoni bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi. Is-SIS II baqgħet il-pjattaforma ewlenija u l-aktar b'saħħitha għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fi ħdan l-UE. Barra minn hekk, inbdiet u għaddejjja l-implimentazzjoni tal-kapaċitajiet ta' tqabbil bijometriku fis-SIS II (is-Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS)). Għal dik ir-raġuni, numru ta' attivitajiet tas-SIS II ipplanati għall-2016 kellhom jiġu riprijoritizzati għall-2017, kif maqbul mal-Istati Membri.

### Tmexxija operattiva tal-VIS/BMS

Matul il-perjodu ta' rapportar tal-2016, l-attivitajiet ta' ġestjoni tas-servizzi għall-VIS/Sistema ta' Ġestjoni Bijometrika (BMS) twettqu fil-firxa sħiħa tagħhom. Il-prestazzjoni ġenerali kemm tal-VIS kif ukoll tal-BMS kienet konformi mal-FLS. Ma kienx hemm problemi ta' prestazzjoni jew inċidenti maġġuri li setgħu jimpedixxu l-użu normali tas-sistema. Il-manutenzjoni adattiva u korrettiva tal-VIS u tal-BMS, il-forniment kontinwu tas-servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet fuq bażi ta' 24/7, is-superviżjoni tal-manutenzjoni u l-għoti ta' assistenza lill-Istati Membri, taħt kuntratti ġodda, kollha twettqu.

### Tmexxija operattiva tal-Eurodac

Għall-Eurodac, l-eżekuzzjoni ta' proġetti sabiex jiġu implimentati u riveduti xi aspetti tal-funzjonalità u tal-infrastruttura teknika tagħha kienet meħtieġa bħala riżultat tar-Regolament ta' Riformulazzjoni tagħha fl-2015 u din issoktat fl-2016. Dawn il-bidliet kienu jinkludu emendi fl-arranġamenti kuntrattwali għall-manutenzjoni minn

partijiet terzi, minbarra t-tibdil f'aspetti tal-funzjonijiet ta' rappurtar tas-sistema sabiex ikunu konformi mal-bażi legali riveduta.

It-traffiku tal-Eurodac żamm il-volum għoli tiegħu matul l-2016, speċjalment fl-ewwel kwart tas-sena. Il-prestazzjoni u l-preċiżjoni ġenerali tas-sistema baqgħu għoljin u fil-livelli maqbula tal-FLS. Is-Servizz ta' Għajjuna ta' eu-LISA mmonitorja l-prestazzjoni tas-sistema fuq bażi ta' 24/7 u pprova l-assistenza neċessarja lill-Istati Membri, kif meħtieġ.

### **Evoluzzjoni tas-sistemi**

Is-sistemi, ġestiti minn eu-LISA, evolwew skont il-bidliet fl-istrumenti legali rilevanti u l-ħtiġijiet operattivi tal-Istati Membri. Billi segwiet pjanijiet direzzjonali definiti b'mod ċar għal kull sistema, l-Aġenzija ppjanat l-azzjonijiet neċessarji fil-Programm ta' Ħidma Annwali tagħha għall-2016. L-isforzi kienu ffukati fuq is-SIS II u l-Eurodac, billi l-2016 kienet sena tranżizzjonali fir-rigward tal-VIS/BMS, b'kuntratt ġdid fis-seħħ ta' MWO u t-trasferiment bejn il-kuntratturi l-ġodda u dawk qodma. Madankollu, għall-VIS/BMS, twettqu wkoll xi evoluzzjonijiet importanti.

B'mod ġenerali, kien hemm numru sinifikanti ta' proġetti ta' evoluzzjoni ppjanati għall-2016. Xi wħud minnhom, bħall-implimentazzjoni ta' pjattaformi ta' ttestjar virtwalizzati, se jipprovdut benefiċċji fit-tul għas-sistemi kollha taħt it-tmexxija ta' eu-LISA. Oħrajn iffukaw fuq sistemi partikolari, bil-għan li jiżviluppaw u/jew itejbu l-kapaċitajiet tagħhom.

#### *Evoluzzjoni tas-SIS II*

Is-SIS II tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti li jdaħħlu u jikkonsultaw twissijiet dwar ċerti kategoriji ta' persuni u oġġetti mfittxija jew neqsin. Fil-każ ta' twissijiet li jkunu relatati ma' persuni, is-SIS II diġà toffri l-possibbiltà ta' pproċessar ta' data bijometrika. Il-possibbiltà ta' identifikazzjoni ta' persuna abbażi tal-marki tas-swaba' tagħha, funzjonalità li teħtieġ l-implimentazzjoni tal-AFIS, kienet l-evoluzzjoni ewlenija tas-sistema, li nbdiet fl-2016. L-attivitajiet għas-SIS II fl-2016 kienu jikkonsistu minn dan li ġej:

- Studji:
  - kapaċità addizzjonali dwar id-domandi;
  - is-simulatur tas-sistema ċentrali;
- Evoluzzjonijiet:
  - AFIS għas-SIS II fażi 1;
  - żieda fil-kapaċità tad-database tas-SIS II għal 100 miljun twissija;
  - domandi standard addizzjonali — fażi 2;
  - kapaċità addizzjonali għad-domandi — fażi 1;
  - Evoluzzjoni tal-kapaċitajiet tal-għodod ta' ITSM tas-SIS II.

Fl-2016, il-Kroazja wriet il-kapaċità teknika tagħha li tintegra b'mod sħiħ fis-SIS II, fejn għaddiet mit-testijiet u l-flussi tax-xogħol ta' approvazzjoni rilevanti kollha. L-integrazzjoni sħiħa tagħha issa tiddependi fuq deċiżjoni formali mill-Kunsill Ewropew. L-Irlanda bdiet it-tħejjijiet tagħha sabiex tintegra b'mod sħiħ ukoll fis-SIS II fi stadju aktar tard.

Sabiex tiġi pprovduta reżiljenza aħjar tas-sistema, kontinwità tal-operat u użu aħjar tar-riżorsi taċ-ċentru tad-data, twettaq studju sabiex tiġi esplorata l-fattibbiltà li jiġu stabbiliti modi attivi/attivi ta' operazzjonijiet bejn is-sistemi ċentrali u s-sistemi ta' riżerva tas-SIS II.

eu-LISA kellha terġa' tallinja l-ippjanar tagħha sabiex tindirizza b'mod suffiċjenti l-inkorporazzjoni tal-AFIS fl-attivitajiet tagħha, u għalhekk l-Aġenzija kkunsidrat approċċ f'żewġ stadji li fih il-ħidma preparatorja neċessarja kollha, inkluż it-tfassil tas-soluzzjoni tal-AFIS, kienet ippjanata għall-2016, filwaqt li l-implimentazzjoni u l-bidu tat-tħaddim proprji kienu ppjanati għall-2017-2018. Fil-perjodu tar-rapportar, eu-LISA, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, iffinalizzat ir-rekwiżiti għas-sistema bħala parti mill-ħidma tat-tfassil u l-arranġamenti kuntrattwali neċessarji, u mxiet 'il quddiem aktar bl-implimentazzjoni. Għal dik ir-raġuni, numru ta' attivitajiet tas-SIS II li kienu ppjanati għall-2016 kellhom jiġu riprijoritizzati għall-2017, kif maqbul mal-Istati Membri.

#### *Evoluzzjoni ta' VIS/BMS*



Wara t-tlestija tat-tnedija globali tal-VIS/BMS fl-2015, is-sistema kompliet tikber u gradwalment tilħaq il-kapaċità operattiva mexxejja tagħha. L-Aġenzija kellha tirrinforza l-kapaċità tal-infrastruttura tal-ittestjar tagħha sabiex tiffinalizza b'mod effiċjenti u xieraq iż-żieda fil-kapaċità prevista tal-VIS u l-BMS.

Kuntrattwalment, ingħata kuntratt ġdid ta' MWO għall-VIS/BMS. It-trasferiment bejn il-kuntratturi ġie organizzat u l-attivitajiet ippjanati, bejn il-kuntratturi l-ġodda u l-antiki tal-MWO, twettqu skont l-iskeda maqbula. Madankollu, l-Aġenzija kellha tinvesti sforzi addizzjonali sabiex tinforza r-rekwiżiti kuntrattwali msaħħa sabiex tistabbilixxi l-metodi u l-proċessi ta' ħidma kif suppost. L-evoluzzjonijiet li kienu għaddejnin taħt il-kuntratt ta' MWO preċedenti twettqu kif ippjanat, b'mod partikolari:

- il-proġett Visa Code Plus ġie implimentat skont l-ippjanar miftiehem;
- l-implimentazzjoni tal-BMS 2.2 twettqet f'Mejju 2016, u b'hekk żiedet il-kapaċità tad-database għal 60 miljun rekord;
- il-VIS Mail 2 bdiet topera fl-20 ta' Janjar 2016, skont id-Deċiżjoni rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea; il-perjodu ta' osservazzjoni tas-sistema ntemm fil-21 ta' Marzu 2016 u r-rapport finali, flimkien mad-dokument informali, ġie ppreżentat lill-Kunsill fil-21 ta' Marzu 2016;
- Il-korrelazzjoni tal-Illogġjar tal-VIS-BMS intużat f'ħarġa speċifika f'Mejju 2016 u din tejbet it-traċċabilità bejn l-applikazzjonijiet għall-viża tal-VIS u r-rekords tal-BMS, u b'hekk iffaċilitat l-investigazzjonijiet minn tarf sa tarf;
- ir-rilaxx, inkluża t-tielet fażi tal-evoluzzjoni tal-VIS, iż-żieda fil-kapaċità tad-database tal-VIS u t-tfassil mill-ġdid tal-ġestjoni tal-iżbalji tranżazzjonali tal-VIS, ġie riskedat minħabba n-nuqqas ta' konformità tal-kuntratturi mar-rekwiżiti tal-prestazzjoni kuntrattwali; ġie stabbilit pjan ta' rimedju li kien implimentat b'suċċess f'Awwissu 2016, biex hekk żiedu l-kapaċitajiet tal-VIS li ttipproċessa sa 450 000 tranżazzjoni/siegħa.

Iż-żieda fil-kapaċità tal-VIS kienet allinjata mal-ħtiġijiet futuri tan-negożju; l-ewwel fażi tal-attivitajiet tal-Visa Code Plus, l-integrazzjoni tal-Kroazja fil-VIS u t-tiżiħ tal-infrastruttura tal-ittestjar tal-VIS/BMS, kollha twettqu. Iż-żieda fil-kapaċità tad-database tal-VIS għal 60 miljun applikazzjoni għall-viża u l-bidliet fil-Visa Code Plus huma elementi li ġew miżjuda mal-AWP inizjalment ippjanat tal-Aġenzija għall-2016 u twettqu b'suċċess.

Ġie definit pjan direzzjonali pluriennali li jkopri proġetti ewlenin allinjati mal-ħtiġijiet tan-negożju, kemm tekniċi kif ukoll funzjonali, u nbdeu studji tekniċi differenti. Diversi proġetti tekniċi ta' skala iżgħar, iżda obligatorji għall-kontinwità tal-appoġġ sħiħ tal-infrastruttura, ġew immaniġġjati b'mod parallel taħt l-umbrella tal-manutenzjoni adattiva tal-VIS u ġew ikkonsenjati f'Awwissu 2016. L-ewwel pass lejn il-virtwalizzazzjoni tal-ambjenti tal-VIS u tal-BMS tlesta bil-konsenja ta' żewġ ambjenti ġodda ta' ttestjar fil-kuntest tal-proġett 'New Test Environments' (NTE) u l-benefiċċju relatat diġà tqies fil-kuntest tal-attivitajiet futuri. Diversi attivitajiet tal-proġett wasslu għad-dekummissjonar ta' numru ta' assi u, wara valutazzjoni metikoluża tal-possibbiltà ta' użu mill-ġdid, ġew sanitizzati b'mod sigur u mneħħija miċ-ċentri tad-data.

#### *Evoluzzjoni tal-Eurodac*

Fir-rigward tal-Eurodac, fl-2016, il-Proġett Riformulat ingħalaq b'mod uffiċjali wara l-aċċettazzjoni finali tal-verżjoni l-ġdida tas-sistema. Fl-istess ħin, bħala risposta ta' emerġenza għall-kriżi tal-migrazzjoni, il-Bord tat-Tmexxija approva żieda fil-kapaċità tad-database tas-sistema għal 7 miljun rekord. L-Aġenzija wettqet b'suċċess l-ewwel fażi tat-titjib: l-ewwel il-kapaċità żiedet għal 5.5 miljun rekord u wara nbeda l-proġett biex is-sistema titla' sa 7 miljun rekord. Ir-rapporti u l-istatistika tal-Eurodac kienu pprovduti bħala parti mill-Implimentazzjoni tar-Riformulazzjoni.

Is-servizzi ta' manutenzjoni ta' evoluzzjoni, inkluża l-provvista ta' ħardwer u softwer sabiex ikun assigurat il-funzjonament tal-Eurodac skont ir-rekwiżiti tar-regolament applikabbli, twettqu skont il-Kuntratt Qafas ta' Riformulazzjoni (FWC) eżistenti, li għandu jiġi sostitwit b'kuntratt ta' MWO ġdid għall-Eurodac is-sena d-dieħla. L-abbozz finali tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huwa mistenni li jkun lest fl-ewwel kwart tal-2017.

Sabiex tappoġġa l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex tipprepara u tintroduċi l-Pakkett ta' Riforma ta' Dublin, l-Aġenzija wettqet valutazzjoni komprensiva tal-impatt tekniku u assistiet lill-Kummissjoni Ewropea fl-ispeċifikazzjoni tar-rekwiżiti għall-evoluzzjoni ulterjuri tal-Eurodac. L-Aġenzija pparteċipat f'għadd ta' laqgħat u

diskussjonijiet ta' ħidma mal-Kunsill. Il-konnessjonijiet tal-EURODOMAIN, li jintużaw mill-Eurodac, ġew migrati għas-Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet — ġenerazzjoni ġdida (Testa-NG) kemm għall-Istati Membri kif ukoll għas-sistema ċentrali. Ingħata appoġġ addizzjonali lill-Irlanda u lil Ċipru sabiex jittestjaw l-evoluzzjonijiet tas-sistema nazzjonali tagħhom.

Studju ta' analiżi tal-impatt dwar kif għandu jiġi stabbilit netwerk virtwali kriptat iddedikat għad-data tal-Eurodac sabiex jissostitwixxi l-EURODOMAIN eżistenti u biex jippermetti t-trażmissjoni sikura (xml) tas-servizzi web bejn is-sistema ċentrali (CS) u s-sistema nazzjonali (SN) (l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea Nru 603/2013) ġie skemat mill-ġdid, billi huwa dipendenti fuq studju globali għal netwerk unifikat li se jiġi implimentat fl-2017 minn eu-LISA.

### **Infrastruttura tan-netwerk u l-komunikazzjoni**

L-Aġenzija għadha responsabbli mis-sorveljanza, is-sigurtà u l-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u kwalunkwe fornitur terz għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-Eurodac, is-SIS II u l-VIS/BMS (kompiti relatati mal-ġestjoni operattiva ta' dawn is-sistemi jistgħu jiġu fdati lil fornituri terzi mis-settur privat jew korpi oħra). L-Aġenzija tikkondividi r-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, li hija responsabbli mill-kompiti l-oħra kollha relatati ma' din, b'mod partikolari, dawk il-kompiti relatati ma' baġits, xiri, tiġdid u kwistjonijiet kuntrattwali. Il-fornitur tan-netwerk huwa marbut bil-miżuri tas-sigurtà li huma stabbiliti fl-istrumenti bażiċi għal kull sistema u ma għandu aċċess għall-ebda data operazzjonali tas-sistemi. L-Aġenzija se tkompli tassigura li dawn id-dispożizzjonijiet kuntrattwali jiġu rispettati u se tkompli żżomm u timmonitorja dawn in-netwerks matul il-perjodu sħiħ tar-rapportar sabiex tassigura s-sigurtà u l-affidabbiltà kontinwi tagħhom.

Infrastruttura ta' komunikazzjoni sigura u affidabbli hija riżultat kontinwu. Għalhekk, matul l-2016, eu-LISA baqgħet responsabbli għall-pjattaformi rispettivi ta' komunikazzjoni u ta' skambju tal-informazzjoni (SIRENE Mail, VISION, DubliNet u VIS Mail 2). L-Aġenzija se tkompli timmonitorja u tissorvelja l-infrastruttura ta' komunikazzjoni rilevanti tas-sistemi, komputu li bħalissa taqsam mal-Kummissjoni Ewropea. Ir-rapporti dwar il-FLS rilevanti kienu pprovduti lid-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (DG HOME) fil-ħin, skont il-memorandum ta' qbil (MtQ) li hemm fis-seħħ.

Is-servizzi ta' ġestjoni operattiva ta' DubliNet twettqu wkoll skont l-MtQ iffirmit mill-Kummissjoni Ewropea. Fir-rigward ta' VISION, l-Aġenzija assigurat b'suċċess l-integrazzjoni u l-ġestjoni effettivi tal-kompiti operattivi.

Il-proposta dwar kif għandu jiġi indirizzat it-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS, inkluż l-aproċċ, it-tfassil ta' livell għoli u l-iskeda, ġiet ippreżentata lill-Istati Membri. Ġew ippreparati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-istudju tas-suq dwar is-soluzzjoni ta' riżerva u għat-tfassil u l-implimentazzjoni pilota. L-istudju tas-suq dwar is-soluzzjoni ta' riżerva nbeda. Il-VIS Mail 2 bdiet topera fl-20 ta' Jannar 2016, skont id-deċiżjoni rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea. Il-perjodu ta' osservazzjoni tas-sistema ntemm fil-21 ta' Marzu 2016 u r-rapport finali, flimkien mad-dokument informali, ġie ppreżentat lill-Kunsill fil-21 ta' Marzu 2016.

### **Żvilupp u implimentazzjoni ta' Sistemi Ġodda**

Fi Frar 2013, il-Kummissjoni Ewropea introduċiet pakkett ta' proposti leġislattivi dwar il-Fruntieri Intelliġenti, li għandhom l-għan li jimmodernizzaw il-ġestjoni tal-fruntieri esterni ta' Schengen. Tnieda studju tekniku mill-Kummissjoni Ewropea sabiex jindirizza ulterjorment l-aktar soluzzjonijiet xierqa u biex jagħmel stimi tal-kostijiet għall-implimentazzjoni tal-pakkett tal-Fruntieri Intelliġenti u dan ġie konkluż fl-2014. L-istudju, li tmexxa mill-Kummissjoni Ewropea, kien segwit minn fażi ta' ttestjar li twettqet matul l-2015 bħala proġett pilota, li kien assenjat lil eu-LISA. Ibbażati fuq is-sejbiet tal-istudju tekniku, ir-riżultati tal-proġett pilota ta' eu-LISA, id-diskussjonijiet tekniċi mal-koleġżlaturi u l-partijiet interessati, kif ukoll konsultazzjoni pubblika fis-6 ta' April 2016 dwar l-introduzzjoni ta' proposta ġdida għall-Fruntieri Intelliġenti, li kienet immexxija wkoll mill-Kummissjoni Ewropea, il-proposti kienu akkumpanjati minn valutazzjoni dettaljata tal-impatt. Dan ħareġ minn preparamenti estensivi u kien jirrappreżenta evoluzzjonijiet sinifikanti, meta mqabbel mal-proposta oriġinali mill-2013.

Wara l-eżitu tal-fażi ta' ttestjar u l-adozzjoni tal-proposti legiſlattivi, il-pakkett tal-Fruntieri Intelliġenti kien mistenni li jiġi adottat mill-koleġiżlaturi fl-2016, mill-aktar fis possibbli. L-adozzjoni tal-proposti mill-koleġiżlaturi, madankollu, ma kinitx finalizzata sal-aħħar tal-2016 u jidher evidenti li, sabiex is-Sistema EES tkun operattiva sal-bidu tal-2020 (wara t-tliet snin meħtieġa għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-sistema), iż-żmien ta' implimentazzjoni tal-EES ta' 3 snin jista' jkun ta' sfida kbira.<sup>7</sup>

L-Aġenzija pparteċipat f'numru ta' laqgħat ta' livell għoli mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li fihom eu-LISA kkontribwiet l-għarfien espert tagħha għall-iskambju ta' veduti dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni teknika u l-operazzjonijiet tal-EES. Barra minn hekk, fil-qafas tad-diskussjonijiet round-table tagħha tal-industrija f'Ġunju u f'Ottubru 2016, eu-LISA ppromoviet ir-rabta tal-iżviluppi għall-EES ma' suġġetti ġenerali dwar l-interoperabbiltà. Internament, l-Aġenzija ħadet passi inizjali sabiex tmexxi 'l quddiem din l-attività billi nediet sejħa għall-interess fl-istabbiliment ta' listi ta' riżerva għal postijiet addizzjonali għall-EES.

eu-LISA bdiet il-ħidma preparatorja neċessarja f'nofs l-2016, wara deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija. L-Aġenzija għandha l-għan li tikkonkludi din il-ħidma sat-tieni kwart tal-2017. Dwar ir-riskji ewlenin relatati mal-ħidmiet preparatorji għall-EES, l-Aġenzija hija fil-fehma li jekk l-adozzjoni tal-bażi legali tiegħu aktar milli mistenni, dan jagħmel il-bidu tat-tħaddim tas-sistema fl-2020 ta' sfida kbira. Barra minn hekk, l-Aġenzija tistenna li tiffaċċja diffikultajiet fir-reklutaġġ sakemm ma jkunux disponibbli l-persuni kollha fil-listi ta' riżerva mħejjija minn qabel. Riskju addizzjonali għall-Aġenzija huwa d-dewmien possibbli tal-Kummissjoni biex tintroduċi d-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni neċessarji fil-ħin, wara l-adozzjoni tal-bażi legali tal-EES.

Fl-aħħar nett, eu-LISA kkonkludiet numru ta' workshops tekniċi biex tiddekrivi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-EES matul il-perjodu tar-rappurtar. Barra minn hekk, u b'referenza għall-Proġett tal-Fruntieri Intelliġenti (bħala tħejjija għas-EES) u l-Ftehim ta' Delega inkorporat tiegħu dwar il-Fruntieri Intelliġenti, fuq talba tad-Direttur Eżekuttiv, matul l-2016 twettqet attività ta' awditjar ġdida mill-IAC għat-tfassil tal-miżuri inklużi ta' kontroll intern.

Sabiex tappoġġa l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex tintroduċi l-Pakkett ta' Riforma ta' Dublin, l-Aġenzija pparteċipat f'numru ta' workshops u assistiet lill-Kummissjoni Ewropea fl-ispeċifikazzjoni tar-rekwiżiti għal Sistema Awtomatizzata ġdida ta' Dublin, kif previst fil-proposta ta' Dublin IV.

### **Sigurtà u protezzjoni tad-data**

F'eu-LISA, is-sigurtà hija kwistjoni orizzontali, fejn ma jridux jiġu kkunsidrati biss il-komponenti tas-software u l-ħardwer tas-sistemi ġestiti, iżda wkoll il-mod li bih dawn jirrelataw mal-proċessi tan-negozju u l-protezzjoni fiżika tas-siti. L-identifikazzjoni, il-prioritizzazzjoni u r-rispons effettivi għall-kwistjonijiet u r-riskji fiżiċi u għas-sigurtà tal-informazzjoni kollha ssoktaw fl-2016 sabiex jassiguraw li l-Aġenzija tevolvi u tkompli timplimenta l-oqfsa u l-proċeduri tas-sigurtà rilevanti biex tilħaq din l-isfida.

Il-miżuri u l-pjanijiet tas-sigurtà xierqa għas-SIS II, il-VIS u l-Eurodac u n-netwerks ta' komunikazzjoni rispettivi tagħhom kienu kontinwament fis-seħħ u adattati biex jilqgħu għal kwalunkwe sfida fiżika jew għas-sigurtà tal-informazzjoni. Il-kontrolli fiżiċi tas-sigurtà fis-siti tal-Aġenzija komplew jinżammu b'mod b'saħħtu, bl-aċċess operattiv u amministrattiv għas-sistemi ċentrali u ta' riżerva jkun ġestit b'mod strett. Barra minn hekk, kwalunkwe komunikazzjoni bejn is-sistemi u lill-Istati Membri kienet kriptata u kien hemm fis-seħħ kontrolli tan-network b'diversi saffi ta' firewalls u kontrolli tal-integrità. Minbarra dan, l-Aġenzija kompliet bl-isforzi tagħha sabiex tevolvi l-infrastruttura tas-sigurtà tagħha. Tlesta t-tfassil tal-Infrastruttura ta' Ċavetta Pubblika (PKI); dan jirrappreżenta l-ewwel pass lejn l-implimentazzjoni tal-pjattaforma tal-PKI għal eu-LISA. L-implimentazzjoni se ssewgi fl-2017.

Matul l-2016, l-Aġenzija għamlet progress biex tiġi konformi mal-istandards tal-ISO27001 rilevanti, inkluż bl-implimentazzjoni tal-governanza tas-sigurtà integrata u soluzzjonijiet għar-riskji u l-konformità sabiex ikun assigurat li l-kontrolli tas-sigurtà xierqa għas-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija ġew implimentati kif suppost u

<sup>7</sup> Meta wieħed iqis l-esperjenza ta' eu-LISA fl-immaniġġar ta' offerti ta' akkwist kumplessi u attivitajiet ta' manutenzjoni u evoluzzjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira u meta wieħed iqis iż-żmien meħtieġ għall-adozzjoni tal-istrumenti legali neċessarji mill-koleġiżlatur.

indirizzaw b'mod adegwat ir-riskji tas-sigurtà applikabbli. Sabiex tassigura l-konformità ma' dawn l-istandards, l-Aġenzija kompliet timplimenta arranġamenti u proċessi sabiex tassigura li s-sistemi u n-netwerks tagħha jkunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' kontrolli tas-sigurtà tal-linja bażi, għall-ġestjoni formali tar-riskji u għall-approvazzjoni tas-sigurtà, u għal monitoraġġ u ġestjoni kontinwi ta' kwalunkwe riskju residwu.

L-Aġenzija kompliet ukoll timmonitorja u ttejjeb l-effikaċja tal-istrategġija tagħha għall-ġestjoni tal-kontinwità tal-operat, billi tassigura li għandha fis-seħħ politiki, proċeduri u arranġamenti ta' ġestjoni b'saħħithom u ttestjati sewwa sabiex iwiegħbu għal, jinvestigaw u jirkupraw minn inċidenti tas-sigurtà jew tfixkil ieħor fl-operazzjonijiet tagħha. L-Aġenzija kompliet tipprovi wkoll sensibilizzazzjoni strateġika dwar is-sigurtà lis-Segretarjat tan-Netzwerk tal-Uffiċjali tas-Sigurtà (SON), filwaqt li organizzat il-laqgħa tas-SON kif ipplanat.

eu-LISA kompliet tassigura wkoll konformità sħiħa u rigoruża mad-dispożizzjonijiet kollha dwar il-protezzjoni tad-data li jikkonċernaw kwalunkwe aċċess għad-data fis-sistemi ġestiti minnha, bl-użu ta' mudell ta' governanza tal-informazzjoni li jħares u jimmaniġġa l-informazzjoni tul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tagħha sabiex jassigura sigurtà, aċċess u disponibbiltà xierqa. L-Aġenzija żammet sistema sħiħa ta' protezzjoni tad-data fir-rigward tal-operazzjonijiet amministrattivi tagħha u integrat kunsiderazzjonijiet ewlenin tal-protezzjoni tad-data fil-politiki u l-metodoloġiji eżistenti dwar il-ġestjoni tal-proġetti u r-riskji.

F'konformità mar-rekwiżiti legali rilevanti, l-Aġenzija kompliet iżżomm ukoll separazzjoni sħiħa tad-data ta' kull sistema individwali sabiex iżżomm l-oġġla livell ta' sigurtà, protezzjoni tad-data u affidabbiltà.

### Rapportar u statistika

Matul l-2016, l-Aġenzija kompliet tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Uffiċjal Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-funzjonament tekniku u s-sigurtà tas-sistema tal-VIS u l-Eurodac, kif ukoll l-istatistika annwali u l-aġġornament tal-lista tal-awtoritajiet kemm għas-SIS II kif ukoll għall-Eurodac.

Għall-2016, ġew indirizzati r-rekwiżiti speċifiċi ta' rapportar li ġejjin:

- il-produzzjoni tal-istatistika annwali tas-SIS II għall-2015, adottata mill-Grupp Konsultattiv tas-SIS II f'Marzu 2016;
- l-aġġornament annwali tal-lista tal-awtoritajiet tas-SIS II, adottata mill-Bord tat-Tmexxija f'Ġunju 2016;
- il-produzzjoni tal-istatistika annwali tal-Eurodac għall-2015, adottata mill-Grupp Konsultattiv tal-Eurodac f'April 2016;
- il-pubblikazzjoni tal-lista aġġornata tal-awtoritajiet tal-asil, adottata mill-Bord tat-Tmexxija f'Mejju 2016;

Barra minn hekk, ir-rapport tekniku biannwali dwar il-funzjonament tal-VIS ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija f'Lulju 2016.

### Forniment ta' taħriġ dwar is-sistemi lill-Istati Membri

Fl-2016, l-Aġenzija wettqet pjan ta' taħriġ komprensiv. Għandu jiġi nnotat li l-attivitajiet ta' taħriġ skedati kollha twettqu kif ipplanat. Il-lista sħiħa ta' korsijiet ta' taħriġ li twettqu matul is-sena tinkludi dawn li ġejjin:

- webinar għall-evalwaturi ta' Schengen (LU);
- webinar għall-evalwaturi ta' Schengen (IT);
- programm ta' taħriġ għall-persunal il-ġdid tal-VIS għar-riżorsi umani (HR) żjara għand eu-LISA;
- taħriġ għall-uffiċjali ta' SIRENE (ma' CEPOL);
- kors fil-klassi: "L-użu tekniku tal-VIS — ħarreġ lil min iħarreġ";
- workshop: "Is-simulatur tas-CS u l-Kontroll tal-Konsistenza tad-Data";
- webinar dwar il-VIS u l-BMS — elementi bażiċi;
- webinar: "Il-funzjonijiet ta' tfittxija tal-VIS";
- workshop: "Il-prestazzjoni bijometrika, il-ġestjoni tal-kwalità u l-evoluzzjonijiet għall-BMS";
- workshop dwar il-kwalità tal-Eurodac;
- webinar għall-evalwaturi ta' Schengen (EL);
- taħriġ għall-evalwaturi ta' Schengen (ma' CEPOL);
- workshop: "Prattika u prospetti għall-hotspots fil-Greċja u l-Italja" (ma' CEPOL);

- webinar: "Il-ġestjoni tat-tibdil";
- SMg għall-Eurodac — dimostrazzjoni live;
- "Taħriġ lil min iħarreġ" — operaturi tal-IT tas-SIS II, VIS u Eurodac;
- webinar: "SMg għall-Eurodac";
- SIS II għal SIRENE;
- webinar: "eu-LISA";
- webinar: "L-elementi bażiċi tal-Eurodac";
- webinar għall-evalwaturi ta' Schengen (MT);
- taħriġ għall-Uffiċjali ta' SIRENE — speċjalizzat (ma' CEPOL);
- programm ta' taħriġ għall-persunal il-ġdid tal-VIS għall-HR — żjara fl-HR;
- kors fil-klassi: "L-użu tekniku tal-VIS — ħarreġ lil min iħarreġ";
- kors fil-klassi: "L-użu tekniku tal-VIS — ħarreġ lil min iħarreġ";
- webinar għall-evalwaturi ta' Schengen (FR);
- l-użu tekniku tal-Eurodac — CY (ma' EASO);
- taħriġ għall-persunal il-ġdid ta' SIS II/SIRENE: aġġornament għall-HR;
- Il-kwalità tad-data tal-VIS — taħriġ lill-utenti finali tal-Istati Membri;
- webinar: "SIS II bażiku";
- taħriġ operattiv għall-Istati Membri (SIS II), sessjoni I;
- taħriġ operattiv għall-Istati Membri (SIS II), sessjoni II;
- evalwazzjoni ta' Schengen — kooperazzjoni tal-pulizija (ma' CEPOL).

Fl-2016, eu-LISA tat b'kollox 33 sessjoni ta' taħriġ fuq diversi skali u f'diversi formati, minn workshops żgħar sa korsijiet kbar fil-klassi, u minn taħriġ prattiku għal webinars. L-Aġenzija pprovdiet kontinwament taħriġ xieraq lill-Istati Membri dwar l-użu tekniku tas-SIS II, il-VIS u l-Eurodac. Hija pprovdiet ukoll taħriġ xieraq għall-persunal ta' SIRENE, għall-membri tat-tim ta' evalwazzjoni ta' Schengen u għall-esperti ewlenin dwar l-aspetti tekniċi tas-SIS II.

Ir-reviżjoni tal-Istrateġija ta' Taħriġ 2013-2016 (għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCPs)), f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) u s-CEPOL, għadha għaddejja. Sabiex tiġi amministrata b'mod effettiv il-pjattaforma ta' taħriġ ta' eu-LISA, inħolqot struttura ta' sistema ta' ġestjoni tat-tagħlim u din hija disponibbli għall-utenti.

Ir-rata medja ta' sodisfazzjon ta' 88.15 % jew ta' 4.45 (skont l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs)) turi b'mod ċar livell għoli ħafna ta' sodisfazzjon fost l-apprendisti dwar il-korsijiet ta' eu-LISA, u turi l-valur miżjud ġenerali tat-taħriġ mogħti fl-2016. L-attivitajiet ta' taħriġ huma miġburin fil-qosor fir-rapport annwali ta' implimentazzjoni dwar l-attivitajiet ta' taħriġ ta' eu-LISA, li ġie ppreżentat lill-Gruppi Konsultattivi (AGs) u lir-rappreżentanti tan-netwerk ta' NCPs.

## **Attivitajiet taħt I-Għan Strateġiku 2: "Insiru ċentru ta' eċċellenza tal-ICT u fornitur tas-servizz rikonoxxut"**

### **Żvilupp kontinwu lejn ċentru ta' eċċellenza fis-servizzi tal-ICT u l-governanza korporattiva**

Fl-2016, eu-LISA kompliet tiżviluppa l-mudell operattiv tagħha bbażat fuq ITIL/ITSM. Matul is-sena, ġew dokumentati l-biċċa l-kbira tal-proċessi operattivi u l-Kumitat ta' Tmexxija tal-Aġenzija adotta pakkett ippreparat. Dawn il-proċessi jinkludu l-ġestjoni tal-aċċess, il-ġestjoni tal-inċidenti, il-ġestjoni tal-problemi, il-ġestjoni tat-twerttiq ta' talbiet, il-ġestjoni tat-tibdil, il-bidliet interni, il-ġestjoni tat-tibdil fl-Istati Membri, il-ġestjoni tal-konfigurazzjoni, il-ġestjoni tal-ħarġiet, il-ġestjoni tat-testijiet u l-ġestjoni tal-livell ta' servizz, kif ukoll il-ġestjoni tal-katalgu tas-servizzi ta' eu-LISA, inklużi s-servizzi kollha li eu-LISA tipprovdli lill-partijiet interessati tagħha, kemm interni kif ukoll esterni. Barra minn hekk, ġew assenjati sidien tal-proċess għal kull proċess individwali, u ġew definiti indikaturi tal-prestazzjoni operattiva. Twettqet implimentazzjoni pilota tal-indikaturi tal-prestazzjoni operattiva minn SM 9. Din se sservi bħala linja bażi għall-irfinar ġejjieni tal-indikaturi u d-diskussjonijiet mal-Istati Membri fl-AGs tal-aġenzija. Il-ġestjoni tal-kapaċità, il-ġestjoni tad-disponibbiltà, il-ġestjoni tal-għarfien, il-ġestjoni tal-

avvenimenti u, b'mod partikolari, il-proċessi ta' titjib kontinwu tas-servizzi għad iridu jiġu żviluppati u implimentati, li se jggarantixxu l-adozzjoni kompleta tal-approċċ ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja tas-servizzi, bil-għan li jiġu pprovduti servizzi effiċjenti u stabbli lill-Istati Membri u jiġu indirizzati l-ħtiġijiet li qegħdin jevolvu tal-partijiet interessati.

Fl-istess ħin, l-Aġenzija kompliet tevolvi l-mudell ta' governanza interna tagħha. Billi kompliet fuq il-ħidma mwettqa fl-2015, il-mudell ġie rfinut aktar fl-2016. In-numru ta' korpi interni involuti fil-proċess ta' governanza tnaqqas għal erbgħa, jiġifieri:

- il-Bord ta' Ġestjoni tat-Tibdil;
- il-Bord Konsultattiv dwar it-Tibdil Operattiv;
- il-Bord għal Proġetti multipli;
- il-Kumitat ta' Tmexxija tal-Proġetti.

Għal kull korp, il-Kumitat ta' Tmexxija tal-Aġenzija adotta mandat u regoli ta' proċedura.

Barra minn hekk, ittieħdet deċiżjoni sabiex jiġi stabbilit Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża (EPMO) fi ħdan l-Aġenzija. Il-missjoni tal-EPMO se tkun li jintegra u jimmonitorja l-proġetti kollha ta' eu-LISA, kif ukoll li jikkontribwixxi għall-governanza interna fi ħdan l-Aġenzija biex jassigura t-trasparenza, l-akkontabilità u l-użu tal-aħjar prattiki standard tal-industrija; li jwassa għas-sodisfazzjon tal-partijiet interessati u jippermetti governanza interna aħjar, u b'hekk iservi bħala punt fokali għall-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi interni fl-Aġenzija.

## **Tkabbir tal-ħila esperta tal-Aġenzija fit-teknoloġija u n-negozju**

### *Ġestjoni tat-tibdil*

Fl-2016, l-Aġenzija kompliet fl-isforzi tagħha sabiex tevolvi u tirfina aktar il-proċess ta' ġestjoni tat-tibdil (ChMP) li diġà kien ġie implimentat. Is-ChMP jassigura approċċ ikkoordinat u koerenti għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-implimentazzjoni ta' bidliet fis-sistemi taħt il-ġestjoni tal-Aġenzija. Is-ChMP jipprovdvi sett ta' għodod standard lill-Istati Membri u lill-Aġenzija sabiex jimmaniġġaw il-bidliet fis-sistemi, li jirriżultaw mill-ħtiġijiet tal-Istati Membri jew l-evoluzzjoni tal-istrumenti legali li jirregolaw is-sistemi.

Fl-2016, l-Aġenzija wettqet rieżami tas-ChMP f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea u ġew identifikati numru ta' titjibiet, fosthom:

- definizzjoni aħjar tat-tipi ta' ħarġiet;
- definizzjonijiet aħjar taċ-ċiklu ta' implimentazzjoni tal-ħarġiet, inkluż it-tul ta' żmien provviżorju ta' fażijiet individwali, eċċ.

Il-proċess emendat ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2016.

### *Ċentru tat-Teknoloġija tal-UE*

Quddiem l-isfidi persistenti u diffiċli fil-qasam tas-sigurtà interna u l-ġestjoni tal-fruntieri, l-UE ħarset dejjem aktar lejn il-kapaċitajiet tat-teknoloġija sabiex tipprovdvi soluzzjonijiet effiċjenti li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fil-qasam tal-ĠAI. Barra minn hekk, l-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntieri, is-sigurtà interna u l-ġestjoni tal-migrazzjoni jgħaddu minn trasformazzjoni rapida ħafna. Fil-qalba tagħha hemm id-dipendenza totali tagħhom fuq it-teknoloġiji, id-data u l-informazzjoni. Abbażi tal-esperjenza tagħha, l-Aġenzija temmen li dan il-proċess se

jkompli fis-snin li ġejjin. Fl-istess ħin, dawk li jfasslu l-politika fil-livell tal-UE u nazzjonali se jkomplu jfittxu li jżidu l-effiċjenza filwaqt li fl-istess ħin jimminimizzaw l-ispejjeż kemm jista' jkun. L-Aġenzija temmen li sabiex dan l-objettiv jintlaħaq b'mod aktar effiċjenti, għandu jiġi kkunsidrat approċċ strutturat għall-esplorazzjoni u l-użu tat-teknoloġiji fuq livell tal-UE. Se jkun kruċjali wkoll li d-djalogu bejn l-industrija u s-settur pubbliku jiġi rinforsat u jissaħħaħ.

Sabiex tindirizza din ix-xejra emerġenti, fl-2016 eu-LISA introduċiet il-Bord tat-Tmexxija tagħha għall-kunċett ta' Ċentru tat-Teknoloġija tal-UE. L-għan taċ-Ċentru jkun li jappoġġa lill-Istati Membri sabiex jesploraw u jużaw il-kapaċitajiet tat-teknoloġiji moderni b'mod aktar effiċjenti u kosteffettiv, kif ukoll li jiffaċilita, jiggwida u, fejn ikun xieraq, imexxi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi sabiex jappoġġaw il-politiki fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. Iċ-Ċentru jservi wkoll bħala pjattaforma għal interazzjoni strutturata bejn l-industrija u s-settur pubbliku. L-istabbiliment tiegħu jkun ukoll kontribut sinifikanti għall-isforzi tal-Aġenzija biex tikber bħala ċentru ta' eċċellenza tal-IT rikonossut tal-UE.

### **Attivitajiet taħt l-Għan Strateġiku 3: "Tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija tal-ICT tal-UE u ċ-ċentru ta' kompetenzi prinċipali"**

#### **Sħubijiet mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u partijiet interessati oħra**

Matul l-2016, l-Aġenzija kellha tindirizza l-aspettattivi akbar tal-partijiet interessati tagħha, jew direttament relatati mas-sistemi tal-IT fuq skala kbira jew fir-rigward ta' attivitajiet oħra fi ħdan il-mandat tal-Aġenzija, b'mod partikolari l-ħidma tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli (HLEG) dwar l-interoperabbiltà. Il-Komunikazzjoni dwar Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'Saħħithom u Aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà" (COM (2016) 205), maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea fis-6 ta' April 2016, stabbiliet id-direzzjoni strateġika għall-evoluzzjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-ĠAI, l-iżvilupp ta' sistemi ġodda sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fl-arkitettura Ewropea għall-ġestjoni tal-informazzjoni u l-interoperabbiltà tas-sistemi bħala prijoritajiet politiċi. Fid-dawl tar-rwol ta' eu-LISA fil-ġestjoni u l-iżvilupp ta' sistemi fuq skala kbira, din il-komunikazzjoni għalhekk tistabbilixxi qafas strateġiku għar-rwol imsaħħaħ ta' eu-LISA sabiex tissalvagwardja l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja minn hawn 'il quddiem.

Fl-2016, il-Kummissjoni Ewropea ħolqot Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli (HLEG) dwar l-interoperabbiltà. Il-kompitu tiegħu kien li jsewgi l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' April 2016 "Sistemi ta' Informazzjoni Aktar b'Saħħithom u Aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà" u li jesplora fil-fond id-dimensjonijiet differenti tal-interoperabbiltà. L-Aġenzija pprovdiet kontributi wiesgħa u proattivi għall-ħidma tal-grupp, billi ħejjiet numru ta' inputs ewlenin, bħal pjan direzzjonali għat-titjib tal-kwalità tad-data, pjan direzzjonali għall-iżvilupp ta' servizzi ta' tqabbil bijometriku kondiviżi u ħafna oħrajn. L-Aġenzija kienet kontributor proattiv għall-ħidma tas-sottogruppi li nħolqu sabiex jappoġġaw il-ħidma tal-HLEG.

B'rikonossiment tal-importanza strateġika tal-interoperabbiltà, l-Aġenzija pprovdiet kontributi sinifikanti għad-dibattitu fl-HLEG u s-sottogruppi tiegħu. L-Aġenzija stabbiliet task force interna li ħolqot numru ta' dokumenti u rapporti analitiċi, li ġew diskussi ulterjorment mal-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri fl-HLEG, li rriżultaw f'azzjonijiet prattiċi maqbula. Bħala eżempju, ġiet ipprovduta informazzjoni statistika dettaljata dwar l-użu tas-sistemi u l-kwalità tad-data, kif ukoll abbozz ta' mudell tal-arkitettura tad-data, sabiex jiġi stabbilit it-ton għal diskussjonijiet ibbażati fuq l-evidenza.

Bir-rapport interim tal-HLEG maħruġ f'Diċembru 2016, eu-LISA ntalbet testendi l-kontribut tagħha u biex twettaq numru ta' studji dwar l-opzjonijiet tekniċi għall-iżvilupp ta' Portal Ewropew tat-Tiftix (ESP) u Servizz ta' Tqabbil Bijometriku kondiviżi. Ġiet mitluba wkoll prova tal-kunċett għall-ESP, flimkien ma' diversi attivitajiet oħra fl-oqsma tal-kwalità tad-data, kif ukoll repożitorju komuni tad-dejta. L-Aġenzija se tkompli tikkontribwixxi għal u tappoġġa l-HLEG fl-2017.

eu-LISA qiegħda taħdem b'mod proattiv mal-Istati Membri; it-tmexxija tal-Forum ta' Tmexxija tal-Proġett tal-Eurodac, min-naħa tal-Aġenzija, hija eżempju notevoli ta' dan.

B'mod parallel, l-Aġenzija fittxet ukoll li tmexxi 'l quddiem l-attivitajiet proposti taħt il-pjan direzzjonali għat-tisfiħ tal-iskambju ta' informazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni, inklużi soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. Abbażi ta' pjan ta' azzjoni ppreżentat, l-Aġenzija ġiet approvata bħala l-koordinatur tal-azzjonijiet għall-isforzi sabiex tittejjeb il-kwalità tad-data fis-sistemi tal-informazzjoni (l-Azzjoni 2 tal-pjan direzzjonali u l-Azzjoni 4 tal-Istrateġija Mġedda għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni (IMS), il-ħames lista ta' azzjonijiet). Għall-azzjonijiet l-oħra kollha li għalihom eu-LISA hija prevista bħala parti interessata, il-kontributi tal-Aġenzija ġew innutati fir-rapporti reċenti kollha dwar l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali.

### **Šhubija ma' aġenziji oħra**

Fil-perjodu tar-rapportar, eu-LISA fittxet li tibni l-kapaċitajiet strateġiċi tal-Aġenzija ulterjorment u li toħloq sinerġiji u ekonomiji ta' skala, billi tistabbilixxi šhubijiet ma' aġenziji oħra fil-qasam tal-ĠAI u tipprovdi lilhom u lill-Istati Membri servizzi abbażi tal-mandat tagħha u skont il-prinċipju ta' komplimentarjetà.

F'dan il-perjodu ta' rapportar, issoktat il-kooperazzjoni bilaterali mal-imsieħba fil-qasam tal-ĠAI, b'mod partikolari mal-aġenziji tal-ĠAI. Il-Memorandum ta' Qbil mal-Europol ġie ffinalizzat f'Marzu 2016. eu-LISA kkooperat mal-Europol dwar l-applikazzjoni aktar wiesgħa tal-UMF<sub>3</sub> u skambjat opinjonijiet dwar il-mudell ta' implimentazzjoni tal-PNR. eu-LISA u l-Europol intensifikaw aktar il-kooperazzjoni tagħhom fil-qafas tal-EMPACT (Pjattaforma Multidixiplinari Ewropea kontra t-Theddid Kriminali), b'mod partikolari għat-tliet prijoritajiet tal-attakki ċibernetiċi, l-immigrazzjoni illegali faċilitata u t-traffikar tal-armi tan-nar.

L-arranġament ta' ħidma mal-FRA ġie ffinalizzat f'Lulju 2016. F'dan il-kuntest, eu-LISA u l-FRA organizzaw workshops bilaterali dwar is-sistemi mmexxija minn eu-LISA u komplew jikkooperaw dwar l-użu tal-bijometrika f'sistemi tal-IT fuq skala kbira.

Il-Pjan ta' Kooperazzjoni Annwali fuq livell ta' ħidma mas-CEPOL ġie miftiehem fil-bidu tas-sena. Barra minn hekk, eu-LISA u s-CEPOL ikkonkludew ftehim dwar kooperazzjoni rigward l-attivitajiet ta' taħriġ. Saru diversi korsijiet ta' taħriġ b'kollaborazzjoni mas-CEPOL dwar l-użu tas-sistemi tal-IT ġestiti minn eu-LISA u l-użu tas-SIS II mill-uffiċjali nazzjonali ta' SIRENE; u għoti ta' informazzjoni lill-evalwaturi ta' Schengen għall-missjonijiet ta' evalwazzjoni tas-SIS/SIRENE. Is-CEPOL u eu-LISA komplew l-iskambju ta' persuni li jipprovdu taħriġ u l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar l-iżvilupp ta' pjattaformi ta' taħriġ. Barra minn hekk, baqa' disponibbli l-aċċess reċiproku tal-membri tal-persunal u ta' dawk li jipprovdu taħriġ għall-pjattaforma ta' taħriġ LMS ta' eu-LISA<sup>8</sup> u għall-pjattaforma ta' taħriġ e-Net tas-CEPOL<sup>9</sup>.

Ġie konkluż ukoll pjan ta' kooperazzjoni annwali mal-Frontex, bħal f'xi snin preċedenti. Ġiet finalizzata l-kooperazzjoni dwar l-inizjattiva tal-Proġett Pilota tal-Fruntieri Intelliġenti bejn eu-LISA u l-Frontex bil-ħsieb tal-implimentazzjoni prattika tal-proposta leġislattiva għas-Sistema ta' Dħul/Truġ fil-ġejjieni. Kompliet il-kooperazzjoni mill-qrib fil-kuntest tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kontrolli Awtomatizzati tal-Fruntieri (ABC WG) u l-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-VIS, il-grupp ristrett tal-proġett tal-Masterlist ta' Schengen u fora oħra. Kompliet ukoll il-kooperazzjoni dwar il-proċess ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà tan-Netwerk ta' Komunikazzjoni tal-Eurosur. Frontex u eu-LISA kienu involuti wkoll fit-tnejn għall-implimentazzjoni tal-ospitar, minn eu-LISA, ta' sit ta' rkupru minn diżastru għaċ-Ċentru tad-Data tal-Frontex.

<sup>8</sup> <https://extranet.eulisa.europa.eu/sites/ExtTraining>

<sup>9</sup> <https://enet.cepol.europa.eu>



Fil-kuntest tal-pjan ta' kooperazzjoni annwali bejn l-EASO u eu-LISA, il-kooperazzjoni ġiet imsaħħa bil-qsim ta' veduti dwar il-Hotspots u dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament Eurodac u r-reviżjoni ulterjuri tiegħu. Ġie organizzat b'mod konġunt kors ta' taħriġ minn eu-LISA u l-EASO, u eu-LISA ospitat ukoll kors ta' taħriġ tal-EASO wara talba rispettiva. Issokta l-iskambju ta' pjanijiet ta' taħriġ, materjali, moduli, rapporti u dokumenti oħra relatati mat-taħriġ, speċjalment dawk relatati mal-asil u Dublinet. Fit-tieni nofs ta' Jannar 2016, id-Diretturi ta' eu-LISA u l-EASO ffirmaw ftehim dwar is-sit ta' rkupru għall-infrastruttura loġika tal-ICT u l-komunikazzjonijiet tal-EASO. L-għan ta' dan il-ftehim huwa li jiġu pprovduti servizzi minn eu-LISA għal sit sekondarju (sit ta' rkupru) għas-servers tal-EASO. L-idea ta' kooperazzjoni ġejja mill-ħtieġa tal-EASO li jassigura d-disponibbiltà mhux interrotta tar-riżorsi tal-ICT tiegħu sabiex ikun jista' jissodisfa r-rekwiżiti tal-kontinwità tal-operat. Il-ftehim ġie ffirmat bejn iż-żewġ aġenziji permezz ta' proċedura bil-miktub fit-18 ta' Jannar 2016 minn eu-LISA f'Tallinn u fit-22 ta' Jannar 2016 mill-EASO fil-Belt Valletta. Dan il-ftehim ikopri l-ospitar tas-sit ta' rkupru għall-infrastruttura loġika u l-komunikazzjonijiet tal-ICT tal-EASO għall-perjodu 2016-2020. L-ospitar tal-infrastruttura ġie maqbul li jitwettaq fis-sit ta' eu-LISA fi Strasburgu.

Kompla t-tfassil ta' Memorandum ta' Qbil mal-Eurojust u l-ftehim huwa previst li jiġi konkluż fl-2017.

Sabiex tiġi stabbilita kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-ENISA, fl-aħħar ta' Awwissu 2016 sar skambju inizjali bejn iż-żewġ aġenziji sabiex jiġu identifikati oqsma possibbli ta' kollaborazzjoni. Ftehim ta' kooperazzjoni bilaterali huwa mistenni li jiġi maqbul fl-2017.

Fl-2016, eu-LISA pparteċipat f'numru akbar ta' attivitajiet konġunti ma' aġenziji oħra milli fi snin preċedenti. Kien hemm kollaborazzjoni attiva wkoll mal-aġenziji msieħba fil-qafas tan-netwerk tal-aġenziji tal-ĠAI, presedut mill-FRA fl-2016, fejn l-aġenziji skambjaw b'mod regolari informazzjoni dwar il-kontribut tagħhom għall-implimentazzjoni tal-Aġendi Ewropej dwar il-Migrazzjoni u s-Sigurtà u l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda tal-UE. Is-suġġett tad-drittijiet fundamentali kien taħt attenzjoni partikolari matul is-sena. eu-LISA infurmat b'mod regolari lill-aġenziji tal-ĠAI dwar l-attivitajiet l-aktar rilevanti fil-ġestjoni u l-evoluzzjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira użati għall-infurzar tal-liġi, kif ukoll għal skopijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri, tal-migrazzjoni u tal-asil u dwar il-ħidma tagħha sabiex tappoġġa d-diskussjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni u l-interoperabbiltà. Barra minn hekk, eu-LISA kkontribwiet għat-tfassil tar-rekwiżiti kummerċjali, tal-IT u operattivi għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata tal-UE bejn l-aġenziji tal-ĠAI fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Pjan direzzjonali għall-ICT tan-netwerk. L-aġenziji tal-ĠAI skambjaw veduti wkoll dwar il-proċeduri u t-teknoloġiji tar-reġistrazzjoni, ir-rilokazzjoni u l-Hotspots fil-laqgħat tan-netwerk fl-2016.

### **Tisħiħ ulterjuri tal-komunikazzjoni esterna**

Fl-2016, xprunata mill-Istrateġija ta' Komunikazzjoni Esterna u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha, l-Aġenzija ffukat l-isforzi ta' komunikazzjoni esterna tagħha fuq il-forniment ta' informazzjoni regolari lill-pubbliku Ewropew dwar il-mandat u l-attivitajiet tagħha. Hija se tkompli tippromwovi lill-Aġenzija, billi żżomm l-immagnażni pożittiva tagħha, u se ssaħħaħ il-preżenza tal-Aġenzija fuq l-internet bl-applikazzjoni diliġenti ta' strateġija tal-midja soċjali xierqa. L-Aġenzija se tibqa' konformi wkoll mal-obbligi statutorji u legali kollha tagħha fir-rigward tal-pubblikazzjoni ta' ċerti tipi ta' informazzjoni u se tippubblica statistika u rapporti b'mod regolari dwar l-użu u l-prestazzjoni tas-sistemi tagħha.

Fil-koordinament tal-avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni għar-relaturi tal-informazzjoni u l-imsieħba, saru żewġ sessjonijiet fi Brussell, għall-Kunsilliera tal-ĠAI (13 ta' April 2016) u għall-uffiċjali tal-Parlament Ewropew (20 ta' April 2016). Ġew identifikati u mwettqa avvenimenti ta' viżibilità ta' Jum l-Ewropa f'Tallinn, Strasburgu u Brussell. Fis-7 ta' April 2016 f'Tallinn saret laqgħa ddedikata għall-istampa għal sedi ta' kwalità internazzjonali u nazzjonali. Sabiex tassigura li żewġ żjarat ta' livell għoli ta' uffiċjali tal-UE u nazzjonali jitwettqu skont aġendi stabbiliti u approvati, eu-LISA organizzat laqgħa ta' informazzjoni għall-ambaxxaturi tal-UE u awtoritajiet ta' livell għoli nazzjonali (eż. il-Ministru tal-Intern Finlandiż) f'Tallinn fis-6 ta' April 2016. Sabiex tiġi aġġornata l-Istrateġija dwar il-Komunikazzjoni

Esterna, fl-4 ta' Mejju 2016 ġie ffirmat kuntratt ta' servizz bi speċifikazzjoni teknika u nbdiel l-implimentazzjoni sabiex ikun assigurat li tiġi ppreżentata strateġija aġġornata lill-maniġment għall-approvazzjoni fl-aħħar tal-2016.

Fis-27 ta' Ottubru, eu-LISA ospitat il-konferenza annwali tagħha, JHATech 2016 "Allinjar tal-kapaċitajiet tat-teknoloġija mal-prijoritajiet ta' politika fl-oqsma tal-migrazzjoni u s-sigurtà interna", f'Tallinn, b'madwar 130 parteċipant li kienu jirrappreżentaw awtoritajiet tal-UE u nazzjonali ta' livell għoli, professjonisti, l-industrija u s-settur akkademiku. L-għan tal-konferenza kien li tinvolti l-partijiet interessati ta' eu-LISA, tiddiskuti teknoloġiji futuri b'applikazzjonijiet potenzjali fl-oqsma tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u tenfasizza l-importanza li qiegħda tingħata lil dan il-qasam fuq livell kemm tal-UE kif ukoll nazzjonali. Il-Kummissarju tal-UE għall-Unjoni tas-Sigurtà, il-Ministru tal-Intern Estonjan, id-Direttur Ġenerali tal-Ministeru Federali tal-Intern Belġjan u d-Deputat Direttur Ġenerali taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-KE kollha kkontribwew bħala kelliema ewlenin. Bis-saħħa tal-interventi tagħhom, il-konferenza, illum aktar minn qatt qabel, saret punt ta' referenza għall-professjonisti kollha u r-rwol u r-responsabbiltà ta' eu-LISA kisbu viżibilità addizzjonali sostanzjali.

## **Attivitajiet taħt l-Għan Strateġiku 4: "L-iżvilupp ta' organizzazzjoni moderna, effiċjenti u aġli"**

Is-sena 2016 kienet ir-raba' sena sħiħa ta' attività tal-Aġenzija. Is-servizzi korporattivi u l-istrutturi ta' governanza kritiċi interni sa dan iż-żmien ġew stabbiliti sewwa. L-isfida għall-Aġenzija fl-2016 kienet il-konsolidament u l-irfinar kontinwi ta' dawn il-proċessi, b'enfasi fuq l-iżvilupp ulterjuri tal-effiċjenza u l-effikaċja tagħhom.

### **Ippjanar strateġiku u operazzjonali**

Fl-2016, l-Aġenzija kompliet tiżviluppa u tirfina l-proċess tal-ippjanar intern tagħha. Bil-għan li dan isir aktar effiċjenti, ġiet introdotta għodda ta' ppjanar korporattiv, ibbażata fuq SharePoint. Din awtomatizzat xi kompiti ta' rutina relatati mal-ippjanar operazzjonali u ppermettiet il-konsolidament aktar faċli tal-informazzjoni ta' ppjanar miġbura, inklużi l-każijiet tan-negozju rilevanti. Fil-bidu taċ-ċiklu ta' ppjanar, ingħata taħriġ komprensiv lill-kontributori interni kollha, li kellu effett pożittiv fuq il-kwalità tal-input miġbur. L-Aġenzija involviet ukoll lill-AGs fl-aktar stadju bikri taċ-ċiklu tal-ippjanar, li ppermetta aktar żmien sabiex tinkorpora u tiprijoritizza l-kontribut tagħhom.

Fl-istess ħin, id-dokumenti tal-ippjanar tal-Aġenzija saru aktar maturi, fejn bdew jipprovdu deskrizzjoni komprensiva u dettaljata tal-oġġettivi u l-kompiti operattivi u fuq perjodu fit-tul tal-Aġenzija.

### **Evoluzzjoni tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija**

Fl-2016, il-maniġment ta' eu-LISA, abbażi tal-esperjenza mis-snin preċedenti, iddeċieda li jimplimenta sistema ta' ġestjoni tal-kwalità fl-Aġenzija. Wara analiżi komprensiva u tqabbil tal-benefiċċji u l-iżvantaġġi tas-sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità l-aktar popolari u, barra minn hekk, wara li qieset ir-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni u l-manutenzjoni, l-Aġenzija finalment iddeċidiet li timplimenta s-CAF (il-Qafas Komuni ta' Valutazzjoni). Il-ħidma preparatorja meħtieġa twettqet b'suċċess u l-implimentazzjoni nbdiel fir-raba' kwart tal-2016. L-oġġettiv huwa li l-implimentazzjoni titlesta fl-2017 u li l-Aġenzija twettaq l-ewwel awtovalutazzjoni tagħha. L-Aġenzija qed tiġi assistita fil-proċess ta' implimentazzjoni mill-Istitut Ewropew għall-Amministrazzjoni Pubblika (EIPA).

L-attivitajiet ta' ġestjoni tar-riskju korporattiv u tal-governanza ġew implimentati skont il-qafas ta' governanza tal-Aġenzija. Twettqu monitoraġġ tar-riskji kull tliet xhur u eżerċizzji ta' monitoraġġ tal-Istandard tal-Kontroll Intern (ICS), abbażi ta' linji bażi stabbiliti, u twettaq workshop globali dwar il-ġestjoni tar-riskji korporattivi sabiex jiġu identifikati u ġestiti r-riskji għall-Aġenzija fuq livell korporattiv. Barra minn hekk, il-Bord tat-Tmexxija approva r-Rapport ta' Evalwazzjoni Annwali dwar l-effiċjenza tas-Sistema ta' Kontroll Intern f'eu-LISA.

Matul il-perjodu tar-rappurtar, minbarra dan ta' hawn fuq, l-Aġenzija kompliet bl-appoġġ amministrattiv konsistenti tagħha lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Gruppi Konsultattivi. Il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija f'Marzu u f'Novembru u erba' laqgħat regolari tal-Gruppi Konsultattivi fi ħdan il-perjodu tar-rappurtar ġew organizzati fil-ħin.

### **Ġestjoni finanzjarja**

L-Aġenzija kompliet tiżviluppa l-proċessi u l-proċeduri finanzjarji interni tagħha, billi ħadet approċċ aktar proattiv sabiex tassigura t-trasparenza u l-ġestjoni effettiva tar-riżorsi finanzjarji. Inħarġet gwida għall-inizjaturi u l-verifikaturi operattivi, kif ukoll proċedura pass pass għall-verifika tal-aġenti għat-tranżazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament, li tnediet bl-introduzzjoni tas-sjieda tal-baġit.

Matul il-perjodu tar-rappurtar, eu-LISA mmirat ukoll għal livell għoli ta' nfiq skont il-baġit tal-Aġenzija, biex tkompli tissimplifika l-flussi tax-xogħol fis-sistemi tal-IT relatati mal-finanzi tal-Aġenzija nnifisha (b'mod partikolari sabiex il-flussi ta' impenn u pagamenti jiddaħħlu fl-ABAC), bil-għan li jinżamm livell għoli ta' preċiżjoni fil-previżjonijiet baġitarji u jissoktaw il-kitba, ir-rieżami u l-approvazzjoni tal-proċeduri finanzjarji u ta' akkwist tal-Aġenzija. Barra minn hekk, saru workshops u seminars dwar l-MWOs, kien hemm kontinwazzjoni tal-approċċ ta' komunità tal-prattiki għall-analiżi transsettorjali u titjib kontinwu tal-kuntratti marbuta mal-IT; ġabra tal-aħjar Prattiki u t-tagħlimiet miksuba ġew dokumentati f'katalogu. Id-dokument dwar it-tagħlimiet miksuba mill-MWO l-ġdid għall-VIS / BMS, flimkien mad-dokument ta' diskussjoni dwar l-arkitettura kuntrattwali tal-EES, ġie kkontribwit għall-workshop li sar f'Ġunju 2016.

### **Akkwist**

Matul il-perjodu tar-rappurtar, l-Aġenzija ssimplifikat l-attivitajiet ta' akkwist tagħha ulterjorment permezz tal-konsolidament u t-tiġid tal-proċeduri finanzjarji tagħha u tal-akkwist, u permezz tal-bini u ż-żamma ta' kapaċitajiet sabiex tipprovdi pariri profiċjenti lill-partijiet rilevanti kollha dwar kwistjonijiet speċifiċi għall-akkwist. L-Aġenzija kompliet tagħmel enfasi partikolari sabiex tassigura li kwalunkwe proċedura ġdida tal-offerti titfassal u tiġi rieżaminata sabiex ikun assigurat li tkun konformi mar-regoli finanzjarji applikabbli, l-aħjar Prattika u kwalunkwe eżerċizzju ta' tagħlimiet miksuba rilevanti.

Il-kuntratti kbar ta' appoġġ għall-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' sistemi u infrastrutturi kondiviżi ġew allinjati mal-aħjar Prattiki u t-tagħlimiet miksuba. Twettqu diversi workshops dwar it-tagħlimiet miksuba mill-MWOs preżenti. Fi Frar 2016 sar workshop dwar is-servizzi/infrastruttura kondiviżi fir-rigward tas-sistemi kollha li witta t-triq għat-tnedija f'waqtha tal-1el fażi tal-MWO għall-Infrastruttura tas-Sistemi Kondiviżi. Fl-2016, l-akkwist appoġġa wkoll lid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet (OD) fit-tranżizzjoni tal-kuntratt qafas tal-MWO għall-VIS/BMS. Attivitajiet addizzjonali kienu jinkludu l-ħolqien u l-ġestjoni tal-arranġamenti kuntrattwali sabiex tkun assigurata tranżizzjoni mingħajr problemi bejn il-kuntratturi f'termini legali u finanzjarji (pereżempju, il-liċenzjar, it-trasferiment tal-ġestjoni tal-ħardwer, il-proċess ta' diliġenza dovuta).

### **Ġestjoni tal-loġistika u l-faċilitajiet**

Il-prijoritajiet ewlenin fil-qasam tal-ġestjoni tal-faċilitajiet u l-loġistika fl-2016 kienu l-proġett ta' rikostruzzjoni għas-sit operattiv tal-Aġenzija fi Strasburgu u l-proġett ta' kostruzzjoni għall-bini tal-HQ il-ġdid f'Tallinn. Il-proġett fi Strasburgu sofra xi dewmien minħabba l-ħtieġa li jiġi emendat il-kuntratt oriġinali sabiex jinkludi xi titjib fid-disinn tal-faċilità l-ġdida u minħabba li l-kuntrattur bata sabiex jipprovdi input tal-kwalità meħtieġa f'kull ħin. Minn perspettiva tal-baġit, il-proġett fi Strasburgu baqa' fil-limiti tal-baġit approvat mill-awtorità baġitarja. Huwa mistenni li l-bini tal-uffiċċju l-ġdid fi Strasburgu jkun lest f'Lulju 2017 u l-proġett ta' rikostruzzjoni se jitlesta sal-aħjar tal-2017. Madankollu, għas-snin li ġejjin, hemm tħassib ġenerali li l-kapaċità tas-sit rinnovat fi Strasburgu tista' ma tkunx suffiċjenti biex tospita l-persunal u l-kuntratturi kollha tal-Aġenzija, meta jitqiesu l-iżviluppi ewlenin li qegħdin iseħħu fil-qasam tal-ĠAI, jiġifieri l-implimentazzjoni tal-EES u l-introduzzjoni tal-ETIAS, eċċ.

Fir-rigward tal-bini tal-HQ il-ġdid f'Tallinn, sar progress sostanzjali skont il-pjan approvat; b'mod partikolari, tlestew u ġew approvati d-disinn preliminari u d-disinn tekniku dettaljat. Id-disinn ta' ġewwa qiegħed joqrob it-tlestija. Il-proposti tad-disinn ġew analizzati ulterjorment minn grupp ta' inġiniera minn oqsma differenti biex jiġi valutat il-livell ta' konformità tagħhom mal-istandards tal-industrija applikabbli u l-kompatibbiltà ġenerali tagħhom. Fl-aħħar tal-2016, il-proċedura tal-offerti sabiex jintgħażel il-kuntrattur għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni kienet kważi lesta. Ix-xogħol ta' kostruzzjoni huwa mistenni li jibda fl-ewwel kwart tal-2017.

### Riżorsi umani

L-attivitajiet tal-Aġenzija fil-qasam tal-immaniġġjar tar-Riżorsi Umani kienu ffukati fuq l-oġettivi stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma Annwali 2016. L-għan ta' dawn l-attivitajiet kien li jassiguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-politiki dwar l-HR u l-pjan ta' taħriġ annwali għall-persunal, kif ukoll servizz effettiv ta' amministrazzjoni tal-persunal. Oġettiv ewlieni għal dawn l-azzjonijiet fil-qasam tal-immaniġġjar tar-Riżorsi Umani kien l-iżvilupp u ż-żamma tal-impjegati tal-Aġenzija. Inqas ta' attenzjoni għall-implimentazzjoni ta' sistema trasparenti u ġusta ta' evalwazzjoni u promozzjoni tal-persunal, l-assigurazzjoni li r-reklutaġġ u ż-żamma tal-persunal jilħqu l-miri stabbiliti, il-promozzjoni tal-missjoni, il-viżjoni u l-valuri bażiċi tal-Aġenzija, u li dawn il-miri jkunu xpruni għall-iżvilupp tal-kultura korporattiva tagħha.

F'Jannar 2016, eu-LISA adottat Strateġija għall-HR (HRS) li se tiggwida l-attivitajiet tagħha fil-qasam tal-immaniġġjar tal-HR sal-2020. Fl-2016, eu-LISA adottat żewġ Regoli ta' Implimentazzjoni<sup>10</sup> għar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea CEOS). Dawn isaħħu l-qafas legali tal-HRS, li attwalment jikkonsisti minn 39 regola minn dawn. Barra minn hekk, l-Aġenzija żviluppat u adottat, matul is-sena, politika interna dwar il-funzjonijiet sensitivi u linji gwida għall-applikazzjoni prattika tat-tiġdid tal-kuntratti. L-iżvilupp tal-qafas ta' kompetenzi tkompla fl-2016, b'enfasi fuq il-kompetenzi tekniċi. Il-ħidma fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-qafas ta' kompetenzi, madankollu, se titlesta fl-2017.

L-Aġenzija kompliet tenfasizza l-iżvilupp tal-oqfsa xierqa għat-taħriġ professjonali għall-persunal u l-provvediment ta' firxa ta' soluzzjonijiet sabiex il-persunal ikun jista' jipparteċipa fit-taħriġ, inkluż il-persunal li jaħdem xiftijiet, li jkun tal-għassa jew li jivvjaġġa b'mod estensiv fuq missjonijiet.

### Komunikazzjoni interna

Il-komunikazzjoni interna kellha l-għan li tkompli tiffaċilita u tippromwovi l-missjoni, il-viżjoni u l-valuri fundamentali tal-Aġenzija u li tużahom bħala xpruni għall-iżvilupp tal-kultura korporattiva u l-ispirtu ta' tim tagħha. Il-komunikazzjoni ta' ideat ippreżentati b'mod ċar u ta' messaġġ konvinċenti kellha l-għan li tgħin lill-persunal tal-Aġenzija jħossu parti mill-miri tal-Aġenzija u jżid il-possibiltajiet tagħha li tibqa' tiżviluppa b'suċċess. Bl-użu tal-Pjan ta' Komunikazzjoni Interna 2016 u l-Istrateġija Riveduta dwar il-Komunikazzjoni Interna 2016-2018 bħala pjanijiet direzzjonali, kien hemm sforz miftiehem fl-2016 sabiex tkompli titjeb il-komunikazzjoni interna bejn is-siti tal-Aġenzija billi tiġi eżegwita firxa wiesgħa ta' sforzi ta' komunikazzjoni mmirati, bħall-koordinazzjoni u l-ħolqien ta' pubblikazzjonijiet interni u l-kontribut għall-intranet ta' eu-LISA.

### Awditjar intern

Skont il-Pjan ta' Awditjar Intern stabbilit tagħha, l-Aġenzija kompliet tikkoopera mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea, billi tospita l-missjonijiet tal-awditjar tagħhom u tieħu miżuri sabiex twieġeb għal kwalunkwe rakkomandazzjoni li tirriżulta. L-awditur intern ta' eu-LISA kompli jikkoordina l-ħidma f'dan il-qasam fl-2016, inkluż it-tnejn ta' rapporti u t-tweġiq ta' attivitajiet ta' segwitu, u

<sup>10</sup> Fl-2016, eu-LISA adottat iż-żewġ Regoli ta' Implimentazzjoni li ġejjin: (1) dwar ir-riklassifikazzjoni tal-AT; u (2) dwar ir-riklassifikazzjoni tal-AK.

kompla jassigura li jkun hemm għarfien ġenerali fost il-maniġment u l-persunal tal-Aġenzija dwar il-prinċipji, l-għanijiet u l-proċeduri tal-awditjar intern u estern. Huwa wettaq l-attivitajiet tiegħu skont il-Karta tal-Awditjar Intern adottata ta' eu-LISA; il-pjan ta' awditjar għall-2016 kien diġà ġie approvat f'Novembru 2015 (il-pjan ta' awditjar għall-2017 ġie approvat f'Novembru 2016). B'riżultat tal-attivitajiet tal-2016, twettaq l-awditu ta' seba' suġġetti u matul is-sena ġew inklużi żewġ awditi addizzjonali. Għandu jiġi nnotat li l-attivitajiet imwettqa mill-awditur intern tal-Aġenzija marru lil hinn mill-pjan ta' awditjar inizjalment approvat għas-sena.

## Parti II(a). Ġestjoni

### 2.1. Bord tat-Tmexxija

Fl-2016, l-Aġenzija kompliet il-kollaborazzjoni kostruttiva u mill-qrib ħafna mal-Bord tat-Tmexxija tagħha. Minbarra l-punti approvati mill-Bord skont il-funzjonijiet tiegħu kif definiti fir-Regolament ta' Stabbiliment tagħha, l-Aġenzija ġibdet l-attenzjoni tiegħu għar-riskji u l-kwistjonijiet sinifikanti kollha identifikati matul il-perjodu tar-rapportar.

L-Aġenzija kompliet ukoll tagħti appoġġ amministrattiv konsistenti lill-Bord tat-Tmexxija u lill-AGs. Iż-żewġ Laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija f'Marzu u f'Novembru u l-erba' laqgħat regolari tal-AGs fi ħdan il-perjodu tar-rapportar ġew organizzati fil-ħin.

Bħala prattika standard, il-Bord adotta l-AWP tal-Aġenzija għas-sena ta' wara u r-Rapport Annwali tal-Attività tal-Aġenzija għas-sena ta' qabel. Il-Bord tat-Tmexxija adotta r-Rapport Annwali tal-Attività tal-2015 fil-laqgħa tiegħu tal-15-16 ta' Marzu 2016 u d-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni għall-2017 f'Diċembru 2016. Il-Bord tat-Tmexxija ddeċieda wkoll li jemenda l-Programm ta' Hídma Annwali 2016 billi jinkludi l-proġett AFIS tas-SIS II. Fil-bidu ta' Frar 2016, il-Bord tat-Tmexxija ħa deċiżjonijiet ibbażati fuq talbiet dwar it-titjib fil-monitoraġġ tal-kwalità tad-data għas-SIS II u dwar ir-rapporti statistiċi fuq l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-VIS.

Bħala eżerċizzju annwali u f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awditur intern tal-Aġenzija, il-Bord analizza r-rapport ta' progress dwar il-Pjan ta' Awditu Intern 2016 u laqa' l-approċċ koerenti tal-Aġenzija rigward il-forniment ta' assigurazzjoni fuq bażi regolari. F'dan ir-rigward, il-Bord adotta l-Pjan ta' Awditjar Intern ta' eu-LISA għas-sena 2017.

L-Indikaturi tal-Prestazzjoni Korporattiva kienu adottati diġà fl-2015; madankollu, l-ewwel kejljiet tal-KPIs identifikaw il-ħtieġa ta' rfinar, li twettaq fl-2016. Minħabba d-diskussjonijiet li għaddejjin bejn il-partijiet interessati u eu-LISA, is-sett komplut ta' Indikaturi tal-Prestazzjoni Korporattiva ma kienx ġie maqbul mill-Bord meta nkiteb dan ir-rapport.

Fl-2016, infetħet il-possibbiltà għal valutazzjoni mtejbja tal-prestazzjoni tal-Aġenzija. B'mod konformi mal-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Aġenzija, il-Kummissjoni Ewropea, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Bord tat-Tmexxija, wettqet evalwazzjoni tal-azzjonijiet tal-Aġenzija. Ir-rapport finali ta' din l-evalwazzjoni ġie ppreżentat lill-Bord tat-Tmexxija f'Marzu 2016. Din l-evalwazzjoni tal-Aġenzija wriet li l-Aġenzija twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv. Billi kienet fdata mil-leġislatur tal-UE bil-ġestjoni tat-tliet sistemi, l-Aġenzija kienet kapaċi tiġbor riżorsi u tassigura sinerġiji u approċċ aktar konsistenti. L-Aġenzija għalhekk tikkontribwixxi wkoll għal ambjent tal-IT aktar ikkoordinat, effettiv u koerenti (ara l-Anness VI). Is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li ħarġu minn din l-evalwazzjoni esterna ġew segwiti b'mod adegwat permezz ta' pjan ta' azzjoni li ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija.

F'termini tar-riskji identifikati mill-Aġenzija, il-Bord ġie infurmat li l-adozzjoni ttardjata tal-baży legali tal-EES (segwitu tal-proġett tas-Sistema tal-Fruntieri Intelliġenti) tirrappreżenta fil-fehma tal-Aġenzija riskju maġġuri li x'aktarx se joħloq diffikultajiet fir-reklutaġġ, sakemm ma jkunux disponibbli l-persuni kollha fil-listi ta' riżerva, li jistgħu jagħmlu l-bidu tal-operat tas-sistema fl-2020 ta' sfida kbira. Riskju addizzjonali għall-Aġenzija huwa d-dewmien possibbli tal-Kummissjoni Ewropea sabiex tintroduċi d-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni neċessarji fil-ħin, wara l-adozzjoni tal-baży legali tal-EES.

Bil-għan li tittejjeb l-aġilità, is-setgħa li jsiru emendi mhux sostanzjali fl-AWP (li se jkun magħruf bħala l-SPD mill-2017) ġiet delegata lill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Aġenzija (id-Direttur Eżekuttiv).

Dwar il-ħtieġa li jiġu stabbiliti l-istrumenti neċessarji għaż-żamma tal-persunal fl-Aġenzija, il-Bord tat-Tmexxija ddeċieda li jaqbel mal-proposta tad-Direttur Eżekuttiv li d-Direttur Eżekuttiv għandu jkun awtorizzat li jagħti kuntratti indefiniti lill-persunal temporanju wara l-ewwel terminu kuntrattwali tagħhom, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali applikabbli (l-Artikolu 8 tas-CEOS u l-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija Nru 2015-166 tat-18.11.2015). Għall-persunal kuntrattwali, id-devjazzjonijiet mill-Artikolu 85 tas-CEOS għandhom jibqgħu ta' eċċezzjoni.

## 2.2. Żviluppi ewlenin

Hekk kif eu-LISA kompliet tikkonsolida l-operazzjonijiet tagħha, iżżid l-effiċjenza tagħha u tassigura b'suċċess l-għoti ta' servizzi għall-ġejjieni, l-avvenimenti esterni u t-talbiet tal-partijiet interessati tagħha ħolqu fl-istess ħin opportunitajiet u sfidi li kienu ffaċċjati b'aġilità u kreattività. Fl-2016, il-wasliet kontinwi ta' numru sinifikanti ta' migranti u refuġjati lejn l-Ewropa, il-każijiet vjolenti ta' terroriżmu fuq art Ewropea u l-effetti fit-tul tal-kriżi ekonomika kienu fost l-aktar sfidi importanti li ġew iffaċċjati. Madankollu, tipprevali t-theddida tal-kriminalità organizzata u transfruntiera, li kienet identifikata flimkien mat-terroriżmu mill-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà<sup>11</sup> u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda 2015-2020.<sup>12</sup> L-għanijiet li jiġu assigurati l-fruntieri esterni, li l-qsim tal-fruntieri jsir aktar effiċjenti u li tiġi assigurata l-applikazzjoni aħjar tar-regoli komuni dwar l-asil Ewropew, kif ippreżentati fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni,<sup>13</sup> baqgħu vitali. Permezz tal-attivitajiet tagħha, l-involvement u l-kollaborazzjoni estensivi tagħha mal-partijiet interessati matul is-sena u, b'mod partikolari, bħala riżultat tal-ġestjoni tagħha ta' għodod ta' kwalità għolja għall-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni, l-Aġenzija għamlet kontribuzzjonijiet importanti għall-isforzi tal-Ewropa sabiex tilqa' għall-isfidi kollha hawn fuq imsemmija u biex tindirizza t-theddidiet kollha deskritti hawn fuq b'mod armonizzat u komprensiv. Billi ssegwi l-prijoritajiet u l-għanijiet ġenerali tad-dokumenti ta' politika ta' livell għoli deskritti hawn fuq, l-Aġenzija tassigura wkoll li jkun hemm kontinwità tal-attivitajiet fuq bażi ta' sena wara l-oħra.

Fl-2016 kien hemm evoluzzjonijiet importanti kontinwi fit-tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira mmexxija minn eu-LISA bi tweġiba għall-bidliet fil-panorama tal-politika esterna, fejn f'kull każ intlaħqu l-ħtiġijiet li qegħdin jinbidlu tal-komunità tal-utenti finali:

- It-titjib importanti fl-infrastruttura tal-VIS li sar f'Awwissu tal-2016 ifisser li s-sistema tista' timmaniġġa 450 000 operazzjoni fis-sieġha filwaqt li tipproċessa informazzjoni bijografika minn sa 60 miljun applikazzjoni għall-viża.
- Proġett għall-implimentazzjoni ta' kapaċità ta' tfittxija bijometrika fis-sistema ċentrali tas-SIS II abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006, l-Artikoli 20 u 22, mexxa 'l quddiem skont il-pjan bil-għan li jiġu offruti kapaċitajiet ta' tfittxija bijometrika fis-SIS II fl-2017.
- Iż-żieda ta' emerġenza fil-kapaċità tad-database tal-Eurodac għal 7 miljun rekord kienet mibdija sabiex iżżomm is-sistema allinjata mal-ħtiġijiet dejjem jiżdiedu tal-Istati Membri b'riżultat tal-kriżi tal-migrazzjoni.
- eu-LISA kkontribwiet b'mod konsistenti u diliġenti għat-tnejn u d-diskussjonijiet sussegwenti dwar il-proposta għal Regolament Eurodac ġdid; din bħalissa hemm konsultazzjonijiet dwarha bħala parti mill-proposta l-ġdida ta' Dublin IV.

B'farsa 'l quddiem, eu-LISA kompliet taġixxi bħala kontributor importanti għall-implimentazzjoni ta' politiki rilevanti fil-qasam tal-ĠAI, f'konformità mal-istrateġija fit-tul ta' eu-LISA għall-perjodu 2014-2020. L-esperti tal-Aġenzija pprovdew input tekniku rilevanti għal diversi diskussjonijiet mal-partijiet interessati dwar l-irfinar tal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għall-EES li tressqet f'April 2016, fejn b'mod partikolari rriflettew dwar il-fattibbiltà teknika tas-suġġerimenti li ġew ippreżentati u assigraw li r-riżultati tal-Proġett Pilota tal-Fruntieri Intelliġenti li twettaq fl-2015 ikunu mifhuma tajjeb u jintużaw fit-tnejn. Barra minn hekk, l-Aġenzija poġġiet fis-seħħ l-istrutturi interni neċessarji u stabbiliet il-pedamenti organizzattivi xierqa sabiex tassigura l-involvement immedjat fit-tfassil u l-iżvilupp tas-sistema li għandu jsegwi l-approvazzjoni tat-test leġiżlattiv mill-koleġiżlaturi. Għalhekk, għandha tinkiseb l-aktar konsenja mgħaġġla possibbli ta' sistema ġdida tal-IT fuq skala kbira ta'

<sup>11</sup> [http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/e-library/documents/basic-documents/docs/eu\\_agenda\\_on\\_security\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/e-library/documents/basic-documents/docs/eu_agenda_on_security_en.pdf)

<sup>12</sup> <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9798-2015-INIT/mt/pdf>

<sup>13</sup> [https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/what-we-do/policies/european-agenda-migration/background-information/docs/communication\\_on\\_the\\_european\\_agenda\\_on\\_migration\\_mt.pdf](https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/what-we-do/policies/european-agenda-migration/background-information/docs/communication_on_the_european_agenda_on_migration_mt.pdf)

importanza kbira għall-Istati Membri. L-Aġenzija kellha wkoll rwol konsultattiv pożittiv fil-ħidma mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-proposta għall-ETIAS,<sup>14</sup> li nħarġet f'Novembru 2016, u b'hekk uriet l-istatus tagħha bħala ċentru ta' eċċellenza fil-qasam tal-ICT. Ġie stabbilit tim intern tal-proġett biex jimmaniġġa x-xogħol kollu fuq din is-sistema fil-futur qrib. Bl-istess mod, mingħajr preġudizzju għall-fatt li ma ġiet ippreżentata l-ebda proposta legali dwar CODEX elettroniku fl-2016, eu-LISA wettqet sforzi preliminari sabiex tassigura l-kapaċità li tilħaq kwalunkwe skadenza futura li tista' tiġi stabbilita biex l-Aġenzija tassumi r-responsabbiltà għat-tmexxija operattiva ta' CODEX elettroniku.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Sistemi ta' Informazzjoni Aktar b'Saħħithom u Aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà tas-6 ta' April 2016<sup>15</sup> indirizzat l-evoluzzjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira preżenti, il-ħtiġijiet possibbli ta' sistemi ġodda sabiex tiġi kompletata l-panorama informattiva fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u l-benefiċċji possibbli tat-titjib tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-IT fuq skala kbira. Ġie stabbilit ukoll Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabbiltà. eu-LISA appoġġat il-ħidma tal-grupp, kif ukoll dik tat-tliet sottogrupperi ta' appoġġ stabbiliti, b'task force interna ddedikata li ġiet stabbilita sabiex tikkoordina l-input, min-naħa ta' eu-LISA, ta' dokumenti u preżentazzjonijiet fattwali rilevanti sabiex tinforma d-diskussjonijiet. Ir-rapport interim tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli, ippubblikat fil-21 ta' Diċembru 2016, irrikonoxxa l-validità tas-suġġerimenti mressqa mir-rappreżentanti tal-Aġenzija fid-diversi laqgħat u l-kontributi pożittivi li l-Aġenzija tista' tagħmel għall-ħidma f'dan il-qasam fil-ġejjieni. Huwa propost li eu-LISA, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea u partijiet rilevanti oħra, teżamina l-fattibbiltà u l-approċċi possibbli għall-implimentazzjoni ta' servizz ta' tqabbil bijometriku kondiviż u Portal Ewropew tat-Tiftix. Huwa ssuġġerit ukoll li l-Aġenzija teżamina l-iżvilupp ta' kapaċità ta' monitoraġġ ċentrali għall-kwalità tad-data għat-tliet sistemi tal-IT taħt ir-responsabbiltà tagħha. F'konformità ma' din ir-rakkomandazzjoni, l-Aġenzija diġà ħejjiet u ppreżentat pjan ta' azzjoni għat-titjib tal-kwalità tad-data fis-sistemi tal-IT fuq skala kbira lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Iskambju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (DAPIX) bħala l-koordinatur propost tal-azzjoni rilevanti (azzjoni 4) tal-Istrateġija Mġedda għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni — il-5es Lista ta' Azzjonijiet.<sup>16</sup> Il-pjan, li ġie diskuss u milqugħ mill-Istati Membri f'Diċembru 2016, jipprovi l-impetu għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni mal-partijiet rilevanti kollha fir-rigward tat-titjib fil-kwalità tad-data fis-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-2017 u lil hinn.

Il-kooperazzjoni tinftiehem li hija kruċjali meta wieħed ikun irid jassigura l-koerenza f'attivitajiet kumplementari u, fil-każ ta' eu-LISA, l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet li jissodisfaw il-ħtiġijiet operattivi. L-interazzjonijiet mal-aġenziji, l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE kienu partikolarment frekwenti u importanti fl-aħħar sena. It-tmexxija tal-Forum ta' Ġestjoni tal-Proġett tal-Eurodac min-naħa tal-Aġenzija hija eżempju notevoli tal-involvement proattiv ta' eu-LISA mal-Istati Membri. Ir-rapport annwali tan-netwerk ta' aġenziji tal-ĠAI jindika li eu-LISA kienet involuta f'numru akbar ta' attivitajiet konġunti ma' aġenziji oħra milli fi kwalunkwe sena preċedenti. Fost l-impriżi kollaborattivi msemmija, tista' tiġi enfasizzata l-kollaborazzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, bl-aġenziji jaġġornaw l-istrumenti sabiex jindirizzaw il-fenomeni tal-ġellieda terroristiċi barranin matul is-sena. L-EASO, il-Europol, l-FRA u l-Frontex kollha pparteċipaw fil-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabbiltà, bl-aġenziji sikwit jiltaqgħu qabel il-laqgħat sabiex jassiguraw li l-perspettivi kollha jkunu magħrufa u li kull parti tkun tista' tgħaddi l-aħjar messaġġi sabiex ikun assigurat it-twettiq tar-rekwiżiti kollha. L-Aġenzija tistenna bil-ħerqa li tiddiskuti l-proposti magħmula fir-rapport interim tal-grupp mal-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE.

<sup>14</sup> [https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/what-we-do/policies/european-agenda-security/legislative-documents/docs/20161116/proposal\\_etias\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/what-we-do/policies/european-agenda-security/legislative-documents/docs/20161116/proposal_etias_en.pdf)

<sup>15</sup> <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-7644-2016-INIT/mt/pdf>

<sup>16</sup> <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-10824-2016-INIT/en/pdf>



## 2.3. Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

eu-LISA hija ffinanzjata minn diversi sorsi ta' finanzjament.<sup>17</sup> Is-sors prinċipali tad-dħul huwa sussidju tal-UE, li jiġi approvat fuq bażi annwali mill-awtorità baġitarja tal-UE, jiġifieri, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.<sup>18</sup>

Bħala parti mill-qafas tar-rapportar annwali tagħha, l-Aġenzija tippubblika r-rati ta' eżekuzzjoni tal-baġit u l-indikaturi tal-prestazzjoni tagħha, li jistgħu jgħinu sabiex tiġi sottolinjata l-effiċjenza u l-effettività li bihom l-Aġenzija kienet kapaċi timmaniġġa l-infiq tagħha matul il-perjodu tar-rapportar.


### Implimentazzjoni tal-baġit 2016

Fl-2016, eu-LISA gġestiet baġit ta' EUR 80.02 miljun riċevuti mis-sussidju tal-UE. L-Aġenzija kisbet rata ta' implimentazzjoni tal-baġit għolja sal-aħħar tas-sena:

- 97.9% għall-appropriazzjonijiet ta' impenn;
- 97.6% għall-appropriazzjonijiet ta' pagament, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2016 għall-2017.


### Eżekuzzjoni tal-appropriazzjoni ta' impenn

Il-kreditu ta' impenn (C1) ivvutati għall-2016 kienu maqsumin bejn titoli differenti kif ġej: 71.2 % kienu previsti għall-baġit operattiv (Titolu 3), 11.0 % għall-infrastruttura u n-nefqa operattiva (Titolu 2) u 17.8 % għan-nefqa fuq il-personal (Titolu 1). Il-graffs hawn taħt juru l-implimentazzjoni tal-baġit skont it-titolu fi tmiem is-sena.



Għan-nefqa operattiva (Titolu 3), minħabba n-natura pluriennali tal-kuntratti użati sabiex jiġu appoġġati l-operazzjonijiet ewlenin, EUR 51.9 miljun mill-baġit miftuħ għall-appropriazzjonijiet ta' impenn tal-2016 ġew awtomatikament riportati u se jitħallsu fl-2017 u fis-sena ta' wara. Għal tqassim dettaljat, ara l-Anness II. Ġie implimentat total ta' 98.7 % tal-baġit operattiv, li jammonta għal EUR 56.99 miljun. Il-graff turi t-tqassim tal-baġit operattiv skont il-kapitolu.

### Titolu 3: appropriazzjonijiet ta' impenn implimentati f'Miljun EUR




<sup>17</sup> L-Artikolu 32 tar-Regolament ta' Stabbiliment.

<sup>18</sup> Dan is-sussidju jirreferi għall-kreditu ta' impenn (C1), li huma appropriazzjonijiet ta' impenn u pagament (kreditu vnutati tas-sena baġitarja attwali).

### Eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament

Il-baġit totali vvutat għall-approprjazzjonijiet ta' pagament kien jammonta għal EUR 80.02 miljun.


Fi tmiem l-2016, l-eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-krediti C1 laħqet is-97.6 %, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2017. Il-graffs hawn isfel juru l-baġit totali skont it-titolu u l-konsum ġenerali tal-krediti ta' pagament matul is-sena 2016.



Barra minn hekk, 97.6 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament riportati mill-2015 għall-2016 f'nefqa amministrattiva ġew eżegwiti.

L-approprjazzjonijiet ta' impenn fit-Titolu 1 (nefqa tal-persunal)<sup>19</sup> li jammontaw għal EUR 0.42 miljun u fit-Titolu 2 (nefqa għall-infrastruttura u nefqa operattiva) li jammontaw għal EUR 4.97 miljun, li għadhom ma ġewx ikkunsmati permezz ta' pagamenti fl-2016 u li għalihom jeżisti impenn legali validu, għandhom jiġu riportati għall-2017, flimkien mal-approprjazzjonijiet ta' pagament korrispondenti.

Fi hndan it-Titolu 3, l-akbar proporzjon ta' approprjazzjonijiet ta' pagament intefaqa fuq il-VIS/BMS. Il-graff hawn isfel turi t-tqassim tal-krediti ta' pagament eżegwiti għall-baġit operattiv.




### Indikatur tal-prestazzjoni: żmien biex tħallas

Fl-2016 twettqu total ta' 2 886 tranżazzjoni ta' pagament, li jirrappreżenta żieda ta' 16 % mill-2015; 2 736 tranżazzjoni kellhom dewmien massimu ta' pagament ta' 30 jum, 32 pagament kellhom dewmien massimu ta' pagament ta' 45 jum, 112 kellhom dewmien massimu ta' pagament ta' 60 jum, ħamsa kellhom dewmien massimu ta' pagament ta' 90 jum, u pagament wieħed kellu dewmien speċjali ta' pagament ta' 36 jum.

<sup>19</sup> L-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament relatati mar-remunerazzjonijiet mhumiex riportati.

Iż-żmien medju għall-ħlas tat-tipi kollha ta' pagament baqa' anqas sewwa mil-limitu taż-żmien kuntrattwali; iż-żmien medju ta' ħlas għaż-żewġ kategoriji prinċipali kien ta' 16.5 jiem għall-pagamenti ta' 30 jum u 24.7 jiem għall-pagamenti ta' 60 jum.



B'mod ġenerali, 93.2 % tat-tranżazzjonijiet kollha tħallsu fil-limitu taż-żmien meta mqabbel mal-limitu taż-żmien kuntrattwali. Kienu ttardjati total ta' 196 pagament, li tlieta minnhom wasslu għall-ħlas ta' mgħax tard għall-pagament tard lill-kuntratturi li jammonta għal EUR 1 539.32.

#### Proċeduri ta' akkwist

Fl-2016, eu-LISA tat total ta' 320 kuntratt, 57 minnhom segwew il-proċeduri ta' akkwist dirett immedija mill-Aġenzija; il-263 l-oħra ngħataw bħala kuntratti/ordnijiet speċifiċi fl-ambitu ta' kuntratti qafas diġà stabbiliti ta' eu-LISA jew interstituzzjonali. Il-proċeduri nnegozjati kienu l-aktar proċedura użata b'mod komuni fl-2016 (53 każ għal akkwisti ta' valur baxx), segwiti minn tliet proċeduri miftuħa. Għandu jiġi sottolinjat li, fl-2016, eu-LISA ffirmit żewġ kuntratti qafas kbar wara proċeduri ristretti: (1) iż-Żamma f'Kundizzjoni Funzjonali tal-VIS/BMS – VIS/BMS għal ammont stmat ta' EUR 194 450 000.00 u (2) il-kuntratt ta' Infrastruttura Kondiviża Komuni għal ammont stmat ta' EUR 40 000 000.00.

## 2.4. Immaniġġjar tar-riżorsi umani

### Żviluppi

Fl-2016, l-attivitajiet tal-Aġenzija fil-qasam tal-immaniġġjar tal-HR kienu ffukati fuq l-oġettivi stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma Annwali 2016. L-għan ta' dawn l-attivitajiet kien li jassiguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-politika dwar l-HR u l-pjan ta' taħriġ annwali għall-persunal, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' servizz effettiv ta' amministrazzjoni tal-persunal. Ingħatat attenzjoni speċifika għall-implimentazzjoni ta' sistema trasparenti u ġusta ta' evalwazzjoni tal-persunal, l-assigurazzjoni li r-reklutaġġ u ż-żamma tal-persunal jilħqu l-miri stabbiliti, il-promozzjoni tal-missjoni, il-viżjoni u l-valuri bażiċi tal-Aġenzija u l-użu tagħhom bħala xpruni għall-iżvilupp tal-kultura korporattiva tagħha.

F'Jannar 2016, eu-LISA adottat HRS li se tiggwida l-attivitajiet fil-qasam tal-immaniġġjar tal-HR sal-2020. Fl-2016, eu-LISA adottat żewġ Regoli ta' Implimentazzjoni<sup>20</sup> għar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea. Dawn ir-regoli jsaħħu l-qafas legali tal-ħidma tal-HR, li

<sup>20</sup> Fl-2016, eu-LISA adottat iż-żewġ Regoli ta' Implimentazzjoni li ġejjin: (1) dwar ir-riklassifikazzjoni tal-Aġenti Temporanji (2) dwar ir-riklassifikazzjoni tal-Aġenti Kuntrattwali.

attwalment jikkonsisti minn 39 regola minn dawn. L-Aġenzija żviluppat u adottat, matul is-sena, politika interna dwar il-funzjonijiet sensitivi u l-linji gwida għall-applikazzjoni prattika tat-tiġdid tal-kuntratti. L-iżvilupp tal-qafas ta' kompetenzi ssokta fl-2016, bi prijorità fuq il-kompetenzi tekniċi. Il-ħidma fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-qafas ta' kompetenzi se tkompli fl-2017.

L-Aġenzija kompliet tagħmel enfasi fuq l-iżvilupp tal-oqfsa xierqa għat-taħriġ professjonali għall-persunal u l-provediment ta' firxa ta' soluzzjonijiet li jippermettu l-parteċipazzjoni fit-taħriġ, inklużi dawk li jaħdmu xiftijiet, ikunu tal-għassa jew li jivvjaġġaw b'mod estensiv fuq missjonijiet. Aktar informazzjoni dwar it-taħriġ hija ppreżentata fil-kapitolu li jmiss dwar it-tagħlim u l-iżvilupp.

Il-ħidma dwar l-adattament tar-rekwiżiti għall-istrument elettroniku tal-HR Allegro għaddiet minn fażi ta' definizzjoni u ttestjar u l-modulu tar-reklutaġġ elettroniku. Madankollu, l-iżviluppi l-oħra ta' Allegro ġew temporanjament sospiżi minħabba d-diffikultajiet biex jiġi ingaġġat il-manixer tal-proġett u d-deċiżjoni tal-Aġenzija li tikkonnettja ma' SYSPER II, l-għodda elettronika tal-HR tal-Kummissjoni Ewropea li nfetħet għall-aġenziji Ewropej. Ix-xogħol fuq il-proġett relatat ma' din is-sistema huwa previst għall-2017 u l-2018. F'Ottubru 2016, eu-LISA u d-Direttur Ġenerali tal-HR tal-Kummissjoni Ewropea ffirmaw Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz għal dan il-għan.

### Tagħlim u żvilupp

Ir-riżultati tal-analiżi annwali tal-ħtiġijiet ta' taħriġ għall-2016 kienu riflessi fit-taħriġ offrut lill-membri tal-persunal bl-enfasi fuq l-iżvilupp tal-ħiliet meħtieġa u l-għoti ta' taħriġ tekniku lill-persunal fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet. L-induzzjoni (programm mad-dħul) ġiet żviluppata u introdotta fl-aħħar tal-2016.

Iċ-ċarts ta' hawn taħt juru n-numru totali ta' jiem ta' taħriġ u attivitajiet oħra ta' tagħlim organizzati f'eu-LISA (iż-żewġ siti u l-Uffiċċju ta' Kollegament huma magħdudin flimkien) u n-numru medju ta' jiem ta' taħriġ għal kull membru tal-persunal.

total ta' jiem ta' taħriġ = 668.2




Figura 1: Jiem ta' taħriġ f'eu-LISA fl-2016

Medja ta' jiem ta' taħriġ għal kull persuna = 4.55





Figura 2: Distribuzzjoni tan-numru medju ta' jiem ta' taħriġ għal kull persuna

F'Novembru 2016, ġiet organizzata Ġimgħa ta' Tagħlim b'diversi opportunitajiet sabiex wieħed isir familjari mal-iżviluppi teknoloġiċi u l-approċċ innovattiv għat-tagħlim, b'ħames workshops u preżentazzjonijiet, sitt taħditiet u 10 kelliema mistiedna. Matul is-sena, saru tmien attivitajiet oħra ta' tagħlim, li fihom ġew introdotti metodi differenti ta' tagħlim li joffru lill-persunal aktar għażla biex jilħqu u jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' tagħlim tagħhom.

Ir-riżultati tal-istħarriġ dwar is-sodisfazzjon li twettqu wara l-korsijiet ta' taħriġ juru xejra pożittiva fl-evalwazzjoni tal-offerta ta' tagħlim u żvilupp mill-membri tal-persunal.

Figura 3: Tqabbil tal-livell ta' sodisfazzjon tal-persunal għat-taħriġ intern organizzat fl-2015 u fl-2016



### Pjan ta' Stabbiliment u għadd ta' ħaddiema


Fl-2016, il-popolazzjoni totali tal-persunal ta' eu-LISA kienet magħmula minn 155 kariga, inklużi 118-il Aġent Temporanju (AT), 29 Aġent Kuntrattwali (AK) u 8 Esperti Nazzjonali Sekondati (ENS). Fl-aħħar tas-sena, kienu okkupati 144 post u kienu ġew aċċettati 3 offerti ta' impjeg; 8 postijiet baqgħu vakanti, b'xi wħud minnhom ikunu imblokkati għas-sostituzzjoni minħabba t-tnaqqis previst għall-2017.<sup>21</sup>

Il-Pjan ta' Stabbiliment tal-Aġenzija ma fihx postijiet għal uffiċjali jew postijiet klerikali kklassifikati bħala AST/SC. In-numru totali ta' postijiet fil-Pjan ta' Stabbiliment naqas b'2 postijiet meta mqabbel mal-2015 minħabba t-tnaqqis fil-persunal u laħaq livell ta' 118-il post.

L-Anness IV juri l-Pjan ta' Stabbiliment tal-2016 ta' eu-LISA.

F'termini ta' għadd ta' impjegati, fl-aħħar ta' Diċembru 2016 kien hemm 144 membru tal-persunal full-time: 114 AT, 24 AK u sitt ENS. Minn dawn, 73 AT, 17 AK u 4 ENS kienu impjegati fi Strasburg, 41 AT, 6 AK u 2 ENS kienu qed jaħdmu f'Tallinn, u AK wieħed kien jinsab fl-Uffiċċju ta' Kollegament ta' eu-LISA fi Brussell. Il-persunal tal-Aġenzija kien jirrappreżenta 21 nazzjonalità. 28 % tal-persunal kienu nisa, filwaqt li 72 % kienu rġiel.

Il-graff ta' hawn taħt turi n-numru ta' membri tal-persunal ta' eu-LISA skont it-tip ta' kuntratt u maqsuma bejn l-uffiċċji tal-Aġenzija.



Strasbourg	Strasburgu
Tallinn	Tallinn

<sup>21</sup> Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: "L-Ipprogrammar ta' Riżorsi Umani u Finanzjarji għall-Aġenziji Deċentralizzati 2014-2020" tal-10.7.2013, COM (2013) 519 final.

Brussels	Brussell
TA	AT
CN	AK
SNE	ENS

**Figura 4: Kategoriji tal-persunal ta' eu-LISA, inklużi dawk li aċċettaw offerta ta' impjieg**

L-Aġenzija offriet ukoll opportunitajiet ta' internship. Fl-aħħar tal-2016, kien hemm 3 internati li kienu jinsabu f'Tallinn.

### Struttura organizzattiva

Fl-2016, saru l-bidliet li ġejjin li affettwaw l-għadd ta' ħaddiema fl-istruttura organizzattiva ta' eu-LISA:

- L-Unità tal-Finanzi u tal-Akkwisti ġiet riorganizzata sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet li qegħdin jevolvu u sabiex tappoġġa d-Dipartiment tal-Operazzjonijiet aktar mill-qrib.
- Fl-Unità tal-Ġestjoni u l-Manutenzjoni tal-Applikazzjonijiet, ġie stabbilit is-sitt settur billi s-Settur tas-Sigurtà Interna u s-Sistemi tal-Asil ġie maqsum fis-Settur tas-Sigurtà Interna u s-Settur tas-Sistemi tal-Asil. Saru xi trasferimenti interni wara din il-bidla.
- Pożizzjoni ta' Assistent tal-Komunikazzjoni Interna fl-Unità ta' Koordinazzjoni Ġenerali (GCU) ġiet trasformata fil-pożizzjoni tal-Assistent għall-Ġestjoni tad-Dokumenti u trasferita għas-Settur tas-Servizzi Korporattivi (CSS).

L-organigrama ta' eu-LISA hija murija fl-Anness III.

### Indikaturi tal-Prestazzjoni fil-qasam tar-riżorsi umani

L-Aġenzija stabbilit indikaturi tal-prestazzjoni<sup>22</sup> (KPIs) għall-oqsma relatati mal-HR. Dawn iservu sabiex ikejlu r-rata ta' assenteiżmu, id-dawran tal-persunal, l-indiċi tal-prestazzjoni tal-persunal u l-involviment tal-persunal.

Ir-rata ta' assenteiżmu titkejjel billi jitqabbel in-numru totali ta' jiem ta' assenza mingħajr ċertifikat mediku man-numru ta' jiem ta' assenza b'ċertifikat mediku. Fl-2016, il-livell ta' dan il-KPI kien ta' 23 %, filwaqt li l-mira kienet li dan jinżamm taħt il-25 %. Għalkemm dan il-KPI kien aktar baxx milli fl-2015, kienet osservata żieda żgħira fin-numru medju ta' ġranet ta' assenza għal kull membru tal-persunal li ħa liv mingħajr ċertifikat mediku. Dan kien ta' 2.82 ġranet għal kull persuna.

L-ammont ta' persunal li telaq kien ta' madwar 7.64 %, hekk kif 11-il impjegat ħallew l-organizzazzjoni fl-2016. Dan huwa ogħla mill-KPI ta' referenza stabbilit għal dawran ta' 5 %. Il-kwartieri ġenerali f'Tallinn kienu affettwati b'mod qawwi mid-dawran tal-persunal, fejn dan laħaq is-16 %.

L-indiċi tal-prestazzjoni tal-persunal kien fil-limiti tal-mira stabbilita għall-KPI (il-mira kienet ta' 100 % ta' evalwazzjonijiet kompletati u aktar minn 10 % l-aqwa prestazzjoni u anqas minn 5 % prestazzjoni baxxa): dan laħaq 2.7 % għall-prestazzjoni tal-livell I u 59 % għall-prestazzjoni tal-livell I u II. Ma kien hemm l-ebda każ irrappurtat ta' livell ta' prestazzjoni baxxa (mhux sodisfaċenti).

<sup>22</sup> Indikaturi tal-Prestazzjoni Korporattiva ta' eu-LISA; dan id-dokument ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA fil-15 ta' Marzu 2015 (ref 2015-042) u t-talba għat-tibdil lill-Bord tat-Tmexxija sabiex jinbidlu l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni Korporattiva tal-Aġenzija (ref. 2016-127) hija minn Ottubru 2016.

L-involvement tal-persunal tkejjel billi ġie evalwat il-perċentwal ta' persunal li wieġeb għall-Istħarriġ dwar is-Sodisfazzjon tal-Persunal. Dan il-KPI laħaq il-81 % fl-2016 u l-valur fil-mira kien ta' 80 % jew aktar.

### Skemi ta' liv kumpensatorju

L-Aġenzija hija meħtieġa, skont il-paragrafu 28 tar-Rapport ta' Kwittanza tal-Parlament "Kwittanza 2011: prestazzjoni, ġestjoni u kontroll finanzjarju tal-aġenziji tal-UE"<sup>23</sup> tirrapporta n-numru ta' ġranet ta' liv awtorizzat lil kull grad taħt l-iskemi tal-ħin flessibbli u tal-liv kumpensatorju.

Il-ħin flessibbli huwa mudell ta' ħidma prestabbilit applikat b'analoġija f'eu-LISA f'konformità mar-Regola ta' Implimentazzjoni dwar il-ħin tax-xogħol.<sup>24</sup> Il-mandat tal-Aġenzija huwa li toffri s-servizzi tagħha lill-Istati Membri fuq bażi kontinwa (24/7); dan jimplika li xi wħud mill-persunal jaħdmu xiftijiet jew stand-by. L-interventi fuq is-sistemi tal-IT immexxija mill-Aġenzija jeħtieġu, minn żmien għall-ieħor, li x-xogħol jitwettaq barra mill-ħinijiet regolari tal-uffiċċju, inkluż billejl jew fi btajjel pubbliċi. Għalhekk, il-kumpens għas-sahra miksub taħt il-ħin flessibbli, waqt interventi waqt dmirijiet stand-by jew għal proġetti partikolari, huwa karatteristika inerenti fl-operat tal-organizzazzjoni.

It-tabella ta' hawn taħt turi n-numru ta' ġranet ta' liv mogħtija bħala kumpens għas-sahra, maqsum għal kull grupp ta' funzjoni u grad ta' membru tal-persunal, u n-numru medju ta' ġranet ta' dawk assenti.

Grupp ta' funzjoni u grad	Sahra kkumpensata	Stand-by ikkumpensat	ħin flessibbli kkumpensat
AD 05	1.8	2.1	84.8
AD 06	4.3	9.2	100.6
AD 07	16.3	3.3	147.9
AD 08	1.0	3.0	59.3
AD 09	0.5	0.0	62.5
AD 10	2.0	0.0	9.5
AD 11	0.0	0.0	25.0
AD 12	0.0	0.0	0.0
AD 13	0.0	0.0	0.0
AD 14	0.0	0.0	0.0
AD 15	0.0	0.0	0.0
AD 16	0.0	0.0	0.0
AST 01	0.0	0.0	0.0
AST 02	0.0	0.0	2.0
AST 03	7.5	1.5	13.5
AST 04	1.0	0.0	36.5
AST 05	1.5	0.0	22.0
AST 06	1.0	2.3	41.7
AST 07	0.0	0.0	26.0

<sup>23</sup> P7\_TA(2013) 0134.

<sup>24</sup> Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħin tax-xogħol tal-15 ta' April 2015, C(2014) 2502 adottata mill-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA fil-15 ta' April 2015.

AST 08	0.0	0.0	0.0
AST 09	0.0	0.0	0.0
AST 10	0.0	0.0	0.0
AST 11	0.0	0.0	0.0
<b>Numru totali ta' ġranet</b>	<b>36.8</b>	<b>21.5</b>	<b>631.3</b>
<b>Numru ta' persuni</b>	<b>21.0</b>	<b>17.0</b>	<b>79.0</b>
<b>Numru medju ta' ġranet fuq liv</b>	<b>6.7</b>		
GFIII09	0	0	6.0
GFIV13	0	0	15.5
GFIV14	2.0	4.8	74.3
GFIV16	0	0	3.0
<b>Numru totali ta' ġranet</b>	<b>2.0</b>	<b>4.8</b>	<b>98.8</b>
<b>Numru ta' persuni</b>	<b>1.0</b>	<b>1.0</b>	<b>16.0</b>
<b>Numru medju ta' ġranet fuq liv</b>	<b>5.9</b>		
ENS	0.5	61.5	34.5
<b>Numru totali ta' ġranet</b>	<b>0.5</b>	<b>61.5</b>	<b>34.5</b>
<b>Numru ta' persuni</b>	<b>1.0</b>	<b>4.0</b>	<b>6.0</b>
<b>Numru medju ta' ġranet fuq liv</b>	<b>5.0</b>		
Numru totali ta' ġranet	39.3	87.8	764.6
Numru totali ta' persuni:	23.0	22.0	101.0
<b>Medja globali</b>	<b>6.48</b>	<b>3.99</b>	<b>7.57</b>

Iċ-ċifri ta' hawn taħt juru n-numru ta' ġranet ta' liv kumpensatorju għas-sahra (CO) u l-interventi waqt stand-by (SBD) u l-perċentwal li jikkostitwixxu.




Figura 5: Numru ta' ġranet u perċentwal ta' liv kumpensatorju (CO) għas-sahra u l-interventi waqt dmirijiet stand-by (SBD) tal-Aġenti Temporanji maqsuma għal kull grad



AD05	AD05
AD06	AD06
AD07	AD07
AD08	AD08
AD09	AD09
AD10	AD10
AD11	AD11
AST03	AST03
AST04	AST04
AST05	AST05
AST06	AST06
AST07	AST07




Figura 6: Numru ta' ġranet u perċentwal ta' kumpens għall-ħin flessibbli tal-Aġenti Temporanji maqsuma għal kull grad fl-2016

AD05	AD05
AD06	AD06
AD07	AD07
AD08	AD08
AD09	AD09
AD10	AD10

AD11	AD11
AST03	AST03
AST04	AST04
AST05	AST05
AST06	AST06
AST07	AST07

### Deskrizzjoni tar-riżultati tal-eżerċizzju ta' skrinjar/valutazzjoni komparattiva

eu-LISA wettqet it-tielet eżerċizzju tagħha ta' valutazzjoni komparattiva sabiex tidentifika l-proporzjon ta' persunal amministrattiv għal persunal operazzjonali biex twieġeb għar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju Qafas, li jistipula li l-Aġenziji kollha għandhom iwettqu dan l-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva fuq bażi annwali biex jiġġustifikaw in-nefqa amministrattiva b'mod aktar strutturat u trasparenti.

L-eżerċizzju ta' skrinjar twettaq skont il-metodoloġija maqbula mill-Kapijiet tal-Amministrazzjoni tal-Aġenziji Ewropej.

L-iskrinjng ġie applikat għall-pożizzjonijiet kollha ta' eu-LISA, mhux biss għall-pożizzjonijiet tal-Aġenti Temporanj elenkati fil-Pjan ta' Stabbiliment.

Il-perċentwal ta' pożizzjonijiet amministrattivi kien daqsxejn aktar baxx fl-2016 milli fl-2015, fejn naqas minn 17.75 % għal 15.91 %.

Min-naħa l-oħra, kien hemm żieda żgħira fil-perċentwal ta' pożizzjonijiet operattivi, li żdied minn 69.93 % fl-2015 għal 73.28 % fl-2016. In-numru ta' persunal fis-sottokategoriji tal-pożizzjonijiet differenti kien kif ġej: Il-pożizzjonijiet Operattivi Ġenerali żdiedu minn 49.43 % fl-2015 għal 60.74 % fl-2016; il-pożizzjonijiet ta' Ġestjoni tal-Programmi naqsu minn 12.10 % fl-2015 għal 4.53 % fl-2016; u l-pożizzjonijiet ta' Koordinazzjoni Operattiva tal-Ogħla Livell baqgħu simili (8.4 % fl-2015 kontra 8.01 % fl-2016).

Min-naħa l-oħra, kien hemm żieda żgħira fil-perċentwal ta' pożizzjonijiet operattivi, li żdied minn 12.32 % fl-2015 għal 10.81 % fl-2016. Dan kien prinċipalment dovut għar-reklutaġġ ta' Aġenti Kuntrattwali addizzjonali għad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet ta' eu-LISA, li naqqas il-perċentwal ta' pożizzjonijiet Newtrali u ta' Appoġġ Amministrattiv, inklużi l-pożizzjonijiet ta' Koordinazzjoni. Barra minn hekk, it-tnaqqis fin-numri tal-persunal fl-2016 ġie applikat għall-pożizzjonijiet ta' Appoġġ Amministrattiv.

Il-perċentwali ta' 15.91 % ta' pożizzjonijiet Amministrattivi u 19.02 % ta' pożizzjonijiet Amministrattivi u ta' Koordinazzjoni, u pożizzjonijiet Newtrali u Operattivi kombinati bħala proporzjonijiet tan-numru totali ta' pożizzjonijiet, juru l-effiċjenza għolja tal-persunal f'eu-LISA.

Madankollu, dan kellu jiġi bilanċjat minn proporzjon ogħla ta' pożizzjonijiet ta' Appoġġ Amministrattiv applikati għall-appoġġ estern, kif deher fil-valutazzjoni komparattiva tal-fornituri esterni ta' servizzi (intra-muros). Dan il-bilanċ se jibqa' neċessarju sakemm l-Aġenzija tkun qiegħda tikber fin-numru ta' persunal operattiv u proġetti li jeħtieġu appoġġ permezz tat-teknoloġija sabiex jitnaqqsu l-eżekuzzjoni u l-ipproċessar manwali ta' kompiti amministrattivi.

Ir-riżultati tal-iskrinjar tal-2016 huma murija fit-tabelli fl-Anness IV:

- L-ewwel tabella fl-Anness IV turi l-Pjan ta' Stabbiliment ta' eu-LISA.
- It-tieni tabella turi l-livelli li bihom huma rappreżentati f'eu-LISA r-rwoli ewlenin elenkati mill-Kummissjoni Ewropea għall-valutazzjoni komparattiva ta' funzjonijiet ewlenin.
- It-tielet tabella indikattiva turi t-tqabbil tar-riżultati tal-eżerċizzji ta' valutazzjoni komparattiva li saru fl-2015 u fl-2016 kemm għall-membri tal-persunal kif ukoll għall-fornituri esterni ta' servizzi (intra-muros).

## 2.5. Valutazzjoni mill-maniġment

L-Istandards tal-Kontroll Intern tal-Aġenzija (kif deskritti fl-Artikolu 30, fl-Artikolu 44(2) u fl-Artikolu 47(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija) ġew adottati b'mod formali mill-Bord tat-Tmexxija bi proċedura bil-miktub fil-15 ta' Ġunju 2014, filwaqt li kienu diġà implimentati fl-2013. Is-16-il standard ta' kontroll individwali huma strutturati madwar sitt oqsma ewlenin: (1) il-missjoni u l-valuri; (2) l-HR; (3) il-proċess ta' pjanar u ta' ġestjoni tar-riskji; (4) l-operazzjonijiet u l-attivitajiet ta' kontroll; (5) l-informazzjoni u r-rappurtar finanzjarju; u (6) l-ewalwazzjoni u l-awditjar. Inħatar formalment Koordinatur tal-Kontroll Intern mid-Direttur Eżekuttiv. Is-sistema ta' kontroll intern tal-Aġenzija tintegra dawn is-16-il ICS kollha kif adottati minn eu-LISA, u b'hekk tistabbilixxi l-ambjent ġenerali ta' kontroll intern u tipprovdi assigurazzjoni lill-maniġment li l-objettivi qegħdin jintlaħqu, b'kontrolli u bilanċi finanzjarji u operattivi b'saħħithom fis-seħħ. Il-qafas huwa mmonitorjat fuq bażi regolari sabiex ikun assigurat li l-kontrolli fis-seħħ jaħdmu b'mod effettiv.

Il-karattru tal-miżuri fl-2016 kien iffokat sabiex ikun hemm granularità mifruxa sewwa bejn l-oqsma varji ta' kontroll intern kif definiti fl-istandards. Minbarra l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' natura pjuttost tipika għall-kontroll intern, bħall-aġġornamenti tad-dikjarazzjonijiet tal-missjoni mill-entitajiet varji tal-Aġenzija jew l-implimentazzjoni ta' proċeduri relatati mal-ġestjoni tal-persunal (eż. eżerċizzji ta' ewalwazzjoni u pjanijiet ta' taħriġ individwali), ir-regjistru tal-ICS tal-2016 kien jinkludi wkoll miżuri sabiex tittejjeb l-istruttura tas-sena ta' qabel. Eżempju ta' dan tista' tkun l-attività mwettqa b'suċċess sabiex tiġi implimentata proposta/pjan direzzjonali inizjali għall-istabbiliment ta' sistema ta' ġestjoni tal-kwalità f'eu-LISA.

Il-ġestjoni u l-kontroll finanzjarji tal-Aġenzija huma bbażati fuq proċessi ewlenin għall-oqsma tal-akkwisti (mill-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għall-għażla tal-fornituri, segwiti minn deċiżjoni tal-għotja), implimentazzjoni tal-baġit (mill-istabbiliment tal-impenn finanzjarju għall-pagament, il-monitoraġġ tal-kuntratt u l-irkupri) u ġestjoni tal-baġit, li jiffurmaw bażi għal ġestjoni finanzjarja tajba.

Fir-rigward tal-verifika *ex ante*, kull operazzjoni tiġi vverifikata għar-regolarità, il-konformità u l-ġestjoni finanzjarja tajba. Fiċ-ċirkwiti finanzjarji applikati f'eu-LISA, il-funzjonijiet tal-verifika u l-awtorizzazzjoni jitwettqu minn diversi persuni, billi jiġu segwiti l-aqwa prattiki ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Billi l-kontrolli *ex-post* mhumiex obligatorji, skont ir-Regolament Finanzjarju, u ma ġewx identifikati bħala neqsin waqt, pereżempju, l-analiżi tar-riskju tal-Aġenzija, dawn għadhom ma ġewx implimentati fl-organizzazzjoni.

Mill-2013, eu-LISA stabbiliet proċedura u reġistru sabiex tiddokumenta eċċezzjonijiet u episodji ta' nuqqas ta' konformità. Għall-2016, ġew irreġistrati total ta' 30 eċċezzjoni u episodju ta' nuqqas ta' konformità. Barra minn hekk, għall-2016, ma nstabu l-ebda każ ta' frodi jew assi mitlufa fl-Aġenzija.

## 2.6. Kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit fdati lil servizzi u entitajiet oħra

Mhux Applikabbli.

## 2.7. Valutazzjoni tar-riżultati tal-awditjar matul is-sena tar-rapportar

### 2.7.1. Servizz tal-Awditjar Intern

Fl-2016, is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS) wettaq żewġ awditi ta' assigurazzjoni. L-Aġenzija, bi qbil mal-IAS, stabbiliet pjanijiet ta' azzjoni bi tweġiba għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-awditi. It-tema u l-konklużjonijiet tal-awditi huma ppreżentati hawn taħt.

#### Awditu dwar l-operazzjonijiet tal-IT ta' eu-LISA<sup>25</sup>

L-għan tal-awditu kien li jivvaluta l-adeqwatezza tat-tfassil u l-effiċjenza u l-effettività tas-sistema ta' kontroll intern għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT taħt ir-responsabbiltà ta' eu-LISA.

B'mod ġenerali, l-awditu kkonferma li t-tfassil u l-implimentazzjoni prattika tal-proċessi ta' ITSM ta' eu-LISA huma effettivi sabiex jassiguraw li eu-LISA topera s-sistemi tal-IT tas-SIS II, tal-VIS u tal-Eurodac b'mod li jippermetti l-iskambju kontinwu u mingħajr interruzzjoni tad-data bejn l-awtoritajiet nazzjonali li jużawhom.

Għalkemm l-awditu ma identifika l-ebda problema importanti ħafna fit-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT, l-IAS iqis li hemm lok għal titjib fl-effiċjenza tal-proċessi relatati. L-IAS ħareġ ħames rakkomandazzjonijiet, kollha kklassifikati bħala "Importanti" u relatati ma' titjib, b'mod partikolari, fi proċessi, bħall-Proċess ta' Ġestjoni tat-Tibdil u l-Proċess ta' Ġestjoni tal-Livell ta' Servizz, inkluż ir-rapportar dwar l-indikaturi tal-livell maqbul ta' servizz u l-KPI għall-proċessi.

#### Awditu dwar l-ippjanar u l-allokazzjoni tal-persunal, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u l-promozzjoni, u t-taħriġ f'eu-LISA<sup>26</sup>

L-għan tal-awditu kien li jivvaluta l-adeqwatezza tat-tfassil u l-effiċjenza u l-effettività tas-sistema ta' kontroll intern stabbilita minn eu-LISA għall-immaniġġjar tar-riżorsi umani tagħha. L-awditu vvaluta wkoll il-konformità legali u regolatorja tal-Aġenzija ma' dispożizzjonijiet speċifiċi tal-qafas regolatorju applikabbli.

L-IAS jikkonkludi li għad hemm nuqqasijiet fil-proċess ta' eu-LISA għall-immaniġġjar tar-riżorsi umani, b'mod partikolari elementi li mhumiex kompletament konformi mal-aspetti proċedurali tar-Regoli ta' Implimentazzjoni u l-linji gwida interni tal-Aġenzija stess. L-IAS identifika żewġ sejbiet "Importanti ħafna" u tnejn "Importanti". Is-sejbiet Importanti Ħafna huma relatati mal-proċeduri ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni u promozzjoni, il-konformità mal-proċeduri, iż-żamma preċiża tal-fajls tal-persunal, u l-immaniġġjar u l-ippjanar tal-HR. Tħejja pjan ta' azzjoni sabiex jindirizza s-sejbiet kollha. Il-pjan għe maqbul mal-IAS u, fil-ħin tat-tfassil ta' dan ir-rapport, jinsab fi proċess ta' implimentazzjoni.

### 2.7.2. Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC)

Fl-2016, il-Kapaċità tal-Awditjar Intern ta' eu-LISA (IAC) wettqet tliet awditi ta' assigurazzjoni. It-temi u l-konklużjonijiet tal-awditi huma ppreżentati hawnhekk.

<sup>25</sup> Rapport Finali tal-Awditu dwar l-Operazzjonijiet tal-IT fl-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-isparzju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (Ares (2016) 3501586 — 15/07/2017).

<sup>26</sup> Rapport Finali tal-Awditu dwar l-Ippjanar u l-Allokazzjoni tal-Persunal, l-Evalwazzjoni tal-Prestazzjoni u l-Promozzjoni, u t-taħriġ f'eu-LISA (Ares (2016)7043332 — 19/12/2016).

### Awditu dwar it-tfassil tas-sistema ta' kontroll intern għall-Ftehim ta' Delega dwar il-Fruntieri Intelliġenti<sup>27</sup>

L-għan tal-awditu kien li jagħmel valutazzjoni indipendenti u li jipprovdi lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord tat-Tmexxija opinjoni ta' awditjar dwar l-adeqwatezza tat-tfassil tas-sistema ta' kontroll intern li l-Aġenzija kienet stabbiliet għall-implimentazzjoni tal-kompiti meħtieġa biex twettaq il-fażi ta' ttestjar tal-Proġett Pilota tal-Fruntieri Intelliġenti.

Abbażi tar-riżultati tal-awditu, kif deskritt hawn fuq fl-għan u l-kamp ta' applikazzjoni, l-IAC ħasset li t-tfassil tas-sistema ta' kontroll intern stabbilita minn eu-LISA għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Delega kien adegwat fit-23 ta' Mejju 2016.

### Awditu dwar il-proġett ta' rikostruzzjoni fi Strasburgu<sup>28</sup>

L-għan tal-awditu kien li jagħmel valutazzjoni u li jipprovdi lid-Direttur Eżekuttiv, kif ukoll lill-Bord tat-Tmexxija, assigurazzjoni indipendenti dwar l-effettività u l-efiċjenza tal-kontrolli interni stabbiliti għall-implimentazzjoni tal-proġett ta' rikostruzzjoni fi Strasburgu.

Fin-nuqqas tad-dokumenti meħtieġa dwar il-proġett (jiġifieri l-pjan tal-proġett u r-rapport ta' progress dwar il-proġett), l-IAC ma setgħetx tipprovdi assigurazzjoni raġonevoli dwar l-effettività u l-efiċjenza tas-sistema ta' kontroll intern stabbilita għal dan il-proġett. Madankollu, mill-analiżi tad-data kuntrattwali u finanzjarja eżistenti fiċ-ċirkwiti finanzjarji tal-Aġenzija relatati mal-implimentazzjoni tal-kuntratt ta' rikostruzzjoni, l-IAC innotat rata baxxa ta' progress fix-xogħol (jiġifieri 9 %) fit-30 ta' Ġunju 2016 (jiġifieri f'nofs l-iskeda tal-proġett). L-IAC ħarġet rakkomandazzjoni waħda tal-awditjar ikklassifikata Importanti ħafna u żewġ rakkomandazzjonijiet ikklassifikati Importanti. Is-sejba Importanti ħafna hija relatata mal-proġett u l-organizzazzjoni għall-ġestjoni tal-kuntratt li għet stabbilita. Tħejja pjan ta' azzjoni sabiex jindirizza s-sejbiet kollha.

### Rapport finali tal-awditu dwar il-ġestjoni tal-proġetti tal-IT<sup>29</sup>

L-għan kien li jagħmel valutazzjoni u jipprovdi assigurazzjoni indipendenti lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord tat-Tmexxija dwar l-adeqwatezza u l-effettività tal-proċess ta' ġestjoni tal-proġetti tal-IT.

L-IAC tirrikonoxxi l-iskjerament inizjali tal-proċess ta' ġestjoni tal-proġetti u l-pjanijiet ta' titjib imħabbra f'Ottubru 2014. Madankollu, l-IAC tħoss li l-proċess ta' ġestjoni tal-proġetti bħalissa għandu bżonn urġenti ta' reviżjoni u titjib. Ir-reviżjoni għandha tikkunsidra, fost affarijiet oħra, is-sjeda, il-persunal, l-għodod, l-appoġġ u s-superviżjoni xierqa. L-IAC ħarġet żewġ rakkomandazzjonijiet Importanti ħafna. Dawn huma relatati mat-tlestija, iż-żamma u t-titjib kontinwu tal-proċess ta' ġestjoni tal-proġetti, l-istima tal-kostijiet tal-proġetti u n-negozjar tal-prezzijiet mal-kuntratturi. Fiż-żmien tal-kitba ta' dan ir-rapport, kien tħejja pjan ta' azzjoni u kien fil-proċess ta' rieżami mill-partijiet interessati interni rilevanti.

## 2.7.3. Qorti Ewropea tal-Awdituri

Fl-2016, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ffinalizzat l-awditu tas-soltu tal-kontijiet annwali ta' eu-LISA għas-sena finanzjarja 2015.<sup>30</sup> Il-Qorti awditjat:

<sup>27</sup> Rapport Finali tal-Awditu dwar it-Tfassil tas-Sistema ta' Kontroll Intern għall-Ftehim ta' Delega dwar il-Fruntieri Intelliġenti (IAC/06/2016).

<sup>28</sup> Rapport Finali tal-Awditu dwar il-Proġett ta' Rikostruzzjoni fi Strasburgu (IAC/11/2016).

<sup>29</sup> Rapport Finali tal-Awditu dwar il-Ġestjoni tal-Proġetti tal-IT (IAC/02/2017).

<sup>30</sup> Ir-rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' liberta', sigurtà u ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2015, flimkien mat-tweġiba tal-Aġenzija.

(1) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu d-dikjarazzjonijiet finanzjarji<sup>31</sup> u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit<sup>32</sup> għas-sena finanzjarja li tintemm fil-31 ta' Diċembru 2015;

(2) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti ta' dawk il-kontijiet.

Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, f'kull aspekk materjali, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2015 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għal dik is-sena, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni Ewropea.

Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li tintemm fil-31 ta' Diċembru 2015 huma legali u regolari f'kull aspekk materjali.

Il-Qorti għamlet ħames kummenti li **ma jixħtux dubji fuq l-opinjoni ta' hawn fuq**. Dawk il-kummenti kienu jirrigwardaw:

- il-konklużjoni ta' FWC, mingħajr ma kienu speċifikati fid-dettall is-servizzi meħtieġa;
- FWC għal servizzi ta' taħriġ li ma jispjegaw li s-servizzi ta' akkwist iridu jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist fir-regoli finanzjarji tal-Aġenzija;
- sejħa għal espressjoni ta' interess u preselezzjoni tal-kandidati għal parteċipazzjoni fi proċedura negozjata b'valur stmat ta' EUR 20 miljun saru mingħajr delega formali mill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni;
- l-appropriazzjonijiet impenjati riportati taħt it-titolu II tal-baġit, li kienu jammontaw għal EUR 9 miljun jew 50 % tal-appropriazzjonijiet totali impenjati (fl-2014 dan kien ta' EUR 15-il miljun jew 87 %); dawn ir-riporti jirrigwardaw prinċipalment kuntratt kbir għall-estensjoni tal-bini ta' Strasburgu (EUR 4.6 miljun) kif ukoll servizzi pprovduti taħt kuntratti pluriennali;
- il-pajjiżi assoċjati ma' Schengen li għadhom mhumiex qegħdin jikkontribwixxu għall-attivitajiet (salarji u nefqa amministrattiva oħra) taħt it-titoli I u II tal-baġit tal-Aġenzija.

Is-sejbiet kollha ġew indirizzati mill-Aġenzija. Għandu jiġi nnotat ukoll li r-riżoluzzjoni ta' wħud mis-sejbiet hija lil hinn mill-kontroll ta' eu-LISA.

## 2.8. Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet u l-pjanijiet ta' azzjoni għall-awditj

Il-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-Aġenzija (IAC) timmonitorja u ssegwi b'mod regolari s-sitwazzjoni attwali tal-pjanijiet ta' azzjoni li eu-LISA poġġiet fis-seħħ wara diversi rakkomandazzjonijiet tal-awditjar.

Inklużi f'dan hemm ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar miftuħa kollha tal-31 ta' Diċembru 2016 li ġew ikklassifikati bħala "Kritiċi" jew "Importanti ħafna", u nħarġu mill-awdituri li ġejjin:

- is-Servizzi tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea;
- il-Kapaċità tal-Awditjar Intern ta' eu-LISA;

<sup>31</sup> Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u d-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-fluss tal-flus, id-dikjarazzjoni tal-bidliet fl-assijiet netti u sommarju tal-linji politiċi kontabilistiċi sinifikanti u noti ta' spjega oħrajn.

<sup>32</sup> Dawn jinkludu l-kont tal-eżitu baġitarju u l-anness għall-kont tal-eżitu baġitarju.

- il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Ir-rapport juri r-riżultati tal-monitoraġġ (l-istatus tal-pjanijiet ta' azzjoni kif iddikjarat mill-maniġment u s-sidien tal-azzjonijiet), u r-riżultati tas-segwitu tal-awdituri. Sabiex jikkonfermaw l-għeluq (taħt l-intestatura "Magħluqa" fit-tabella fil-qosor hawn taħt), l-IAS u l-IAC wettqu s-segwitu annwali għall-pjanijiet ta' azzjoni ddiċjarati bħala "Implimentati" (valutazzjoni, mill-awditur, tal-evidenza pprovduta u miġbura).

Fil-31 ta' Diċembru 2016, l-Aġenzija kellha 22 rakkomandazzjoni tal-awditjar ikklassifikati bħala Importanti Ħafna. Minn dawn, 10 rakkomandazzjonijiet tal-awditjar inħarġu riċentement<sup>33</sup> u huma mmarkati hawn taħt bħala "Ġodda". Ma kienx hemm kwistjonijiet "Kritiċi" miftuħa.

L-IAS segwa<sup>34</sup> u għalaq erba' rakkomandazzjonijiet importanti ħafna li rriżultaw mir-rieżami limitat tal-IAS dwar l-implimentazzjoni tal-Istandards tal-Kontroll Intern f'eu-LISA fl-2015. Rakkomandazzjoni waħda importanti ħafna għadha miftuħa u huwa nnotat li l-azzjoni korrettiva rispettiva tinsab għaddejja iżda t-tlestija sħiħa hija mistennija sal-aħħar tal-2017 u mhux, kif stmat inizjalment, sa Novembru 2015.

L-IAC segwiet<sup>35</sup> u għalqet rakkomandazzjoni Importanti Ħafna<sup>36</sup> li rriżultat mill-awditu tal-IAC dwar il-ġestjoni tal-kuntratti. Rakkomandazzjoni waħda Importanti Ħafna<sup>37</sup> baqgħet miftuħa, bl-iskadenza tiġi estiża mit-30 ta' Ġunju 2016 għat-30 ta' Ġunju 2017. Rakkomandazzjoni oħra Importanti Ħafna<sup>38</sup> baqgħet miftuħa għal perjodu ta' monitoraġġ ġdid.

Il-QEA segwiet<sup>39</sup> l-osservazzjonijiet magħmula fis-snin ta' qabel u tliet rakkomandazzjonijiet Importanti Ħafna<sup>40</sup> ngħalqu (jew ma kinux applikabbli). Rakkomandazzjoni waħda Importanti Ħafna<sup>41</sup> nżammet bħala għaddejja, għalkemm l-istatus tagħha kien "Implimentata", kif iddikjarat mill-maniġment ta' eu-LISA.

#### Tabella fil-qosor

Rakkomandazzjonijiet tal-IAS, tal-IAC u tal-QEA skont il-klassifikazzjoni	Total	Ġdida	Implimentata	Għaddejja	Magħluqa	Skaduta
Kritika <sup>a</sup>	0	0	0	0	0	0
Importanti Ħafna <sup>b</sup>	22	10	9	0	8	3
<b>Total</b>	<b>22</b>	<b>10</b>	<b>9</b>	<b>0</b>	<b>8</b>	<b>3</b>

<sup>a</sup>Kritika: dgħufija fundamentali fil-proċess awditjat li hi detrimental fil-livell tal-entità.

<sup>b</sup>Kritika: dgħufija fundamentali fil-proċess awditjat li hi detrimental fil-livell tal-entità.

<sup>33</sup> Żewġ rakkomandazzjonijiet Importanti Ħafna tal-awditjar waslu fis-17 ta' Jannar 2017 wara l-awditu dwar il-Proċess ta' Ġestjoni tal-Proġetti tal-IT, li l-IAC wettqet fl-2016.

<sup>34</sup> Nota dwar l-awditu ta' segwitu tal-IAS dwar ir-rakkomandazzjonijiet pendenti mir-rieżami limitat tal-IAS dwar l-implimentazzjoni tal-Istandards tal-Kontroll Intern f'eu-LISA (Ares(2017)444132 — 27/01/2017).

<sup>35</sup> Memorandum tal-IAC dwar ir-Riżultati ta' Segwitu (IAC/05/2017).

<sup>36</sup> ID tar-rek#2015100925: 1.2.2 Governanza tal-Kuntratti.

<sup>37</sup> ID tar-rek#2015100924: 1.2.1 — Definizzjoni u organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-Kuntratti.

<sup>38</sup> ID tar-rek#201404295: L-Aġenzija, abbażi tar-riżultat ta' valutazzjoni tar-riskju li tinkludi valutazzjoni tar-riskju ta' frodi, għandha tistabbilixxi mingħajr dewmien dawn li ġejjin: proċedura dwar l-eċċezzjonijiet sabiex tassigura li l-każijiet kollha ta' qbiż tal-kontrolli jew ta' devjazzjonijiet mill-proċessi u l-proċeduri stabbiliti jkunu dokumentati f'rapporti dwar l-eċċezzjonijiet, ġustifikati, debitament approvati qabel ma tittieħed azzjoni u mdaħħla f'reġistru speċjali.

<sup>39</sup> Ir-rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2015 flimkien mat-tweġiba tal-Aġenzija.

<sup>40</sup> ID tar-rek# 201410307: 14: Kontrolli interni, ID tar-rek#2015103029: 12: Ġestjoni baġitarja u ID tar-rek#2015103030: 13: Ġestjoni baġitarja.

<sup>41</sup> ID tar-rek#201410308: Kontribuzzjoni tal-pajjiżi assoċjati. Skont ir-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija, il-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen u l-miżuri relatati mal-Eurodac iridu jipprovdu kontribuzzjoni għall-baġit tal-Aġenzija. Għalkemm il-pajjiżi assoċjati ma' Schengen kienu qegħdin jużaw is-sistemi ġestiti mill-Aġenzija, fl-2013 in-negozjati tal-Kummissjoni kienu għadhom għaddejjin.

Nota: għall-iskop ta' monitoraġġ, ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-QEA huma kklassifikati bħala "Importanti ħafna".

Kodiċi tal-qari għall-intestaturi fit-tabella ta' hawn fuq:

**Amalgamata:** l-Awditur amalgama r-rakkomandazzjoni ma' waħda simili.

**Magħluqa:** l-Awditur għalaq formalment il-kwistjoni.

**Implimentata:** din hija affermazzjoni minn sid ir-rakkomandazzjoni. Il-kwistjoni hija lesta għas-segwitu tal-Awditur bil-ħsieb li tingħalaq.

**Għaddejja:** l-implimentazzjoni għaddejja skont il-pjan. L-iskadenza ma waslitx jew ġew maqbula pjan ta' azzjoni/skadenza ġodda mal-Awditur.

**Skaduta:** ir-rakkomandazzjoni ma ġietx implimentata sal-iskadenza miftiehma.

**Għida:** qegħdin jiġu stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni jew l-implimentazzjoni tkun għadha kif bdiet fil-każ ta' rakkomandazzjonijiet maħruġa fi żmien sitt xhur mid-data tar-rapport.



## 2.9. Segwitu tal-osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza

Fiż-żmien tat-tnejjira ta' dan ir-rapport, il-proċedura ta' kwittanza għall-2015 kienet tlestiet u l-proċedura għall-2016 kienet għaddejja. It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi informazzjoni dwar l-azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija sabiex tindirizza l-osservazzjonijiet tal-awtorità tal-kwittanza għall-2015.

Qasam	Rimarka	Aġġornament minn eu-LISA
Affidabbiltà tal-kontijiet	Tilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li l-kontijiet annwali ta' eu-LISA jippreżentaw il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2015 b'mod ġust u li t-tranżazzjonijiet tagħha huma legali u regolari	
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	Tilqa' t-titjib fir-rigward tal-ippjanar u l-monitoraġġ tal-baġit; tinnota li l-livell ta' implimentazzjoni tal-baġit qabeż id-99 % kemm għall-appropriazzjonijiet ta' impenn kif ukoll għall-appropriazzjonijiet ta' pagament	
Proċeduri ta' akkwist u reklutaġġ	Jiddispjaċiha li l-aġenzija esternalizzat l-akkwist ta' servizzi lil parti terza mingħajr ma assigurat li kienet qiegħda taġixxi f'konformità mar-regolament finanzjarju tal-Unjoni; jiddispjaċiha li saret sejħa għal espressjoni ta' interess għall-parteċipazzjoni fi proċedura nnegozjata mingħajr delega mill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni; jiddispjaċiha li l-aġenzija kienet involuta fi ftehimiet kuntrattwali jew negozjati ma' kuntrattur waħdieni mingħajr ma ddefiniet b'mod preċiż is-servizzi mitluba; tirrikonoxxi li l-aġenzija aġixxiet f'konformità mar-regolament finanzjarju proprju tagħha; titlob, madankollu, li, minħabba l-ammonti finanzjarji kbar ħafna involuti fl-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi tal-ĠAI u r-riskji assoċjati, l-aġenzija tikkonforma b'mod sħiħ mar-regolament finanzjarju tal-Unjoni	Ma hemm l-ebda sejħa għal espressjoni ta' interess magħmula mingħajr delega mill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni. Il-proċedura msemmija kienet pre-screening tas-suq. L-attivitajiet kollha relatati ma' akkwisti saru f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.  L-Aġenzija kkonkludiet FWC għal servizzi relatati mat-taħriġ. Ma twettqux negozjati diretti sakemm l-iskop tal-kuntratt huwa differenti. L-Aġenzija m'għandhiex biżżejjed persunal biex tieħu ħsieb it-taħriġ neċessarju. Għalhekk, hija tuża kuntrattur sabiex jirriċerka s-suq abbażi ta' talbiet speċifiċi u biex jipprovdi l-aħjar soluzzjoni
	Tilqa' l-isforzi sabiex is-sistemi tal-ĠAI jinżammu allinjati mal-prijoritajiet politiċi li qegħdin jevolvu u l-avvenimenti mhux previsti matul is-sena; tirrikonoxxi l-importanza dejjem tiżdied tal-Aġenzija għall-funzjonament taż-żona Schengen; titlob lill-Aġenzija timmonitorja mill-qrib ir-riżorsi finanzjarji u umani tagħha u, jekk ikun meħtieġ, tissottometti talbiet f'waqthom u ġġustifikati għal aġġustamenti	L-Aġenzija hija nieqsa mill-persunal meta wieħed iqabbel ir-riżorsi umani disponibbli mal-kompiti li ġew assenjati lill-Aġenzija. Għalhekk, eu-LISA se titlob pożizzjonijiet addizzjonali ta' AK għall-2018 u tistenna li l-Parlament Ewropew iħares b'mod favorevoli lejn din it-talba
Governanza korporattiva	Thegġegħ lill-Aġenzija sabiex tiżviluppa KPIs xierqa li jirriflettu aħjar l-effetti u l-impatti tal-azzjonijiet tagħha fuq iż-żamma tas-sigurtà fi ħdan l-UE, il-kontroll tal-fruntieri esterni tal-UE u l-ġestjoni tal-flussi ta' migrazzjoni.	L-Aġenzija attwalment tinsab fil-proċess li tiffinalizza s-sett rivedut ta' Indikaturi tal-Prestazzjoni Korporattiva. Huwa mistenni li s-sett rivedut jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija fl-2017

## Parti II(b). Evalwazzjonijiet esterni

Fiż-żmien tal-kitba ta' dan ir-rapport (Jannar 2017), l-Aġenzija għaddiet minn evalwazzjoni esterna, skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1077/2011.

L-evalwazzjoni eżaminat il-mod kif eu-LISA implimentat il-mandat tagħha, kif stipulat fir-Regolament ta' Stabbiliment tagħha, billi fharset lejn erba' oqsma: l-effiċjenza, l-effettività, il-valur miżjud u l-koerenza. Hija eżaminat ukoll il-kontribut tal-Aġenzija għall-istabbiliment ta' ambjent tal-IT ikkoordinat, effettiv u koerenti għall-ġestjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki tal-ĠAI.

L-evalwazzjoni twettqet b'suċċess. Il-konklużjoni tagħha hija li l-Aġenzija twettaq il-mandat tagħha b'mod effettiv. L-evalwazzjoni tissuġġerixxi wkoll modi partikolari sabiex jitjiebu l-operazzjonijiet tal-Aġenzija u tidentifika opportunitajiet potenzjali biex jiġi estiż il-mandat tagħha.

Punti saljenti mir-rapport/l-evalwazzjoni sabu dan li ġej:

- L-Aġenzija, b'mod ġenerali, kienet lafnet l-objettiv tagħha li tassigura b'mod effettiv it-tmexxija operattiva tat-tliet sistemi tal-IT fdati lilha.
- Għalkemm l-istruttura organizzattiva u l-proċessi interni għadhom qed jevolvu, dawn huma strutturati u deskritti b'mod xieraq. L-Aġenzija kienet kapaċi tidentifika soluzzjonijiet sabiex twettaq il-kompiti assenjati. Dan kien osservat b'mod partikolari permezz tal-istudji tal-każ dwar il-proġetti (eż. il-Proġett Pilota tal-Fruntieri Intelliġenti u l-Istudji dwar is-Servizzi Komuni Kondiviżi).
- L-Aġenzija nrexxielha, b'mod ġenerali, tirrispetta l-allokazzjoni ċara tar-rwoli u r-responsabbiltajiet fil-livelli tal-UE u nazzjonali fir-rigward tal-kompitu ewlieni tagħha li tmexxi s-sistemi tal-IT fuq skala kbira.
- L-attivitajiet ta' eu-LISA huma b'mod ġenerali allinjati tajjeb mal-oqfsa ta' politika u l-istrategġiji rilevanti fil-qasam tal-ĠAI.
- L-Aġenzija żviluppat strategġija ta' kooperazzjoni koerenti sabiex tingaġġa ma' partijiet interessati differenti b'mod strutturat permezz tal-adozzjoni tal-Istrategġija tagħha għall-Ġestjoni tal-Partijiet Interessati.
- L-istabbiliment ta' awtorità ta' ġestjoni waħda sabiex tassumi t-tmexxija operattiva tat-tliet sistemi tal-IT minnu nnifsu joħloq livell għoli ta' valur miżjud, safejn l-Aġenzija twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv u effiċjenti. Il-valur miżjud aħħari ta' eu-LISA, għalhekk, huwa loġikament dipendenti f'afna fuq l-abilità tagħha li twettaq il-kompiti ewlenin tagħha b'mod effiċjenti u effettiv.
- B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni nnotat feedback pożittiv dwar il-livell ta' involviment u komunikazzjoni mal-partijiet interessati fil-livell nazzjonali.

# Parti III. Valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern

## 3.1. Ġestjoni tar-riskju

L-Aġenzija qiegħda ssegwi qafas ta' ġestjoni tar-riskju komprensiv li jinkludi, fuq bażi annwali, il-ġbir tar-riskji, il-valutazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tar-riskji u t-twettiq ta' workshop dwar il-ġestjoni tar-riskji korporattivi matul ir-raba' kwart ta' kull sena. Fil-workshop, jiġu deċiżi s-sidien tar-riskju, kif ukoll l-istrategġija u r-rispons għar-riskju. Ir-riżultat jiġi dokumentat fil-pjan annwali ta' rispons għar-riskji korporattivi, li huwa validu sal-workshop annwali li jmiss dwar il-valutazzjoni tar-riskji korporattivi; dan jiddefinixxi wkoll id-dettalji tal-iskambju dwar il-monitoraġġ tar-riskju bejn is-sidien tar-riskju u l-Uffiċjal għall-Governanza Korporattiva u l-Ġestjoni tar-Riskju.

Għas-sena 2016, fil-pjan ta' rispons għar-riskji korporattivi tal-Aġenzija ġew identifikati u ttrattati total ta' sitt riskji korporattivi. Dawn kienu relatati mal-effetti possibbli tan-nuqqas ta' riżorsi u għodod għall-ġestjoni effiċjenti u effettiva taċ-ċiklu tal-ħajja minn tarf sa tarf tas-sistemi; ir-restrizzjonijiet ta' terminu qasir u medju li jaffettwaw b'mod negattiv l-implimentazzjoni tal-Istrategġija dwar it-Teknoloġija ta' eu-LISA; iż-żieda ta' persunal estern, li ma kellhiex integrazzjoni u kontroll effiċjenti u setgħet tevolvi għal soluzzjoni fit-tul; il-kumplessità u l-iskala tal-kuntratti tas-sistemi tan-negozju prinċipali li jaffettwaw l-implimentazzjoni effettiva tal-baġit; kif ukoll l-ambjent dinamiku u kumpless li jista' jkun ta' sfida għall-Aġenzija fit-twettiq tal-missjoni tagħha.

Għal dawk ir-riskji, inbnew 15-il miżura individwali għar-riskji mas-sidien tar-riskji nnominati, li 11 minnhom kienu ġew implimentati fl-aħħar tas-sena bil-għan li jimmitigaw b'mod suffiċjenti r-riskji identifikati u l-impatt tagħhom fuq l-organizzazzjoni. Sabiex jitnaqqsu r-riskji fir-rigward tal-frodi, il-proċeduri rilevanti fil-qafas etiku tal-Aġenzija ġew prodotti, aġġornati, ikkomunikati u magħmulin disponibbli għall-persunal. It-taħriġ jiġi organizzat fuq bażi annwali sabiex tinħoloq sensibilizzazzjoni fost il-persunal. Għad-dettalji dwar is-sitt riskji korporattivi, jekk jogħġbok irreferi għall-Anness VII.

## 3.2. Konformità u effettività tal-Istandards tal-Kontroll Intern

Is-16-il ICS approvati kollha ta' eu-LISA ġew applikati u integrati b'mod ibbilanċjat għall-kompiti li joħorġu mill-AWP 2016 għall-Aġenzija. Fl-2016, is-16-il ICS ġew dettaljati ulterjorment biex jagħtu 126 miżura individwali tal-ICS, assenjati lil membri tal-persunal rilevanti fl-organizzazzjoni. Meta wieħed iqis il-miżuri tal-2016 li ttieħdu sabiex tinkiseb u tinżamm il-konformità mal-ICSs tal-Aġenzija, jista' jingħad li l-kontroll intern huwa stabbilit b'mod suffiċjenti f'eu-LISA. Ġew implimentati numru ta' azzjonijiet, li juri l-isforzi ta' eu-LISA sabiex tapplika u taħdem għall-governanza tajba. Għall-2017, il-firxa u l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri ta' konformità se jiġu aġġornati abbażi tal-pariri pprovduti mill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni kif ukoll tas-sejbiet relatati mar-riżultati tal-laqgħat konġunti bejn il-Koordinatur tal-Kontroll Intern u l-manigġers u l-persunal ta' eu-LISA b'funzjonijiet relatati mal-ICS.

Il-funzjoni tal-Koordinatur tal-Kontroll Intern (koperta mill-Kap tas-Settur tal-Governanza Korporattiva) ġiet stabbilita sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-ICS f'eu-LISA billi toħloq punt fokali sabiex jipprovdi informazzjoni u għarfien, kif ukoll kapacià għall-monitoraġġ u r-rappurtar. Wara eżerċizzji ta' monitoraġġ trimestrali mal-manigġers u l-persunal b'funzjonijiet relatati mal-ICS, fl-2016, il-Koordinatur tal-Kontroll Intern irrapporta b'mod kontinwu lid-Direttur Eżekuttiv dwar l-istatus u l-progress tal-konformità tal-ICS fi ħdan eu-LISA. Sabiex ikompli jiffaċilita l-isforzi tal-Aġenzija ħalli jkollha sistema effiċjenti u effettiva għall-kontroll intern, fl-2016, il-Koordinatur tal-Kontroll Intern wettaq eżerċizzju ta' prijoritizzazzjoni li wassal għal proposti għall-aġġornamenti fl-2017 fil-miżuri għall-implimentazzjoni tal-ICSs.

Barra minn hekk, l-effettività u l-effiċjenza ġenerali tas-sistema ta' kontroll intern kienet valutata mill-Koordinatur tal-Kontroll Intern. Għal dan il-għan, ġie kkonsultat ir-reġistru tal-ICS ta' eu-LISA (li jiddokumenta l-istatus ta' kull

miżura individwali relatata mal-implimentazzjoni tal-ICSs fl-Aġenzija) sabiex tiġi estratta d-dejta meħtieġa, li mbagħad għet miġbura fil-qosor u mibgħuta bħala rapport lill-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA għall-informazzjoni tagħhom. Għad-dettalji dwar l-implimentazzjoni tal-ICS, jekk jogħġbok irreferi għal Anness VII.

## Parti IV. Assigurazzjoni tal-maniġment

### 4.1. Rieżami tal-elementi li jappoġġaw l-assigurazzjoni

L-elementi kostitwenti tal-assigurazzjoni huma l-bażi tal-assigurazzjoni raġonevoli mogħtija mill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni fid-dikjarazzjoni tiegħu ta' assurazzjoni tar-Rapport Annwali tal-Attività. Dawn huma miġburin fil-qosor hawn taħt.

#### Element kostitwenti 1: Valutazzjoni mill-maniġment

##### *Valutazzjoni mill-maniġment*

Il-maniġment tal-Aġenzija għandu fiduċja raġonevoli li, b'mod ġenerali, hemm fis-seħħ kontrolli xierqa u dawn qegħdin jaħdmu kif suppost; ir-riskji qegħdin jiġu mmonitorjati u mitigati b'mod xieraq u qegħdin jiġu implimentati t-titjib u r-rinforzi neċessarji.

Barra minn hekk, il-maniġment tal-Aġenzija jagħraf il-ħtieġa li jinżamm livell għoli ta' effiċjenza fl-ambjent tal-kontroll intern tagħha u ta' valutazzjoni u tisħiħ kontinwi tal-kontrolli interni eżistenti sabiex tintlaħaq u mbagħad tinżamm konformità sħiħa mar-rekwiżiti tas-16-il ICS adottati sabiex tiġi assicurata l-kisba tal-objettivi fl-AWP tagħha.

##### *Reġistru ta' eċċezzjonijiet*

L-Aġenzija kellha fis-seħħ proċedura għar-reġistrazzjoni tal-eċċezzjonijiet mill-2013. Fil-bidu tal-2015, ġiet adottata proċedura formali għar-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tal-eċċezzjonijiet. L-objettiv ġenerali tagħha huwa li tistabbilixxi arranġamenti xierqa sabiex ikun assigurat li kwalunkwe ċirkostanza eċċezzjonali ta' każijiet sinifikanti ta' qbiż tal-kontrolli jew devjazzjonijiet mill-qafas regolatorju stabbilit tiġi spjegata sew, irreġistrata u rrapportata skont il-prinċipju tat-trasparenza. Eċċezzjoni trid tiġi dokumentata, iġġustifikata u approvata fil-livell xieraq qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni.

Fl-2016, ġew irreġistrati 30 episodju ta' eċċezzjonijiet u nuqqas ta' konformità mill-proċeduri stabbiliti. L-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni stabbilixxa li dawn l-episodji ta' eċċezzjonijiet jew ta' nuqqas ta' konformità ma jeħtiġux riżerva formali fid-dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni abbażi tal-materjalità.

#### Element kostitwenti 2: Riżultati tal-awditjoni esterni

##### *Opinjoni tal-IAS*

##### *Rapport finali tal-awditu dwar l-operazzjonijiet tal-IT f'eu-LISA*

B'mod ġenerali, l-awditu kkonferma li t-tfassil u l-implimentazzjoni prattika tal-proċessi fil-kamp ta' applikazzjoni huma effettivi sabiex jassiguraw li eu-LISA topera s-sistemi tal-IT tas-SIS II, tal-VIS u tal-Eurodac b'mod li jippermetti l-iskambju kontinwu u mingħajr interruzzjoni tad-data bejn l-awtoritajiet nazzjonali li jużawhom. Għalkemm l-awditu ma identifika l-ebda problema importanti ħafna fit-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT, l-IAS iqis li hemm lok għal titjib fl-effiċjenza tal-proċessi relatati. Dawn huma ppreżentati fid-dettall fir-rapport.

##### *Rapport finali tal-awditu dwar l-ippjanar u l-allokazzjoni tal-persunal, l-ewalwazzjoni tal-prestazzjoni u l-promozzjoni, u t-taħriġ f'eu-LISA*

L-Aġenzija ffinalizzat b'suċċess il-proċeduri tagħha ta' ewalwazzjoni tal-prestazzjoni u ta' promozzjoni għas-snin li kienu suġġetti għal rieżami tal-awditjar (2014 u 2015) f'konformità mar-regolamenti. L-IAS jirrikonoxxi li eu-LISA nediet proġetti maħsuba sabiex isaħħu l-kontrolli tal-immaniġġjar tal-HR, inkluż l-iżvilupp ta' għodda integrata tal-

IT għall-immaniġġjar tal-HR. Barra minn hekk, fl-2016, l-Aġenzija adottat HRS komprensiva li torbot l-għanijiet strateġiċi tagħha għall-perjodu 2014-2020 mal-għanijiet speċifiċi tal-Unità tar-Riżorsi Umani u t-Taħriġ (HRTU). L-implimentazzjoni tagħha se tiġi rieżaminata fit-tielet kwart tal-2017. Madankollu, l-IAS jikkonkludi li għad hemm nuqqasijiet fil-proċess ta' eu-LISA għall-immaniġġjar tal-HR, b'mod partikolari, hemm elementi li mhumiex kompletament konformi ma' aspetti proċedurali tar-Regoli ta' Implimentazzjoni u l-linji gwida interni tal-Aġenzija stess. F'dan il-kuntest, l-IAS identifika żewġ sejbiet Importanti Ħafna.

L-Aġenzija tbatì minn għadd ta' nuqqasijiet fis-sistemi tagħha ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni u ta' promozzjoni (sejba Nru 1). Dawn jirrigwardaw in-nuqqas li jintlaħqu l-iskadenzi ppjanati, in-nuqqas ta' konformità parzjali tal-proċess ta' evalwazzjoni u ta' promozzjoni mal-proċeduri mandati, ir-rwol ambigwu tal-Kumitat Konġunt għall-Promozzjonijiet kif attwalment ikkostitwit, il-ħtieġa tat-trasparenza fil-komunikazzjonijiet mal-persunal u t-titjib fil-kwalità tal-evalwazzjonijiet tal-prestazzjoni nfishom.

L-Aġenzija ilha mingħajr pożizzjoni għal Kap ta' Unità tal-HRTU (jiġifieri manijer tal-HR responsabbli mill-kwistjonijiet tal-HR) minn Marzu 2016 (sejba Nru 2). Il-Kap tad-Dipartiment tar-Riżorsi u l-Amministrazzjoni (RAD) (id-dipartiment li jinkludi l-HRTU u żewġ unitajiet oħra) ħa wkoll ir-responsabbiltà diretta għat-tmexxija tal-HRTU minn dik id-data. L-IAS jinnota li din is-sitwazzjoni kienet temporanjament inevitabbli. Madankollu, l-IAS iqis li l-isfidi importanti fil-qasam tal-immaniġġjar tal-HR ifissru li din il-kariga għandha terġa' tiġi stabbilita u timtela kemm jista' jkun malajr. Bħalissa għaddejjin diversi proġetti relatati mal-HR li huma mistennija li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-immaniġġjar u l-ippjanar effettivi tal-HR u dawn jeħtieġu l-input u s-supervizzjoni ta' manijer tal-HR għoli ddedikat.

Fil-wasla għall-konklużjoni ta' hawn fuq, kienu identifikati r-riskji li ġejjin li jista' jkollhom impatt fuq il-kisba tal-oġġettivi tan-negozju għall-proċess awditjat:

- Proċedura tal-Evalwazzjoni tal-Prestazzjoni u tal-Promozzjonijiet — klassifikazzjoni tar-riskju: "Għoli";
- Immaniġġjar u Ppjanar tal-HR — klassifikazzjoni tar-riskju: "Għoli".

*Opinjoni tal-QEA (rapport tal-awditu dwar il-kontijiet 2015)*

*Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet:*

Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, f'kull aspekk materjali, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2015 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għal dik is-sena, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni Ewropea.

*Opinjoni dwar il-legalità u r-regularità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li tintemm fil-31 ta' Diċembru 2015 huma legali u regolari f'kull aspekk materjali.

### **Element kostitwenti 3: Segwitu tar-riżervi minn perjodi ta' rappurtar preċedenti**

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni fir-Rapport Annwali tal-Attività 2015 ma kien fiha l-ebda riżerva.

### **Konklużjoni**

Abbażi tal-Parti II u l-Parti III hawn fuq, wieħed jista' jikkonkludi li ma hemm l-ebda dgħufija sinifikanti fil-kontrolli interni li jista' jkollha impatt fuq id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni.

## 4.2. Riżervi (jekk applikabbli)

Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta hawn fuq, l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni ma ħareġ l-ebda riżerva.

### 4.3. Konklużjonijiet ġenerali dwar l-assigurazzjoni

Jien, hawn taħt iffirmit, id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA),

Fil-kapaċità tiegħi bħala Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni,

Niddikjara li l-informazzjoni inkluża f'dan ir-rapport tagħti stampa vera u ġusta.

Niddikjara li għandi assicurazzjoni raġonevoli li r-riżorsi assenjati għall-attivitajiet deskritti f'dan ir-rapport intużaw għall-iskop maħsub tagħhom u skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u li l-proċeduri ta' kontroll fis-seħħ jagħtu l-garanziji neċessarji rigward il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

Din l-assigurazzjoni raġonevoli hija bbażata fuq il-ġudizzju proprju tiegħi u l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħi, bħar-riżultati tal-awtovalutazzjoni, il-kontrolli ex-post, il-ħidma tas-Servizz tal-Awditjar Intern, il-ħidma tal-Kapaċità tal-Awditjar Intern u r-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti tal-Qorti tal-Awdituri.

Nikkonferma li ma jiena konxju tal-ebda ħaġa li mhijiex irrapportata hawnhekk li tista' tkun ta' dannu għall-interessi tal-Aġenzija.

Tallinn,.....

..... (firma)

Krum GARKOV



# ANNESSI

## Anness I. Indikaturi tal-Prestazzjoni Korporattiva

Fl-2015, il-Bord tat-tmexxija ta' eu-LISA adotta sett ta' Indikaturi tal-Prestazzjoni Korporattiva. L-ewwel kejl tal-Indikaturi tal-Prestazzjoni Korporattiva kien parzjalment imwettaq fit-tmiem tar-raba' kwart tal-2016 u fil-bidu tal-ewwel kwart tal-2017. Minħabba d-diskussjonijiet li kienu għaddejnin bejn il-partijiet interessati u eu-LISA, is-sett sħiħ tal-miri tal-KPI korporattivi ma kienx ġie maqbul sal-ħin li nkiteb dan ir-rapport. eu-LISA attwalment qiegħda taħdem sabiex jintlaħaq qbil dwar il-miri kollha tal-KPI. Huwa mistenni li s-sett aġġornat ta' KPIs jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija fl-2017.

Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2016 ikopri l-KPIs (bil-miri) li ġew adottati mill-Bord tat-Tmexxija. Il-miri tal-KPI li għadhom is-suġġett ta' diskussjoni mhumiex rappreżentati fit-tabella hawn taft.

KPI	Indikatur tal-Prestazzjoni Korporattiva	Mira <sup>a</sup>	Attwali <sup>b</sup>
1	Sigurtà: numru ta' nuqqasijiet kritiċi identifikati waqt it-testijiet tas-sigurtà	0	958
2	Sigurtà: perċentwal ta' riskji identifikati tas-sigurtà ttrattati permezz ta' kontrolli assicurati tas-sigurtà	100 %	100 %
3	Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac	99.99 %	99.83 %
4	Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-Eurodac	99.45 %	99.99 %
5	Disponibbiltà tan-Netwerk fuq Żona Wiesgħa (WAN) (għas-sistemi tas-SIS II u tal-VIS)	99.99 %	100 %
6	Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tas-SIS II	99.99 %	99.83 %
7	Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tas-SIS II	99.50 %	99.88 %
8	Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-VIS	99.99 %	99.48 %
9	Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-VIS	100 %	98.64 %
10	Rata ta' kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament riportati	< 5 %	3.33 %
11	Rata (%) ta' implimentazzjoni tal-impenji baġitarji	95-99 %	97.90 %
12	Rata (%) ta' implimentazzjoni tal-pagamenti	> 95 %	97.58 %
13	Proporzjon tal-ispejjeż ta' investiment/manutenzjoni meta mqabbel mal-ispiża globali tas-sistemi mmaniġġjati; m'għandux jitkejjel kif propost, iżda għandu jitħassar skont it-talba għall-bidla fil-KPI mibgħuta lill-Bord tat-Tmexxija		
14	HR: proporzjon (%) tar-riżorsi amministrattivi għar-riżorsi operazzjonali	Amministrattivi: 20 %	15.91 %
		Operazzjonali: 70 %	73.28 %
15	Proporzjon (%) ta' pagamenti kompletati sal-iskadenzi statutorji	90-100 %	93.20 %
16	Metri kwadri medji ta' spazju tal-uffiċċju għal kull FTE (m <sup>2</sup> )	10 m <sup>2</sup>	7.9 m <sup>2</sup>
17	Sodisfazzjon tal-parteċipanti esterni fil-korsijiet ta' taħriġ ta' eu-LISA	> 3	4.45
18	Konformità tal-akkwisti mal-PAP tal-Aġenzija	0.5-1.5	0.44
19	Ġestjoni tal-proġetti tal-akkwisti: % ta' proġetti ta' akkwist ewlenin mal-iskeda	> 60 %	97 %

20	Sodisfazzjon tal-klijenti: % ta' utenti tal-SM sodisfatti jew sodisfatti ħafna bis-servizz ġenerali pprovdut mis-Servizz tal-Għajnuna ta' eu-LISA	> 80 %	94.45 %
21	Proporzjon (%) ta' attivitajiet identifikati fil-Programm ta' Ħidma Annwali lesti jew mal-iskeda	90 %	91.2 %
22	Prestazzjoni tal-helpdesk tas-sistemi tal-Istati Membri	> 80 %	90 %
23	Ġestjoni tal-proġetti: valutazzjoni tal-proġetti kompletati kontra l-parametri definiti tal-kwalità/prezz/ħin	< 10	0
24	Perċentwal ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditjar implimentati sal-iskadenzi stipulati	80-100 %	75 %
25	HR perċentwal ta' ġranet ta' assenza mhux iċċertifikati vs ġranet ta' assenza ċċertifikati fi ħdan il-perjodu tar-rapportar	< 25 %	23 %
26	HR: perċentwal ta' dawran annwali tal-persunal	≤ 5 %	7.64 %
27	HR: indiċi tal-prestazzjoni tal-persunal	Evalwazzjonijiet kompletati: 100 %	100 %
		Prestazzjoni baxxa: < 5 %	0 %
		L-Aqwa prestazzjoni: > 10 %	59 %
28	HR: livell ta' involviment tal-persunal	≥ 80 %	81 %
29	Komunikazzjoni esterna: viżibilità bbażata fuq il-web ta' eu-LISA	Viżitaturi uniċi: miftuħa	81 005
		Tul ta' żmien medju ta' kull żjara: miftuħa	4 min 54s
		Rata ta' rimbals (telqu wara paġna waħda): miftuħa	37 %
		Azzjonijiet f'kull żjara (medja): miftuħa	3.7

<sup>a</sup>Il-mira tad-disponibbiltà tas-sistemi mhijiex definita b'mod preċiż fl-istrumenti legali li jirregolaw is-sistemi. Il-mira ta' 99.99 % ġiet stabbilita mill-Aġenzija fid-dawl tal-fatt li s-sistemi ġestiti minnha huma definiti bħala sistemi ta' disponibbiltà għolja.

<sup>b</sup>Id-disponibbiltà attwali tinkludi l-ħin ta' switch over u ta' switch back, fil-każ ta' manutenzjoni pplanata.

FTE, ekwivalenti ta' ingaġġ full-time; PAP, Pjan ta' Akkwist u Akkwizzizzjoni.

## Anness II.Statistika dwar il-ġestjoni finanzjarja

### 1. Baġit inizjali, trasferimenti u baġits emendatorji

It-tabella ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor, fuq livell ta' kapitoli, it-trasferimenti baġitarji interni operati mill-Aġenzija għall-fondi C1 fl-2016. Ma kienet meħtieġa l-ebda emenda tal-baġit.

Kapitolu tal-Baġit	Approprjazzjonijiet ta' Impenn			Approprjazzjonijiet ta' Pagament				
	Baġit inizjali	Trasferimenti	Baġit emendatorju	Baġit finali	Baġit inizjali	Trasferimenti	Baġit emendatorju	Baġit finali
<b>TITOLU 1 - NEFQA FUQ IL-PERSUNAL</b>	<b>15,241,848.00</b>	<b>-1,041,661.95</b>		<b>14,200,186.05</b>	<b>15,241,848.00</b>	<b>1,041,661.95</b>		<b>14,200,186.05</b>
A-11 Salarji u benefiċċji	13,860,848.00	-1,230,214.66		12,630,633.34	13,860,848.00	1,230,214.66		12,630,633.34
A-12 Nefqa relatata mar-reklutaġġ	35,000.00	42,386.49		77,386.49	35,000.00	42,386.49		77,386.49
A-13 Spejjeż ta' Missjonijiet	300,000.00	110,000.00		410,000.00	300,000.00	110,000.00		410,000.00
A-14 Infrastruttura Soġo-Medka	646,000.00	52,502.20		698,502.20	646,000.00	52,502.20		698,502.20
A-15 Taħriġ għall-Persunal	400,000.00	-16,335.98		383,664.02	400,000.00	-16,335.98		383,664.02
<b>TITOLU 2 - NEFQA INFRASTRUTTURALI U OPERAZZJONALI</b>	<b>11,372,000.00</b>	<b>-2,540,000.00</b>		<b>8,832,000.00</b>	<b>11,372,000.00</b>	<b>2,540,000.00</b>		<b>8,832,000.00</b>
A-20 Nefqa fuq il-bini	4,985,000.00	-3,564,450.00		1,420,550.00	4,985,000.00	3,564,450.00		1,420,550.00
A-21 IT Korporattiv u Telekom	1,550,000.00			1,550,000.00	1,550,000.00			1,550,000.00
A-22 Proprietà Mobbli u Spejjeż Assoċjati	200,000.00			200,000.00	200,000.00			200,000.00
A-23 Nefqa Amministrattiva Kurrenti	385,000.00	163,150.00		548,150.00	385,000.00	163,150.00		548,150.00
A-24 Posta	35,000.00			35,000.00	35,000.00			35,000.00
A-25 Bord tat-Tmexxija	280,000.00			280,000.00	280,000.00			280,000.00
A-26 Informazzjoni u Pubblikazzjonijiet	400,000.00	150,000.00		550,000.00	400,000.00	150,000.00		550,000.00
A-27 Servizzi ta' Appoġġ Estern	2,567,000.00	711,300.00		3,278,300.00	2,567,000.00	711,300.00		3,278,300.00
A-28 Sigurtà	970,000.00			970,000.00	970,000.00			970,000.00
<b>TITOLU 3 - NEFQA OPERAZZJONALI</b>	<b>53,408,152.00</b>	<b>3,581,661.95</b>		<b>56,989,813.95</b>	<b>53,408,152.00</b>	<b>3,581,661.95</b>		<b>56,989,813.95</b>
B3-0 Infrastruttura tas-Sistemi Kondiviżi (Sistemi CORE)	7,032,000.00	0.00		7,032,000.00	4,050,000.00	215,000.00		4,265,000.00
B3-1 SIS II	10,225,000.00	2,570,000.00		12,795,000.00	8,900,000.00	1,405,000.00		10,305,000.00
B3-2 VIS-BMS	29,500,000.00	1,700,342.84		31,200,342.84	32,750,000.00	1,041,661.95		33,791,661.95
B3-3 EURODAC	2,825,000.00	-1,500,000.00		1,325,000.00	3,900,000.00	-205,000.00		3,695,000.00
B3-6 Servizzi Supp. Est. relatati direttament mas-Sistemi CORE	2,546,152.00	917,000.00		3,463,152.00	2,508,152.00	1,125,000.00		3,633,152.00
B3-7 Missjonijiet ta' laqgħat relatati direttament mas-sistemi CORE	540,000.00	-100,000.00		440,000.00	560,000.00	0.00		560,000.00
B3-8 Taħriġ relatat direttament ma' operazzjonijiet	740,000.00	-5,680.89		734,319.11	740,000.00	0.00		740,000.00
<b>TOTAL</b>	<b>80,022,000.00</b>	<b>0.00</b>		<b>80,022,000.00</b>	<b>80,022,000.00</b>	<b>0.00</b>		<b>80,022,000.00</b>

## 2. Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena (sors ta' finanzjament C1)

Fir-rigward tal-appropriazzjonijiet tal-2016 (sors ta' finanzjament C1), l-Aġenzija laħqet livell għoli ta' implimentazzjoni tal-baġit, fejn qabżet is-97.9 % kemm fl-appropriazzjonijiet ta' impenn kif ukoll ta' pagament, meta jitqies ir-riport awtomatiku tal-appropriazzjonijiet.

TITOLU TAL-BAĠIT	IMPENJI (C1)			PAGAMENTI (C1)		
	Ibbaġitjat	Ikkunsmat	%	Ibbaġitjat	Ikkunsmat	%
<b>Titolu 1 – Nefqa fuq il-personal</b>	<b>14,200,186.05</b>	<b>14,198,694.61</b>	<b>99.9%</b>	<b>14,200,186.05</b>	<b>14,198,694.61</b>	<b>99.9%</b>
<i>li minnhom, implimentati</i>		14,198,694.61	99.9%		13,783,002.28	97.1%
<i>li minnhom, riport awtomatiku</i>		-	-		415,692.33	2.9%
<b>Titolu 2 – Nefqa Infrastrutturali u Operazzjonali</b>	<b>8,832,000.00</b>	<b>7,889,174.20</b>	<b>89.3%</b>	<b>8,832,000.00</b>	<b>7,889,174.20</b>	<b>89.3%</b>
<i>li minnhom, implimentati</i>		7,889,174.20	89.3%		2,916,061.90	37.0%
<i>li minnhom, riport awtomatiku</i>		-	-		4,973,112.30	63.0%
<b>Titolu 3 – Nefqa operazzjonali</b>	<b>56,989,813.95</b>	<b>56,249,994.65</b>	<b>98.7%</b>	<b>56,989,813.95</b>	<b>55,999,644.43</b>	<b>98.3%</b>
<b>EUR TOTALI</b>	<b>80,022,000.00</b>	<b>78,337,863.46</b>	<b>97.9%</b>	<b>80,022,000.00</b>	<b>78,087,513.24</b>	<b>97.6%</b>
<i>li minnhom, implimentati</i>		78,337,863.46	97.9%		72,698,708.61	90.8%
<i>li minnhom, riportati</i>		-	-		5,388,804.63	6.7%

## 3. Implimentazzjoni tal-baġit għal sorsi oħra ta' finanzjament

Minbarra l-baġit għas-sena (sors ta' finanzjament C1), l-Aġenzija implimentat appropriazzjonijiet:

- mid-dħul assenjat intern (sors ta' finanzjament C4);
- mid-dħul assenjat intern riportat (sors ta' finanzjament C5);
- mir-riport ta' impenji (differenzjati fit-Titolu 3 u mhux differenzjati fit-Titoli 1 u 2) u l-appropriazzjonijiet ta' pagament (mhux differenzjati biss) korrispondenti mis-snin preċedenti (sors ta' finanzjament C8);
- mid-dħul assenjat estern, bħala kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi assoċjati skont l-Artikolu 32(1)(b) tar-Regolament ta' Stabbiliment u l-Ftehim ta' Delega dwar il-Fruntieri Intelliġenti ffirmat mal-Kummissjoni Ewropea fl-2015 (sors ta' finanzjament R0, Titolu 3 biss).

Titolu tal-Baġit	Sors ta' Finanzjament	Impenn			Pagament		
		Ibbaġitjat	Ikkunsmat	% Impenjat	Ibbaġitjat	Ikkunsmat*	% Pagament
A-1 Nefqa fuq il-personal	C1	14,200,186.05	14,198,694.61	99.9%	14,200,186.05	13,783,002.28	97.1%
	C5	627.70	627.70	100.0%	627.70	627.70	100.0%
	C8	271,530.94	242,886.42	89.5%	271,530.94	242,886.42	89.5%
	Subtotal	14,472,344.69	14,442,208.73	99.8%	14,472,344.69	14,026,516.40	96.9%
A-2 Nefqa Infrastrutturali u Operazzjonali	C1	8,832,000.00	7,889,174.20	89.3%	8,832,000.00	2,916,061.90	33.0%
	C4	95,726.73	436.14	0.5%	95,726.73		
	C5	8,465.67	8,465.67	100.0%	8,465.67	4,255.67	50.3%
	C8	19,270,980.00	18,825,809.48	97.7%	19,270,980.00	18,825,809.48	97.7%
Subtotal	28,207,162.40	26,723,875.49	94.7%	28,207,162.40	21,745,927.05	77.1%	
B0-3 Nefqa Operazzjonali	C1	56,989,813.95	56,249,994.65	98.7%	56,989,813.95	55,999,644.43	98.3%
	C4	32,141.66	5,629.09	17.5%	32,141.66	2,850.72	8.9%
	C5	595.00	595.00	100.0%	595.00	595.00	100.0%
	C8	70,153,508.48	64,929,186.22	92.6%			
	R0	4,763,925.58	2,037,462.89	42.8%	4,763,925.58	1,819,740.49	38.2%
Subtotal	131,939,984.67	123,222,867.85	93.4%	61,786,476.19	57,822,830.64	93.6%	
<b>KOLLHA</b>	<b>TOTAL</b>	<b>174,619,491.76</b>	<b>164,388,752.07</b>	<b>94.1%</b>	<b>104,465,983.28</b>	<b>93,595,274.09</b>	<b>89.6%</b>

\*Għall-appropriazzjonijiet C1 tat-Titolu 3, EUR 4 388 024.41 jirreferu għall-pagamenti ta' impenji għas-sena. Il-bqija, li jammontaw għal EUR 51 611 620.02, intużaw sabiex ikopru impenji minn snin preċedenti.

#### 4. Lista ta' trasferimenti baġitarji

Matul l-2016, l-operazzjonijiet ta' trasferiment intern elenkati fit-tabella li ġejja twettqu skont l-Artikolu 27 tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija.

Trasferimenti baġitarji fl-2016						
Nru tat-trasferiment baġitarju	Referenza	Data	Linja baġitarja	Approprijazzjoni ta' impenn (EUR)	Approprijazzjoni ta' pagament (EUR)	
1	LIS.951	15/01/2016	B03200 VIS-BMS MWO	0.00	-1,260,675.26	
			B03201 VIS-BMS oħrajn	0.00	1,260,675.26	
			B03300 Eurodac MWO	0.00	-460,000.00	
			B03301 Eurodac oħrajn	0.00	460,000.00	
2	LIS.983	21/06/2016	A01110 Salarju bażiku	206,048.00	206,048.00	
			A01111 Gratifika għall-familji	-42,800.00	-42,800.00	
			A01112 Gratifika għal tfal dipendenti	-95,548.00	-95,548.00	
			A01113 Gratifika għall-edukazzjoni	-27,500.00	-27,500.00	
			A01114 Gratifiki għall-espatrijazzjoni u r-residenza f'post barrani ta' AK	-133,000.00	-133,000.00	
			A01200 Spejjeż tal-ivvjaġġar	50,000.00	50,000.00	
			A01403 Attivitajiet soċjali	42,800.00	42,800.00	
			A02010 Nefqa fuq il-bini FR	-1,720,000.00	-1,720,000.00	
			A02330 Kostijiet operazzjonali oħrajn	150,000.00	150,000.00	
			A02600 Informazzjoni u pubblikazzjonijiet	150,000.00	150,000.00	
			A02700 Servizzi esterni ta' appoġġ	-150,000.00	-150,000.00	
			B03100 SIS II MWO	1,570,000.00	1,570,000.00	
			B03300 Eurodac MWO	0.00	-300,000.00	
			B03301 Eurodac oħrajn	0.00	300,000.00	
	LIS.985 <sup>a</sup>	21/06/2016	B03100 SIS II MWO	119,105.60	119,105.60	
	B03300 Eurodac MWO	-119,105.60	-119,105.60			
	3	LIS.989	25/07/2016	A02010 Nefqa fuq il-bini FR	-861,300.00	-861,300.00
A02700 Servizzi esterni ta' appoġġ				861,300.00	861,300.00	
4	LIS.991	10/08/2016	A01200 Spejjeż tal-ivvjaġġar	-4,207.50	-4,207.50	
5	LIS.993	26/09/2016	A01100 Salarju bażiku	-330,300.00	-330,300.00	
			A01102 Gratifika għal tfal dipendenti	12,000.00	12,000.00	
			A01110 Salarju bażiku	160,000.00	160,000.00	
			A01124 Gratifika ta' kuljum	30,000.00	30,000.00	
			A01301 Spejjeż ta' misjonijiet	110,000.00	110,000.00	
			A01403 Attivitajiet soċjali	18,300.00	18,300.00	
			A02010 Nefqa fuq il-bini FR	-983,150.00	-983,150.00	
			A02320 Spejjeż legali	13,150.00	13,150.00	
			B03100 SIS II MWO	-155,000.00	-155,000.00	
			B03600 Servizzi ta' fornitur estern direttament relatati mas-sistemi CORE	1,125,000.00	1,125,000.00	
			LIS.999	06/10/2016	B03100 SIS II MWO	155,000.00
	B03600 Servizzi ta' fornitur estern direttament relatati mas-sistemi CORE	-155,000.00	0.00			
	6	LIS.1001	07/11/2016	A01102 Gratifika għal tfal dipendenti	15,000.00	15,000.00
				A01110 Salarju bażiku	50,000.00	50,000.00
A01124 Gratifika ta' kuljum				38,000.00	38,000.00	
A01125 Gratifika ta' kull xahar				6,500.00	6,500.00	
A01144 Gratifiki oħrajn				5,500.00	5,500.00	
A01190 Koeffiċjenti ta' korrezzjoni				-120,000.00	-120,000.00	
A01401 Gratifika tan-'nursery'				5,000.00	5,000.00	
B03100 SIS II MWO				1,000,000.00	0.00	
B03300 Eurodac MWO				-1,000,000.00	0.00	
7	LIS.1005	29/11/2016	A01102 Gratifika għal tfal dipendenti	5,450.00	5,450.00	
			A01110 Salarju bażiku	15,200.00	15,200.00	
			A01125 Gratifika ta' kull xahar	150.00	150.00	
			A01130 Assigurazzjoni kontra l-mard	1,600.00	1,600.00	
			A01131 Assigurazzjoni kontra l-inċidenti u l-mard okkupazzjonali	250.00	250.00	
			A01132 Assigurazzjoni kontra l-Qgħad	1,250.00	1,250.00	
			A01190 Koeffiċjenti ta' korrezzjoni	-39,900.00	-39,900.00	
			A01201 Spejjeż oħrajn	16,000.00	16,000.00	
			A02310 Imposti bankarji u imposti finanzjarji oħra	-50,000.00	-50,000.00	
A02330 Kostijiet operazzjonali oħrajn	50,000.00	50,000.00				
8	LIS.1018	20/12/2016	A01100 Salarju bażiku	-527,175.51	-527,175.51	
			A01101 Gratifika għall-familji	-1,327.38	-1,327.38	
			A01102 Gratifika għal tfal dipendenti	-3.22	-3.22	
			A01103 Gratifika għall-edukazzjoni	-13,533.48	-13,533.48	
			A01104 Gratifiki għall-espatrijazzjoni u r-residenza f'post barrani ta' AT	-8,366.52	-8,366.52	
			A01105 Xiftijiet ta' saħra u dmirijiet on-call ta' AT	-6,034.59	-6,034.59	
			A01110 Salarju bażiku	-46.58	-46.58	
			A01124 Gratifika ta' kuljum	-874.12	-874.12	
			A01125 Gratifika ta' kull xahar	-15.36	-15.36	
			A01130 Assigurazzjoni kontra l-mard	-13.98	-13.98	
			A01131 Assigurazzjoni kontra l-inċidenti u l-mard okkupazzjonali	-47.11	-47.11	
			A01132 Assigurazzjoni kontra l-Qgħad	-19.22	-19.22	


Trasferimenti baġtarji fl-2016					
Nru tat-trasferiment baġtarju	Referenza	Data	Linja baġtarja	Approprijazzjoni ta' impenn (EUR)	Approprijazzjoni ta' pagament (EUR)
			A01140 Gratifiki tat-twelid u l-mewt	-1,206.76	-1,206.76
			A01141 Spejjeż tal-ivvjaġġar għal-liv annwali	-63,271.08	-63,271.08
			A01144 Gratifiki oħrajn	-857.83	-857.83
			A01181 Spejjeż tal-ivvjaġġar (assunzjoni tad-dmirijiet)	-1,832.83	-1,832.83
			A01182 Gratifika għall-installazzjoni u l-assenjazzjoni mill-ġdid	-34,823.53	-34,823.53
			A01183 Spejjeż tat-tneħħija	-20,317.06	-20,317.06
			A01184 Gratifika tas-sussistenza ta' kuljum	-5,825.08	-5,825.08
			A01190 Koeffiċjenti ta' korrezzjoni	-302,523.42	-302,523.42
			A01200 Spejjeż tal-ivvjaġġar	-23,292.50	-23,292.50
			A01201 Spejjeż oħrajn	-321.01	-321.01
			A01400 Eżami mediku annwali	-6,000.00	-6,000.00
			A01401 Gratifika tan-'nursery'	-5,000.00	-5,000.00
			A01403 Attivitajiet soċjali	-2,597.80	-2,597.80
			A01500 Taħriġ għall-persunal	-16,335.98	-16,335.98
			B03000 infrastruttura tas-sistema kondiviża (Sistemi CORE)	0.00	205,000.00
			B03200 VIS-BMS MWO	1,700,342.84	1,041,661.95
			B03300 Eurodac MWO	-500,000.00	55,000.00
			B03301 Eurodac oħrajn	0.00	-260,000.00
			B03600 Servizzi ta' fornitur estern direttament relatati mas-sistemi CORE	-53,000.00	0.00
			B03730 Laqgħat u missjonijiet oħrajn	-100,000.00	0.00
			B03800 Taħriġ relatat direttament mal-operazzjonijiet	-5,680.89	0.00
9	LIS.1020	22/12/2016	B03000 Infrastruttura tas-sistema kondiviża (Sistemi CORE)	0.00	10,000.00
			B03100 SIS II MWO	0.00	-10,000.00
<b>9</b>	<b>Numru totali ta' trasferimenti baġtarji fl-2016</b>				

\*Approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament Ro.

# Anness III.Organigrama

Fl-2016, in-numru totali ta' pozzizzjonijiet f'eu-LISA kien jikkonsisti minn 144 membru tal-persunal full-time: 114 AT, 24 AK u sitt ENS.

L-organigrama turi s-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2016, fejn tippreżenta d-dipartimenti, l-unitajiet u s-setturi, kif ukoll il-pożizzjonijiet individwali subordinati għad-Direttur Eżekuttiv ta' eu-LISA, bl-għadd ta' persuni.



## Annex IV.Pjan ta' Stabbiliment

### II-Pjan ta' Stabbiliment 2016 ta' eu-LISA

II-Pjan ta' Stabbiliment 2016 kien jikkonsisti minn 118-il pożizzjoni ta' AT.

Kategorija u grad	Pjan ta' stabbiliment awtorizzat taħt il-baġit tal-Unjoni Ewropea 2016	
	Numru ta' uffiċjali	Numru ta' AT
AD 16	0	0
AD 15	0	0
AD 14	0	1
AD 13	0	2
AD 12	0	3
AD 11	0	3
AD 10	0	5
AD 9	0	9
AD 8	0	12
AD 7	0	13
AD 6	0	14
AD 5	0	12
<b>Total ta' AD</b>	<b>0</b>	<b>74</b>
AST 11	0	0
AST 10	0	0
AST 9	0	1
AST 8	0	1
AST 7	0	2
AST 6	0	6
AST 5	0	12
AST 4	0	12
AST 3	0	10
AST 2	0	0
AST 1	0	0
<b>Total ta' AST</b>	<b>0</b>	<b>44</b>
<b>Total</b>	<b>0</b>	<b>118</b>

### Informazzjoni dwar il-livell tad-dħul ta' kull tip ta' pożizzjoni: tabella indikattiva

It-tabella ta' hawn taħt turi l-livelli li fihom il-funzjonijiet ewlenin elenkati mill-Kummissjoni Ewropea huma rrappreżentati f'eu-LISA. It-titoli tax-xogħol użati fl-Aġenzija huma elenkati f'każ ta' differenzi bejn it-terminoloġija tal-Kummissjoni u dik tal-Aġenzija. Għandu jiġi nnotat li l-grad tad-dħul li huma oġġla minn dawk imsemmija fl-Artikolu 53 tas-CEOS huma dovuti għar-reklutaġġ organizzat fil-fażi tal-bidu tal-Aġenzija, meta kienu allokatati gradi oġġla fil-Pjan ta' Stabbiliment ta' eu-LISA.



<i>Funzjonijiet ewlenin (eżempji — it-terminoloġija għandha tiġi aġġustata għat-titoli tax-xogħol ta' kull aġenzija)</i>	<i>Tip ta' kuntratt (uffiċjali, AT jew AK)</i>	<i>Grupp ta' funzjoni, grad ta' reklutaġġ (jew taħt il-parentesi jekk ippubblikat fil-parentesi)</i>	<i>Indikazzjoni jekk il-funzjoni hijiex iddedikata għall-appoġġ amministrattiv jew għall-operazzjonijiet [soġġett għad-definizzjonijiet użati fil-metoloġija tal-iskrining]</i>
<i>Kap tad-Dipartiment — it-tieni livell</i>	AT	AD 12	Amministrazzjoni/operazzjonijiet
<i>Kap ta' Unità — it-tielet livell</i>	AT	AD 10	Amministrazzjoni/operazzjonijiet
<i>Kap tas-Settur — ir-raba' livell</i>	AT, AK	AD 5, AD 7, AD 8, AD 9, AD 10, FG IV	Amministrazzjoni/operazzjonijiet
<i>Uffiċjal Għoli</i>	AT	AD 9	Amministrazzjoni/operazzjonijiet
<i>Uffiċjal</i>	AT, AK	AD 7, AD 8, FG IV	Amministrazzjoni/operazzjonijiet
<i>Uffiċjal Subaltern</i>	AT, AK	AD 5, FG IV	Amministrazzjoni/operazzjonijiet
<i>Assistent Għoli</i>	M/A	M/A	Amministrazzjoni/operazzjonijiet
<i>Assistent Subaltern</i>	AT, AK	AST 2, AST 3, FG III	Amministrazzjoni/operazzjonijiet
<i>Kap tad-Dipartiment tar-Riżorsi u l-Amministrazzjoni</i>	AT	AD 12	Amministrazzjoni
<i>Kap tal-Unità tar-Riżorsi Umani u t-Taħriġ</i>	AT	AD 10	Amministrazzjoni
<i>Kap tal-Unità tal-Finanzi u tal-Akkwisti</i>	AT	AD 10	Newtrali
<i>Kap tal-IT</i>	M/A	M/A	M/A
<i>Segretarju<sup>a</sup>/Assistent Assistent għall-Kap tad-Dipartiment jew Assistent għall-Kap ta' Unità</i>	AT, AK	AST 3, FG III	Amministrazzjoni/operazzjonijiet
<i>Skrivan tal-Posta</i>	M/A	M/A	M/A
<i>Webmaster/Editur</i>	M/A	M/A	M/A
<i>Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data</i>	AT	AD 10	Amministrazzjoni
<i>Uffiċjal tal-Kontabbiltà</i>	AT	AD 9	Newtrali
<i>Awditur Intern</i>	AT	AD 9	Amministrazzjoni/newtrali
<i>Assistent Personali għad-Direttur Eżekuttiv</i>	AT	AST 5 <sup>b</sup>	Amministrazzjoni

<sup>a</sup>Il-Pjan ta' Stabbiliment ta' eu-LISA ma kienx jipprevedi pożizzjonijiet ta' segretarji. Bid-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti l-ġodda tal-Persunal fl-1 ta' Jannar 2014, eu-LISA ddeċidiet li żżomm il-gradji approvati fil-Pjan ta' Stabbiliment u li żżid il-kompiti tal-persunal impjegat fil-grad AST 2 u AST 3 għall-assistenti f'qasam partikolari (HR, IT, eċċ.) jew l-assistenti amministrattivi. Fl-istess ħin, meta jkun meħtieġ, il-fornituri esterni ta' servizzi (intra-muros) iwettqu xogħol segretarjali.

<sup>b</sup>Dan il-grad tad-dħul ġie stabbilit mal-folqien tal-Aġenzija fl-2012. FG, Grupp ta' Funzjoni.

## Valutazzjoni komparattiva mar-riżultati mis-sena ta' qabel

It-tabella indikattiva kienet ipprovduta mill-Kummissjoni Ewropea. It-tabella finali għandha tiġi miżjuda abbażi tar-rakkomandazzjoni tal-grupp ta' ħidma dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni komparattiva.

Fi tmiem l-2016, eu-LISA wettqet it-tielet eżerċizzju tagħha ta' valutazzjoni komparattiva, li twettaq skont il-metodoloġija maqbulha mill-Kapijiet tal-Amministrazzjoni tal-Aġenziji Ewropej<sup>42</sup>. L-iskrining ġie applikat għall-pożizzjonijiet kollha ta' eu-LISA, mhux biss għall-pożizzjonijiet ta' AT elenkati fil-Pjan ta' Stabbiliment. Ir-riżultati ta' dan l-eżami huma ppreżentati fit-tabelli ta' hawn taft.

**Tabella 1. Riżultati tal-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva ta' eu-LISA tal-2016 — membri tal-personal**

<i>Tip ta' xogħol (sotto) kategorija</i>	<b>2015 (%)</b>	<b>2016 (%)</b>
<b>Appoġġ amministrattiv u koordinazzjoni</b>	<b>17.75</b>	<b>15.91</b>
<i>Appoġġ amministrattiv</i>	13.41	12.50
<i>Koordinazzjoni</i>	4.34	3.41
<b>Operazzjonali</b>	<b>69.93</b>	<b>73.28</b>
<i>Operattiva ġenerali</i>	49.43	60.74
<i>Ġestjoni tal-programm</i>	12.10	4.53
<i>Koordinazzjoni operattiva tal-ogħla livell</i>	8.4	8.01
<i>Evalwazzjoni u Valutazzjoni tal-impatt</i>	0	0.00
<b>Newtrali</b>	<b>12.32</b>	<b>10.81</b>
<i>Finanzi</i>	12.32	10.81
<i>Kontroll</i>	m/a	m/a

Fl-2015 u l-2016, l-Aġenzija eżaminat ukoll il-postijiet okkupati minn fornituri esterni ta' servizzi (il-personal intra-muros) bir-riżultati komparattivi murija hawn taft.

**Tabella 2. Riżultati tal-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva ta' eu-LISA tal-2015 — fornituri esterni ta' servizzi (intra-muros)**

<i>Tip ta' xogħol (sotto) kategorija</i>	<b>2015 (%)</b>	<b>2016 (%)</b>
<b>Appoġġ amministrattiv u koordinazzjoni</b>	<b>51.22</b>	<b>56.80</b>
<i>Appoġġ amministrattiv</i>	41.46	54.00
<i>Koordinazzjoni</i>	9.76	2.80
<b>Operazzjonali</b>	<b>39.02</b>	<b>39.20</b>
<i>Operattiva ġenerali</i>	34.15	31.60
<i>Ġestjoni tal-programm</i>	m/a	5.60
<i>Koordinazzjoni operattiva tal-ogħla</i>	4.88	2.00
<i>Evalwazzjoni u valutazzjoni tal-impatt</i>	m/a	m/a
<b>Newtrali</b>	<b>9.76</b>	<b>4.00</b>
<i>Finanzi</i>	9.76	4.00
<i>Kontroll</i>	m/a	m/a

<sup>42</sup> Il-Metodoloġija għall-Iskrinjar tax-Xogħol tal-Aġenziji annessa man-Nota mil-Laqqha tal-Kapijiet tal-Aġenzija tas-16-17 Ottubru 2014.

## **Anness V. Riżorsi umani u finanzjarji skont l-attività**

eu-LISA għadha ma implimentatx ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività; għalhekk, l-informazzjoni għall-HR mhijiex disponibbli. Għar-riżorsi finanzjarji, jekk jogħġbok irreferi għall-Anness II.

## Annex VI. Annex speċifiku relatat mal-Parti II

### Evalwazzjoni esterna skont l-Artikolu 31 tar-Regolament ta' Stabbiliment

#### Evalwazzjoni esterna indipendenti tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA)

Mill-Kummissjoni Ewropea u Ernst & Young

Sommarji Eżekuttivi

Marzu 2016

#### 1. Sommarju eżekuttiv (MT)

L-Evalwazzjoni Esterna tal-2015 (l-Evalwazzjoni) tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA) ġiet f'perjodu meta l-ispazju Ewropew ta' sigurtà, libertà u ġustizzja qiegħed jiffaċċja influż fil-flussi ta' migrazzjoni u żieda fin-numru ta' applikazzjonijiet għall-asil. Hekk kif l-Istati Membri tal-UE jippruvaw jimmaniġġaw dawn il-flussi ta' migrazzjoni, f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, il-ħtieġa li jiġi assigurat il-funzjonament mingħajr problemi tat-tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira li jappoġġaw il-ħidma tagħhom fil-qasam tal-Affarijiet Interni (is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u s-sistema tal-Eurodac) hija għolja fuq l-aġenda.

L-Evalwazzjoni wriet li l-Aġenzija twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv. Billi kienet fdata mil-leġislatur tal-UE bil-ġestjoni tat-tliet sistemi, l-Aġenzija kienet kapaċi tiġbor riżorsi u tassigura sinerġiji u approċċ aktar konsistenti. L-Aġenzija għalhekk tikkontribwixxi wkoll għal ambjent tal-IT aktar ikkoordinat, effettiv u koerenti. Madankollu kienu identifikati xi modi ta' titjib sabiex l-Aġenzija ttejjeb il-ġestjoni operattiva tagħha. Barra minn hekk, wara tliet snin mill-istabbiliment tal-Aġenzija, it-tim ta' evalwazzjoni identifika l-ħtieġa possibbli ta' revizzjoni jew estensjoni tal-kompiti fdati lil eu-LISA fir-Regolament ta' Stabbiliment u strumenti legali rilevanti oħra. Dan jippermetti l-adattament tal-mandat attwali tal-Aġenzija sabiex ikun assigurat li din tilħaq l-isfidi preżenti fuq livell tal-UE.

Il-konklużjonijiet ewlenin tal-Evalwazzjoni dwar l-erba' assi tal-analiżi huma dawn li ġejjin

#### 1.1. Effettività

L-għan ta' dan il-kriterju kien li jivvaluta kemm eu-LISA laħqet l-oġettivi tagħha, kif deskritti fil-loġika ta' intervent.

#### ***Q1.1. Kemm kienet effettiva eu-LISA sabiex tassigura t-tmexxija operattiva, l-iżvilupp tekniku u s-sigurtà tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-ĠAI fdati lilha, u t-titjib tagħhom?***

L-Evalwazzjoni sabet li l-Aġenzija, b'mod ġenerali, kienet laħqet l-oġettiv tagħha li tassigura b'mod effettiv it-tmexxija operattiva tat-tliet sistemi tal-IT fdati lilha. L-Evalwazzjoni sabet li l-Aġenzija wettqet b'suċċess il-kompiti li joħorġu mir-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija, il-Ftehimiet fis-seħħ dwar il-Livell ta' Servizz (FLS), implimentat sewwa l-evoluzzjonijiet fis-sistemi, u ssodisfat ir-rekwiżiti li joħorġu mis-sigurtà, il-protezzjoni tad-data u l-aqwa prattiki tal-industrija. L-Aġenzija stabbiliet ukoll il-kapaċitajiet xierqa u qafas organizzattiv biex tlaħħaq mal-kompiti relatati mal-evoluzzjoni tas-sistemi taħt ir-responsabbiltà tagħha (ITIL v3, Prince 2, ISO 2700x). L-Evalwazzjoni identifikat ukoll modi ta' titjib, fost l-aktar importanti:

- Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-aqwa Prattiki tal-ITILv3, filwaqt li l-Aġenzija għamlet progress ta' min ifaħħru f'dan ir-rigward (pereżempju l-istabbiliment ta' għodod xierqa għall-ġestjoni tal-proġetti għal proġetti bħall-Evoluzzjonijiet tal-VIS, Testa-NG), għad baqa' xi jsir. Pereżempju, l-Evalwazzjoni identifikat il-ħtieġa li jissaħħaħ il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-proċessi implimentati tal-IT u li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-indikaturi tal-prestazzjoni, li attwalment huma limitati għall-prestazzjoni tan-negozju.
- L-Evalwazzjoni nnotat riskju għall-kontinwità tal-operat marbut man-nuqqas ta' Pjan ta' Rkupru minn Diżastru (DRP) uniku u trasversali u Pjan ta' Kontinwità tal-Operat (BCP) li jkopri t-tliet sistemi (eż. il-persunal, il-faċilitajiet, ir-riżorsi, eċċ.), li ġie identifikat mill-Aġenzija u kien qiegħed jiġi indirizzat permezz ta' proġett li kien għaddej matul il-perjodu tal-evalwazzjoni.
- Dwar il-ġestjoni tal-kapaċità, l-Evalwazzjoni identifikat il-ħtieġa (eż. Studju tal-Każ dwar l-Evoluzzjoni tal-VIS) li l-Aġenzija tistabbilixxi u tifformalizza proċess ta' rieżami li jippermetti rieżami regolari tal-ħtiġijiet ta' kapaċità tas-sistemi mal-Istati Membri, abbażi tal-istatistika ġenerata mis-sistemi u eżerċizzju prospettiv.
- Rigward is-sigurtà tal-IT, l-Evalwazzjoni identifikat il-ħtieġa tal-implimentazzjoni ta' funzjoni ta' ġestjoni transfunzjonali tal-arkitettura, responsabbli mill-validazzjoni tal-għażliet infrastrutturali, l-għażla tat-teknoloġija tal-applikazzjonijiet u l-implimentazzjoni fuq livell trasversali u mhux bis-sistema. Hemm bżonn ta' strateġija u pjan direzzjonali komuni sabiex tittejjeb l-integrazzjoni tal-prinċipji ta' arkitettura sigura fit-tliet sistemi kollha sabiex jitnaqqsu r-riskji relatati mas-sigurtà.
- Rigward il-protezzjoni tad-data, l-Evalwazzjoni identifikat il-ħtieġa li jiġi assigurat li jiddaħħlu klawnsoli xierqa dwar il-protezzjoni tad-data fil-ftehimiet konklużi ma' kuntratturi esterni. Barra minn hekk, l-Evalwazzjoni identifikat it-tħassib li jeżisti dwar il-produzzjoni tar-rapporti dwar il-kwalità tad-data u l-analiżi tad-data. Attwalment mhux ienjar ċar safejn l-Aġenzija tista' taċċessa d-databases sabiex tipproduċi dawn ir-rapporti billi l-qafas legali preżenti ma jipprovdi għal mandat espliċitu, speċjalment fir-rigward tal-istabbiliment ta' rapporti dwar l-analiżi tad-data (jiġifieri l-produzzjoni ta' rapporti dwar l-analiżi tad-data inkluża fis-sistemi mill-Istati Membri). L-Evalwazzjoni għalhekk identifikat il-ħtieġa li din il-kwistjoni tiġi ċċarata aktar f'evoluzzjoni/riforma futura tal-qafas legali preżenti.
- Dwar l-obbligi ta' eu-LISA fir-rigward tal-produzzjoni ta' dokumenti u rapporti, l-Aġenzija għandha tinforza l-kontroll tal-kwalità tad-dokumenti/rapporti ppreżentati.

#### ***M1.2a. Kemm kienet effettiva eu-LISA fit-twettiq ta' monitoraġġ tar-riċerka?***

L-attivitajiet ta' monitoraġġ tar-riċerka mwettqa mill-Aġenzija kienu valutati bħala pertinenti u meħtieġa għall-funzjonament effettiv u effiċjenti tal-Aġenzija u għall-iżvilupp tas-sistemi. Ma seta' jiġi identifikat l-ebda eżempju ċar tal-impatt minħabba l-livell baxx ta' maturità ta' din l-attività. L-Aġenzija identifikat l-importanza tal-monitoraġġ tar-riċerka u rrikonossiet fil-Programm ta' Hídma tagħha tal-2015 li għandu jsir sforz akbar sabiex ir-risultati tal-attività jinfurmaw it-tmexxija operattiva tas-sistemi.

L-Evalwazzjoni sabet ukoll li jeħtieġ li jsiru sforzi sabiex jiġi assigurat li jinħolqu sinerġiji ma' entitajiet oħra f'dan il-qasam, inkluża l-Kummissjoni Ewropea.

#### ***M1.2b. Kemm kienet effettiva eu-LISA sabiex tipprovdi t-taħriġ?***

Mit-twaqqif tagħha, l-Aġenzija għamlet sforzi ta' min ifaħħarhom sabiex tiżviluppa attivitajiet ta' taħriġ b'saħħithom skont il-ħtiġijiet tal-awtoritajiet nazzjonali, kemm tekniċi kif ukoll Prattiki. L-elaborazzjoni tal-istrateġija tat-taħriġ issir b'mod annwali permezz tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar it-taħriġ li jikkonsistu minn rappreżentanti tal-Istati Membri.

L-evalwazzjoni sabet li kien meħtieġ aktar allinjament mal-ħtiġijiet tekniċi, b'mod partikolari f'termini ta' titjib tal-kontenut tekniċu tat-taħriġ. Dan jista' jkun parzjalment dovut għall-parteċipazzjoni passiva tal-partijiet interessati rilevanti (eż. il-Grupp Konsultattiv u l-membri tal-NCPs) fl-elaborazzjoni tal-istrateġija tat-taħriġ, minkejja l-isforzi tal-Aġenzija sabiex iżżommhom involuti.

***M1.2c. Kemm kienet effettiva eu-LISA fil-kompiti tagħha speċifiċi għall-Eurodac relatati mat-trasmissjoni, il-ġbir u t-tqabbil tad-data, l-aċċess għal, u l-korrezzjoni jew it-tħassir tad-data?***

L-Aġenzija kienet effettiva fil-kompiti tagħha speċifiċi għall-Eurodac, bi proċessi u proċeduri stabbiliti minn mindu l-Aġenzija bdiet il-kompiti operattivi tagħha f'Diċembru 2012 sabiex tikkontrolla t-trasmissjoni effettiva tad-data u biex tikkontrolla l-paragunabbiltà tal-marki tas-swaba' mibgħuta mill-Istati Membri.

***M1.3 Kemm kienet kapaċi eu-LISA tirrispondi għall-kompiti ġodda fdati lilha?***

L-Aġenzija wriet il-kapaċitajiet tagħha li twieġeb għall-kompiti ġodda fdati lilha. Fir-rigward ta' DubliNet u VISION, l-Aġenzija assigurat b'suċċess l-integrazzjoni u l-ġestjoni effettivi tal-kompiti operattivi. Filwaqt li l-Aġenzija kellha suċċess, attwalment ma jeżisti l-ebda rappurtar formali dwar l-impatt fuq ir-riżorsi tal-Aġenzija sabiex tassumi dawn il-kompiti, li għandu jiġi valutat fil-ġejjieni.

Dwar il-proġett pilota tal-Fruntieri Intelliġenti, l-Aġenzija kienet effettiva, sabiex timplimenta l-aspetti tekniċi relatati mal-proġett pilota tal-Fruntieri Intelliġenti u sabiex tassisti lill-Istati Membri fl-eżekuzzjoni tat-testijiet. Tqajmu kwistjonijiet dwar il-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tal-ħruġ ta' għotjiet lill-Istati Membri taħt il-proġett pilota. Il-persunal tal-Aġenzija għandu jiġi mħarreġ dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-ġestjoni tal-għotjiet tal-UE.

L-Evalwazzjoni sabet li l-Aġenzija għandha tingħata riżorsi addizzjonali jekk tiġi fdata bl-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tas-sistema l-ġdida ta' Dħul/ħruġ jew ta' kwalunkwe sistema oħra tal-IT fuq skala kbira.

***M1.4 Kemm kellha suċċess eu-LISA sabiex tistabbilixxi sħubijiet u tfittex sinerġiji ma' aġenziji oħra tal-UE u biex tibni relazzjonijiet b'saħħithom u ta' fiduċja mal-partijiet interessati tagħha fl-operazzjoni u ż-żamma tas-sistemi taħt il-mandat tagħha?***

Mit-twaqqif tagħha, l-Aġenzija żviluppat relazzjonijiet ta' kooperazzjoni u effettivi ma' aġenziji oħra tal-ĠAI. Hija sa issa ffirmat tliet arranġamenti ta' kooperazzjoni jew dokumenti tal-arranġament ta' ħidma li jifformalizzaw il-kooperazzjoni ma' aġenziji oħra tal-UE (CEPOL, FRONTEX, EASO). Din il-kooperazzjoni tqieset bħala ta' suċċess fl-Evalwazzjoni, b'sinġerji li jassistu fit-tweġiq tal-kompiti ta' eu-LISA (jiġifieri l-kooperazzjoni mal-FRONTEX dwar il-proġett pilota tal-Fruntieri Intelliġenti). Minkejja din il-kooperazzjoni, ir-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija jipprovdni mandat limitat fir-rigward ta' tali kooperazzjoni. Minħabba f'hekk, fl-iżvilupp ta' kooperazzjoni ma' aġenziji oħra tal-ĠAI fil-qafas tal-mandat, eu-LISA għandha tagħmel l-isforzi kollha neċessarji sabiex tassigura livell kontinwu ta' prijorità u servizz għax-xogħol ewlieni tagħha.

***1.2. Effiċjenza***

L-għan ta' dan il-kriterju kien li jivvaluta l-kostijiet (finanzjarji, riżorsi umani, ħin, kompetenza) direttament imġarrba mill-Aġenzija biex tikseb ir-riżultati u l-mod kif jiġu allokati u mmaniġġati.

***M2.1. Kemm kienet effiċjenti eu-LISA sabiex timplimenta l-kompiti stipulati fil-mandat tagħha kif stabbilit fir-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija?***

Mit-twaqqif tagħha, l-Aġenzija wettqet ħidma sinifikanti sabiex tallinja l-funzjonijiet, l-operazzjonijiet u l-proċessi interni tagħha mal-ġestjoni ta' qafas tal-IT. eu-LISA b'mod partikolari introduċiet bidliet fid-dipartiment operattiv

sabiex jiġu identifikati u introdotti sinerġiji operattivi. Minħabba l-limitazzjonijiet ffaċċjati mill-Aġenzija fir-riżorsi, l-Evalwazzjoni sabet li hemm bżonn ta' rieżami sfiħ tal-allokkazzjoni tar-riżorsi għall-kompiti ċentrali u mhux ċentrali, li għandhom jitwettqu mill-Aġenzija, sabiex jiġi aċċertat jekk l-allokkazzjoni hijiex proporzjonata għall-għanijiet li jridu jintlaħqu u jekk tistax issir xi riallokkazzjoni. L-Evalwazzjoni sabet ukoll (eż. studju tal-każ dwar ir-Riformulazzjoni tal-Eurodac) li kien hemm il-ħtieġa li jiġu stabbiliti kontrolli xierqa sabiex jiġi assigurat li jkun hemm biżżejjed riżorsi ta' persunal għall-ġestjoni tal-proġett abbażi tal-ħtiġijiet tal-proġett.

### ***M2.1a. Il-fatturi esterni kemm influwenzaw l-effiċjenza tal-Aġenzija?***

Filwaqt li l-Evalwazzjoni sabet li l-Aġenzija ffaċċjat xi problemi li rriżultaw minn fatturi esterni (ir-reklutaġġ f'Tallinn, in-nuqqas ta' sinerġiji fl-akkwist għas-sistemi minħabba li l-Aġenzija kienet marbuta bil-kuntratti eżistenti fis-seħħ), huwa mistenni li dawn il-problemi se jkomplu jiġu solvuti maż-żmien, bl-arranġamenti tal-akkwist u tal-ikkuntrattar eventwalment jiġu konformi mal-approċċ tal-Aġenzija (jiġifieri kuntratti li jkopru t-tliet sistemi kollha).

### ***M2.1b. Kemm huma adegwati l-mekkaniżmi interni u esterni għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni ta' eu-LISA sabiex jiġu assigurati l-akkontabilità u l-valutazzjoni xierqa tal-prestazzjoni ġenerali ta' eu-LISA?***

L-evalwaturi identifikaw il-ħtieġa li l-Aġenzija ttejjeb il-kwalità tar-rappurtar tagħha sabiex tassigura t-trasparenza tal-prestazzjoni ġenerali tal-Aġenzija, bi problemi attwalment identifikati rigward l-akkontabilità u t-trasparenza tal-attivitajiet tal-Aġenzija fir-rapporti tagħha (eż. diffikultajiet sabiex jiġu identifikati r-rabtiet bejn il-ħidma ppjanata fil-Programm ta' Ħidma u dik attwalment imwettqa fir-Rapport Annwali tal-Attività).

### ***M2.2. Il-baġits annwali tal-Aġenzija ġew implimentati b'mod effiċjenti u bil-ħsieb li jinkisbu r-riżultati?***

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-snin riċenti, l-Evalwazzjoni sabet livell baxx ta' implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' impenn ta' kull sena relatati mat-Titolu 3 (infiq operattiv). Dan jindika l-ħtieġa li l-Aġenzija tirrinforza l-kapaċitajiet tal-ippjanar li jippermettu l-elaborazzjoni ta' ppjanar pluriennali aktar dettaljat (l-attivitajiet u l-istimi finanzjarji relatati) u segwitu mill-qrib tal-proċess ta' implimentazzjoni.

### ***M2.3a. Kemm huma adegwati s-soluzzjonijiet organizzattivi, l-HR u l-proċeduri ta' eu-LISA għat-twettiq tal-ħidma fdata lilha u għall-volum tax-xogħol attwali?***

Minħabba l-limitazzjonijiet li jeżistu fil-flessibilità interna, l-Evalwazzjoni ssottolinjat li l-antiċipazzjoni tal-evoluzzjonijiet fil-volum tax-xogħol tal-Aġenzija u ż-żieda ta' kompiti ġodda kienu kruċjali sabiex jippermettu żmien biżżejjed sabiex jiġu adattati r-riżorsi eżistenti u jiġu skjerati oħrajn addizzjonali. Minkejja dan, diġà jista' jiġi sottolinjat li jekk eu-LISA tiġi fdata bl-iżvilupp tas-Sistema l-ġdida ta' Dħul/Ħruġ (jew ta' kwalunkwe sistema oħra tal-IT fuq skala kbira), il-livell attwali ta' riżorsi kif ukoll il-profilu meħtieġa jeħtieġ li jiġu adattati skont dan billi eu-LISA inizjalment kellha persunal biex tħaddem tliet sistemi iżda mhux biex tiżviluppa oħrajn ġodda.

### ***M2.3b. Iċ-ċiklu ta' ppjanar tal-Aġenzija (il-Programm ta' Ħidma Annwali u l-baġit) huwa konformi mal-obiettiv li jinkisbu riżultati effiċjenti?***

L-Evalwazzjoni sabet li l-proċess sabiex jitħejja l-Programm ta' Ħidma Annwali huwa adegwat għalkemm teżisti nuqqas ta' prospettiva minħabba n-nuqqas preżenti ta' programm ta' ħidma pluriennali. Għandu jsir xi titjib, bħall-involviment tal-partijiet interessati aktar kmieni fil-proċess u t-tisfiħ tal-allinjament tiegħu mal-baġit u l-programm ta' ħidma pluriennali. Għal dak il-għan, eu-LISA għandha tadotta malajr programm ta' ħidma pluriennali dettaljat kif previst fir-Regolament ta' Stabbiliment sabiex tassigura ppjanar effettiv għall-Aġenzija.

**M2.3c. Kemm irnexxielha eu-LISA tibni l-kapaċitajiet interni sabiex tiegħu f'ħsieb id-diversi kompiti fdati lilha?**

Filwaqt li l-istruttura organizzattiva u l-proċessi interni għadhom qegħdin jevolvu, l-Evalwazzjoni sabet li dawn huma strutturati u deskritti b'mod xieraq. L-Aġenzija kienet kapaċi tidentifika soluzzjonijiet sabiex twettaq il-kompiti assenjati. Dan ġie osservat b'mod partikolari permezz tal-Istudji tal-Każ dwar il-proġetti (eż. il-proġett pilota tal-Fruntieri Intelliġenti, l-Istudji dwar is-Servizzi Komuni Kondiviżi). Rigward il-kompiti ġodda, l-Aġenzija ħadet f'ħsieb dawn il-kompiti ġodda b'mod effiċjenti permezz tar-riallokazzjoni interna tal-persunal.

Rigward is-sottokuntrattar, l-Evalwazzjoni sabet li hija meħtieġa strateġija formali u trasversali dwar il-forniment kif ukoll għall-persunal intern sabiex tkun assigurata għestjoni mill-qrib tax-xogħol imwettaq minn kuntratturi esterni.

**M2.4. Il-proċessi u l-proċeduri ta' eu-LISA jikkontribwixxu b'suċċess għall-effiċjenza tal-operazzjonijiet tagħha?**

L-Aġenzija wettqet sforzi ta' min ifaħħarhom sabiex tistabbilixxi l-politiki, il-proċessi u l-proċeduri xierqa li jippermettulha tmexxi, tistruttura u torganizza l-operazzjonijiet tagħha u tagħti l-livell meħtieġ ta' servizz. Dan deher, pereżempju, permezz tal-implimentazzjoni tal-proġett dwar l-Istudji dwar is-Servizzi Komuni Kondiviżi.

L-Evalwazzjoni sabet il-ħtieġa li tiġi implimentata sistema ta' għestjoni tal-kwalità bil-għan li l-proċessi, il-politiki u l-proċeduri kollha jiġu aġġornati u rieżaminati fuq bażi regolari. Fl-Istudji tal-każ imwettqa għall-Evalwazzjoni, ġiet identifikata wkoll il-ħtieġa li tiġi assigurata d-disponibbiltà tad-dokumentazzjoni li tittratta l-għestjoni tal-eċċezzjonijiet u l-organigramma (Evoluzzjonijiet tal-VIS).

**M2.5. F'liema miżura l-governanza, l-istruttura organizzattiva u l-lokalizzazzjonijiet ta' eu-LISA kif maħluqa mir-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija, għenu għall-effiċjenza tagħha u sabiex jinkisbu l-ekonomiji ta' skala?**

Ma tidher li hija meħtieġa l-ebda bidla maġġuri fis-sistema ta' governanza preżenti. Għad hemm lok għal titjib fil-parteċipazzjoni attiva tal-membri tal-Grupp Konsultattiv sabiex jipprovdu għarfien espert lill-Aġenzija dwar it-tmexxija operattiva tat-tliet sistemi tal-IT. Il-Bord tat-Tmexxija jiffunzjona b'mod effiċjenti mingħajr l-ebda bidla maġġuri meħtieġa fil-prattika preżenti. Madankollu, l-użu attwali tal-proċedura bil-miktub f'xi każijiet jista' ma jassigurax konsiderazzjoni adegwata tal-problemi. Barra minn hekk, l-Evalwazzjoni sabet (jiġifieri l-Istudju tal-Każ dwar l-Istudji tas-Servizzi Komuni Kondiviżi) li l-Aġenzija tista' potenzjalment iżżid il-livell ta' komunikazzjoni tagħha dwar il-progress relatat mal-proġetti. Fir-rigward tal-lokalizzazzjonijiet b'ħafna siti, l-Evalwazzjoni sabet li t-tixrid ġeografiku ta' eu-LISA għandu impatt fuq l-implimentazzjoni effiċjenti tal-kompiti u r-responsabbiltajiet ta' eu-LISA billi jiġġenera spejjeż addizzjonali li ma kinux isiru kieku l-Aġenzija ġiet stabbilita f'żewġ siti biss (tekniku u ta' riżerva). Filwaqt li jeżistu spejjeż diretti u indiretti, dawn huma meqjusa bħala proporzjonati għar-raġunament tekniku u politiku assoċjat mal-ħolqien ta' ħafna siti qabel l-istabbiliment tal-Aġenzija u li għadhom rilevanti (kif spjegat fid-dettall fis-Sezzjoni 4.9.3).

**1.3. Koerenza**

L-għan ta' dan il-kriterju kien li jeżamina kemm l-attivitajiet ta' kooperazzjoni ta' eu-LISA huma artikolati b'mod effettiv ma' dawk tal-partijiet interessati li jinkludu l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, il-Kummissjoni Ewropea, l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE sabiex jassiguraw il-kumplementarjetà u jevitaw id-duplikazzjoni tal-isforzi. L-evalwazzjoni vvalutat ukoll l-allinjament tal-istrateġiji, il-koerenza tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni, ir-riskji ta' duplikazzjonijiet, il-proċeduri fis-seħħ sabiex jassiguraw li l-attivitajiet ta' kooperazzjoni ta' eu-LISA jkunu koerenti mal-politiki u l-attivitajiet tal-partijiet interessati tagħha u l-perċezzjoni tal-partijiet interessati dwar il-kwalità ta' dawn tal-aħħar.



***M3.1. Kemm qiegħda eu-LISA taġixxi f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u korpi oħra tal-UE, sabiex tassigura l-kumplimentarjetà u tevita d-duplikazzjoni tal-isforzi?***

Ir-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija u l-Memorandum ta' Qbil bejn l-Aġenzija u l-Kummissjoni jipprovdu qafas b'saħħtu għal kooperazzjoni effettiva li b'mod ġenerali hija meqjusa bħala sodisfaċenti. Il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ adegwat lill-Aġenzija matul it-twaqqif tagħha sakemm assumiet il-kompiti tagħha fl-1 ta' Diċembru 2012 u fil-perjodu ta' tranżizzjoni, sakemm l-Aġenzija kisbet l-indipendenza baġitarja fit-22 ta' Mejju 2013. Il-kooperazzjoni stabbilita mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE hija meqjusa bħala ta' benefiċċju sabiex tiġi assicurata l-kumplimentarjetà fl-implimentazzjoni tal-politika u l-istrateġija tal-UE, bil-kundizzjoni li l-kooperazzjoni tibqa' fil-limiti tal-mandat tagħha. Ir-relazzjonijiet żviluppatti mas-settur privat permezz tal-organizzazzjoni ta' avvenimenti relatati mal-industrija ħolqu pjattaforma utli għad-diskussjoni dwar il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet futuri fir-rigward tal-iżvilupp tal-IT. Ġew identifikati l-modi ta' titjib li ġejjin:

- Il-koerenza fir-rigward tal-ġestjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni bejn l-Aġenzija u l-Kummissjoni tista' titjieb billi l-kompiti tal-Kummissjoni (l-implimentazzjoni tal-baġit, l-akkwisti u t-tiġdid u kwistjonijiet kuntrattwali) jiġu trasferiti lill-Aġenzija. L-Aġenzija għandha l-kompetenza u l-kapaċitajiet biex tlaħħaq ma' dawn il-kompiti, li jista' jwassal għal titjib fl-effiċjenza wkoll.
- Barra minn hekk, ġie identifikat riskju ta' duplikazzjoni fir-rigward tal-mandat tal-Aġenzija relatat mal-monitoraġġ tar-riċerka dwar it-tmexxija operattiva tas-sistemi li għandu jkun allinjat mal-ħidma ta' riċerka tal-Kummissjoni f'dan il-qasam u kkoordinat mal-Kummissjoni skont l-Artikolu 15 tal-MtQ. Jista' jintwera eżempju fir-rigward tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tar-riċerka dwar l-identifikaturi bijometriċi. Filwaqt li l-Aġenzija żviluppatt rapport f'dan ir-rigward fl-2015 minħabba r-rabtiet tagħha mas-sistemi li timmaniġġa, diġà ġew żviluppatti attivitajiet konkreti ta' riċerka fl-oqsma tal-bijometrika taħt il-qafas ta' Orizzont 2020 u programmi oħra ta' riċerka.
- L-Evalwazzjoni tqis li l-Aġenzija tista' tkompli tiżviluppa attivitajiet ta' kooperazzjoni esterna (ma' aġenziji oħra tal-UE) bil-kundizzjoni li dawn jikkonformaw mal-mandat tal-Aġenzija u l-attivitajiet ewlenin ma jiġux affettwati f'termini ta' kwalità, servizz, prontezza fir-rispons, rappurtar, eċċ.

***M3.2. Kemm qiegħda eu-LISA taġixxi f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati sabiex tassigura l-kumplimentarjetà u tevita d-duplikazzjoni tal-isforzi?***

L-Evalwazzjoni sabet li l-Aġenzija nrexxielha, b'mod ġenerali, tirrispetta l-allokazzjoni ċara tar-rwoli u r-responsabbiltajiet fil-livell tal-UE u nazzjonali fir-rigward tal-kompitu ewleni tagħha li tmexxi s-sistemi tal-IT fuq skala kbira. Dan joħroġ mid-diviżjoni ċara fil-qafas legali tal-Aġenzija, kif provdut fir-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija. Filwaqt li ma ġiet identifikata l-ebda duplikazzjoni tal-isforzi, jista' jkun hemm aktar kumplimentarjetà fir-rigward tal-interazzjoni akbar tal-membri tal-Grupp Konsultattiv kif ukoll l-involvement akbar tal-Aġenzija fl-analiżi tal-istatistika tal-Istati Membri.

***M3.3. Kemm huma koerenti l-attivitajiet ta' eu-LISA mad-dokumenti ta' strateġija adottati fil-qasam ta' politika?***

L-Evalwazzjoni sabet li l-attivitajiet ta' eu-LISA huma b'mod ġenerali allinjati tajjeb mal-oqfsa ta' politika u l-istrateġiji rilevanti fil-qasam tal-ĠAI. Il-koerenza tal-attivitajiet tal-Aġenzija kienet ikkonfermata permezz tal-istrateġija proprja tagħha għall-perjodu 2014-2020. Minħabba l-livell baxx ta' maturità ta' din l-istrateġija, l-Evalwazzjoni ma tistax tiġġudika l-impatt tagħha għalkemm l-allinjament mal-politiki tal-ĠAI huwa mistenni li jissokta hekk kif l-istrateġija tiżviluppa matul is-snin li ġejjin. Dan għandu jintwera wkoll bl-allinjament tal-istrateġija ta' eu-LISA mal-ewwel programm ta' ħidma pluriennali li mhuwiex finalizzat.

***M3.4. Il-proċeduri stabbiliti huma effettivi sabiex jassiguraw li l-attivitajiet ta' kooperazzjoni ta' eu-LISA jkunu koerenti mal-politiki u l-attivitajiet tal-partijiet interessati tagħha?***

L-Evalwazzjoni sabet li l-Aġenzija żviluppat strateġija ta' kooperazzjoni koerenti għall-involviment ma' partijiet interessati differenti b'mod strutturat permezz tal-adozzjoni tal-Istrateġija tagħha għall-Ġestjoni tal-Partijiet Interessati. Minkejja dan, ma kinux identifikati mekkaniżmi ċari fil-livell tal-Aġenzija sabiex jassiguraw l-allinjament tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni ta' eu-LISA mal-politiki u l-attivitajiet tal-partijiet interessati tagħha. Filwaqt li l-Aġenzija wettqet attivitajiet ta' kooperazzjoni fi f'dan il-qasam tal-ĠAI mal-istituzzjonijiet tal-UE u aġenziji oħra tal-ĠAI, jeħtieġ li jsiru sforzi akbar mill-Aġenzija sabiex tassigura l-koerenza bejn dawn l-attivitajiet u l-mandat tal-Aġenzija, inkluż billi tassigura koordinazzjoni akbar mal-Istati Membri fil-Bord tat-Tmexxija u mal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

***1.4. Rilevanza u valur miżjud***

L-għan ta' dan il-kriterju kien li jeżamina kemm il-ħolqien tal-Aġenzija għab benefiċċji meta mqabbel mal-arranġamenti operattivi preċedenti f'termini ta' effiċjenza u effettività.

***M4.1. X'kienu l-benefiċċji ta' azzjoni fuq livell ta' Aġenzija minn perspettiva operattiva u strateġika?***

L-istabbiliment ta' awtorità ta' ġestjoni waħda sabiex tassumi t-tmexxija operattiva tat-tliet sistemi tal-IT minnu nnifsu johlqoq livell għoli ta' valur miżjud, safejn l-Aġenzija twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv u effiċjenti. Il-valur miżjud aħħari ta' eu-LISA għalhekk huwa loġikament dipendenti ħafna fuq l-abilità tagħha li twettaq il-kompiti ewlenin tagħha b'mod effiċjenti u effettiv. L-elementi ewlenin li fuqhom huwa bbażat il-valur miżjud ta' eu-LISA huma l-ġbir flimkien ta' kompetenza esperta, l-użu tas-sinerġiji billi s-sistemi jinġiebu "taħt saqaf wieħed" u l-ħolqien ta' qafas operattiv aktar flessibbli.

***M4.2. Kemm kienet aktar effettiva eu-LISA biex tikseb ir-riżultati tagħha meta mqabbel ma' arranġamenti oħra mgħoddija, eżistenti jew alternattivi fuq livell nazzjonali jew tal-UE?***

Billi wettqet tqabbil tal-kostijiet relatati mal-Eurodac (jiġifieri l-unika sistema li għaliha seta' jsir tqabbil b'hal dan), qabel u wara t-twaqqif tal-Aġenzija, l-Evalwazzjoni ma identifikatx ekonomija li tirriżulta mill-ħolqien tal-Aġenzija, bil-kostijiet jidhru li huma ogħla. Filwaqt li d-differenza fil-kostijiet tista' tiġi spjegata f'xi każijiet mill-kompiti assoċjati mas-sistemi (jiġifieri t-taħriġ, il-laqqgħat tal-Grupp Konsultattiv), ma tistax titwettaq valutazzjoni komparattiva ġenerali tal-kostijiet minħabba d-differenzi fir-reġistrazzjoni tal-kostijiet (eż. għall-Unità Ċentrali u għall-Unità Ċentrali ta' Riżerva, l-assigurazzjoni tal-kwalità, il-ħardwer u s-softwer). It-tqabbil tal-kostijiet operattivi identifika l-ħtieġa li l-Aġenzija tassigura reġistrazzjoni ċara tal-kostijiet għal kull sistema fil-ġejjieni bil-għan li jkun jista' jiġi verifikat jekk inkisbux żidiet fl-effiċjenza.

***M4.3. Kemm saħħet eu-LISA l-involviment tal-Istati Membri fit-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tas-sistemi fdati taħt il-mandat tagħha?***

B'mod ġenerali, l-Evalwazzjoni nnotat feedback pożittiv dwar il-livell ta' involviment u komunikazzjoni mal-partijiet interessati fil-livell nazzjonali. Il-governanza tal-Aġenzija tikkontribwixxi għall-kwalità tal-komunikazzjoni u l-involviment tal-awtoritajiet nazzjonali, billi tassigura li tiġi pprovduta pjattaforma għall-Istati Membri biex ikunu involuti fl-Aġenzija u sabiex ikun assigurat li l-ħtiġijiet tagħhom jiġu kkunsidrati.

Filwaqt li l-Gruppi Konsultattivi huma forum rilevanti u siewi għall-involviment tal-Istati Membri, l-Evalwazzjoni sabet li r-rikkezza ta' għarfien espert f'dawn il-gruppi tista' tiġi sfruttata aħjar sabiex titjieb il-kwalità tad-djalogu mal-awtoritajiet nazzjonali. Dan jista' jseħħ permezz tal-istabbiliment ta' linji gwida għall-Gruppi Konsultattivi u l-istabbiliment tal-objettivi annwali ewlenin tal-Gruppi Konsultattivi.

## Anness VII. Anness speċifiku relatat mal-Parti III

### Riskji identifikati

Bħala riżultat tal-isforzi ta' valutazzjoni tar-riskji tal-2015/2016, it-tabella li ġejja turi l-klassifikazzjoni tal-akbar sitt riskji korporattivi għal eu-LISA.

Klassifikazzjoni	Titolu
Riskju 1	In-nuqqas ta' strateġija korporattiva tal-IT
Riskju 2	In-nuqqas ta' riżorsi u għodod għall-ġestjoni effiċjenti u effettiva taċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi mill-bidu sal-aħħar
Riskju 3	Restrizzjonijiet ta' terminu medju u qasir jaffettwaw b'mod negattiv l-implimentazzjoni tal-lstrateġija ta' eu-LISA dwar it-Teknoloġija
Riskju 4	Iż-żieda fil-persunal estern hija nieqsa minn integrazzjoni u kontroll effiċjenti kif ukoll tevolve f'soluzzjoni fit-tul
Riskju 5	Il-kompleksità u l-iskala tal-kuntratti tas-sistema tan-negozju prinċipali jaffettwaw l-implimentazzjoni effettiva tal-baġit
Riskju 6	L-ambjent dinamiku u kumpless huwa ta' sfida għall-Aġenzija fit-twettiq tal-missjoni tagħha

### Standards tal-Kontroll Intern

Numru	Titolu	Sommarju tal-azzjonijiet prinċipali mwettqa lejn il-konformità fl-2016	Status tal-implimentazzjoni fi tmien is-sena (Lesta/Għaddejja)	Sommarju tal-azzjonijiet prinċipali riportati/ippjanati għall-2017
ICS 1	Missjoni	L-istqarrijiet tal-missjoni ġew aġġornati fejn meħtieġ u kkomunikati fi f'dan l-organizzazzjoni	Lesta	Rieżami ffukat tal-istqarrijiet tal-missjoni, fejn meħtieġ
ICS 2	Valuri etiċi u organizzattivi	Ġew organizzati sessjonijiet regolari ta' sensibilizzazzjoni tal-persunal dwar l-elementi li ġejjin tal-qafas etiku; saru sforzi sabiex jiġi aġġornat il-qafas etiku	Għaddejja	Il-proċedura tal-informatur għandha tiġi implimentata b'mod sħiħ, il-persunal għandu jirrikonoxxi formalment il-qafas etiku u għandu jinħatar Konsulent Etiku
ICS 3	Allokazzjoni u mobilità tal-persunal	Ingħataw il-kontributi tal-maniġers sabiex l-ippjanar tal-persunal jiġi allinjat mal-obiettivi u l-prijoritajiet ta' eu-LISA u jiġi żviluppat u applikat mekkaniżmu intern tal-postijiet battala għar-reklutaġġ sabiex tiġi assigurata l-opportunità ta' mobilità mal-Aġenzija	Għaddejja	Il-qafas ta' kompetenzi għandu jiġi stabbilit ulterjorment, u jinkludi informazzjoni dwar il-ħiliet tal-familji tax-xogħol tal-anqas skont id-deskrizzjoni tax-xogħol u l-attivitajiet imwettqa f'eu-LISA
ICS 4	Evalwazzjoni u żvilupp tal-persunal	L-eżerċizzju annwali ta' evalwazzjoni 2016 ġie finalizzat (inkluża r-reġistrazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-persunal)	Lesta	Għandu jsir l-eżerċizzju annwali ta' evalwazzjoni 2017
ICS 5	Objettivi u indikaturi tal-prestazzjoni	Id-Dokument ta' Programmazzjoni ta' eu-LISA (li qabel kien il-Programm ta' F'idma Annwali) ġie żviluppat fl-Aġenzija skont il-gwida applikabbli u	Għaddejja	Ukoll fl-2017, l-Aġenzija għandha l-għan li tipprovdi d-dokumenti tal-ippjanar skont ir-

		<p>abbażi ta' djalogu bejn il-manigjers superjuri, il-manigjers intermedji u l-persunal, sabiex ikun assigurat li kulħadd jifhmu u jagħmlu tiegħu. Ir-Rapport Annwali tal-Attività għe pprovdut, inklużi d-dettalji kollha kif mitluba mill-partijiet interessati ta' eu-LISA. L-Aġenzija żammet l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni korporattiva fl-2016; madankollu, ma setgħetx tilħaq ftehim mal-Bord tat-Tmexxija dwar it-tfassil finali tagħhom</p>		<p>Regolament ta' Stabbiliment, l-aħjar prattiki u l-ħtiġijiet tal-partijiet interessati fil-ħin, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kwalità. L-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni korporattiva se jiġu riveduti aktar f'korporazzjoni mal-Bord tat-Tmexxija sabiex jinkiseb it-tfassil finali tagħhom</p>
ICS 6	Proċess ta' ġestjoni tar-riskji	<p>Il-qafas ta' ġestjoni tar-riskji korporattivi għe applikat u għe konkluż l-eżerċizzju ta' ġestjoni tar-riskji tal-2016</p>	Lesta	<p>Għandu jitwettaq l-eżerċizzju ta' ġestjoni tar-riskji korporattivi tal-2017</p>
ICS 7	Struttura operattiva	<p>L-istruttura operattiva tal-Aġenzija għet emenda fejn meħtieġ, pereżempju bir-riallokazzjoni tal-kompiti bejn l-entitajiet jew bl-introduzzjoni ta' setturi bħala entitajiet 'l isfel mill-unitajiet. Tlestiet strateġija dwar il-forniment segwita minn strateġija dwar l-IT korporattiva Id-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv dwar id-delega tal-awtorità għet riveduta fejn meħtieġ</p>	Għaddejja	<p>Il-valutazzjoni tal-funzjonijiet sensitivi se titlesta kif ukoll l-istrateġija dwar il-forniment u l-IT korporattiva se tiġi implimentata ulterjorment</p>
ICS 8	Proċessi u proċeduri	<p>Il-Katalgu tas-Servizzi tal-IT u l-Katalgi tas-Servizzi Korporattivi (separati) preċedenti ġew amalgamati. Il-proċessi tan-negozju ġew għaldaqstant dokumentati u miżmuma. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data rieżamina l-proċessi u l-proċeduri b'mod annwali, skont il-karta/pjan annwali tal-protezzjoni tad-data sabiex jassigura li l-protezzjoni tad-data hija applikata kif suppost. Inħoloq reġistru stabbilit b'mod sħiħ tal-eċċezzjonijiet/devjazzjonijiet, li jinkludi l-proċeduri relatati u s-sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni mogħtija</p>	Lesta	<p>Minbarra l-aġġornamenti kontinwi, jekk ikun meħtieġ, l-Aġenzija se twettaq verifika strutturata tas-solidità tal-Katalgu tas-Servizzi. Kull fejn ikun possibbli, l-Aġenzija se tkompli tappoġġa l-proċessi tan-negozju billi timplimenta karatteristiċi tal-awtomatizzazzjoni u tal-IT.</p>
ICS 9	Superviżjoni tal-maniġment	<p>L-entitajiet (dipartimenti, unitajiet, setturi) implimentaw l-AWP b'mod strutturat billi segwew proċess konsistenti. Hemm fis-seħħ proċess iddedikat ta' rappurtar sabiex ikejjel il-progress miksub. L-iskambju mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għe stabbilit skont ir-rekwiżiti stabbiliti</p>	Lesta	<p>Skont ir-rekwiżiti minimi stabbiliti u, jekk ikun meħtieġ, id-Direttur Eżekuttiv jinforma dwar kwalunkwe kwistjoni potenzjalment sinifikanti relatata mal-kontroll u l-awditjar intern, l-investigazzjonijiet tal-OLAF kif ukoll dwar kwistjonijiet baġitarji u finanzjarji materjali li jista' jkollhom impatt fuq il-pożizzjoni tiegħu fl-Aġenzija jew fuq il-ġestjoni tajba tal-</p>

				approprjazzjonijiet jew li jistgħu jxekklu l-kisba tal-obiettivi stabbiliti
ICS 10	Kontinwità tal-operat	Ġie implimentat BCP għall-Aġenzija sabiex ikun assigurat rappurtar kontinwu dwar kwistjonijiet ta' kontinwità tal-operat fil-livell ta' ġestjoni. Il-proċess ta' reviżjoni annwali tal-pjanijiet ta' kontinwità tal-operat għall-IT fuq skala kbira twettaq u ġie dokumentat b'mod suffiċjenti. Twettaq it-taħriġ annwali dwar l-imġiba xierqa f'każ li jiġi invokat il-pjan ta' kontinwità tal-operat	Lesta	Id-dokumentazzjoni dwar il-kontinwità tal-operat għall-Aġenzija tiġi riveduta u aġġornata aktar jekk ikun meħtieġ u jitwettqu l-proċessi ta' reviżjoni applikabbli għall-pjanijiet ta' kontinwità tal-operat għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira
ICS 11	Ġestjoni tad-dokumenti	Jiġi pprovdut tagħlim u taħriġ dwar il-ġestjoni tad-dokumenti u l-filing għall-persunal li jidhrol fl-Aġenzija; hemm fis-seħħ pjan ta' filing u politika tal-arkivjar	Għaddejja	Is-sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti elettroniċi għandha tiġi implimentata
ICS 12	Informazzjoni u komunikazzjoni	L-istrategġija u l-pjanijiet ta' azzjoni dwar il-komunikazzjoni interna u esterna ġew aġġornati jekk meħtieġ; twettaq stħarriġ tas-sodisfazzjon għal dan il-għan. Id-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-awtur huma rrispettati f'kull sforz ta' komunikazzjoni esterna u huma dokumentati b'mod suffiċjenti. L-istrategġija u l-pjan ta' azzjoni annwali dwar il-komunikazzjoni interna ġew implimentati. Inħoloq pjan dwar is-sigurtà tal-IT mis-Settur tas-Sigurtà li ġie approvat u jinżamm skont ir-rekwiżiti. Ġew organizzati laqgħat mal-persunal tal-anqas fuq bażi trimestrali mid-Direttur Eżekuttiv sabiex jiġi jitħabbru kwistjonijiet rilevanti.	Lesta	Il-bullettini interni se jinżammu u jiġu żviluppati aktar skont il-ħtiġijiet tal-persunal. B'mod ġenerali, l-istrategġija u l-isforzi ta' komunikazzjoni interna u esterna se jiġu emendati skont il-ħtiġijiet tan-negożju u r-regolamenti applikabbli. Il-laqgħat mal-persunal se jinżammu fuq bażi trimestrali mid-Direttur Eżekuttiv sabiex jiġi jitħabbru kwistjonijiet rilevanti.
ICS 13	Kontabilità u rappurtar finanzjarju	Il-Manwal tal-ICS għall-kontroll tad-data kontabilistika huwa fis-seħħ	Lesta	Il-Manwal tal-ICS għall-kontroll tad-data kontabilistika jiġi aġġornat jekk ikun meħtieġ
ICS 14	Evalwazzjoni tal-attivitajiet	Ġiet konkluzja Evalwazzjoni tal-Aġenzija abbażi tal-Art. 31 tar-Regolament ta' Stabbiliment	Lesta	Se jiġi implimentat pjan ta' azzjoni abbażi tal-evalwazzjoni skont l-Artikolu 31; barra minn hekk, l-Aġenzija se tibni l-kapaċità biex twettaq evalwazzjonijiet ex-ante dwar l-attivitajiet deċiżi
ICS 15	Valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll intern	Il-persunal ġie mgħarraf bil-qafas tal-ICS, inklużi l-mekkaniżmi għar-rappurtar ta' dgħufijiet fil-kontroll u l-immaniġġar ta' eċċezzjonijiet/episodji ta' nuqqas ta' konformità. Twettaq eżerċizzju ta' awtovalutazzjoni; ir-rakkomandazzjonijiet ingħataw formalment lill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni sabiex jiftiehem fuq żviluppi ulterjuri tal-qafas tal-ICS	Lesta	Se jiġu pprovduti preżentazzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar il-qafas tal-ICS, inklużi l-mekkaniżmi għar-rappurtar ta' dgħufijiet fil-kontroll u l-immaniġġar ta' eċċezzjonijiet/episodji ta' nuqqas ta' konformità.

				Se jitwettag eżerċizzju ta' awtovalutazzjoni dwar l-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern ta' eu-LISA. Ir-rakkomandazzjonijiet se jingħataw formalment lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni sabiex jiftiehem dwar l-implimentazzjoni ulterjuri tal-qafas tal-ICS
ICS 16	Kapaċità tal-awditjar intern	Il-Kapaċità tal-Awditjar Intern kienet qiegħda topera u tikkoordina l-ħidma tagħha mas-Servizz tal-Awditjar Intern. Il-pjan ta' ħidma annwali tal-awditjar u r-rapport annwali tal-awditjar intern kienu fis-seħħ	Lesta	Il-Kapaċità tal-Awditjar Intern tkompli topera u tikkoordina l-ħidma tagħha mal-IAS. Jinħolqu l-pjan ta' ħidma annwali tal-awditjar u r-rapport annwali tal-awditjar intern. L-introduzzjoni ta' programm ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' titjib għall-awditjar intern titwettag skont il-pjan direzzjonali tiegħu.

## Anness VIII. Abbozz ta' kontijiet finanzjarji

TABELLA 1: KARTA BILANĊJALI — EU- LISA			
KARTA BILANĊJALI		2016	2015
A.I. ASSI MHUX KURRENTI		51,697,508.29	27,937,114.46
A.I. ASSI MHUX KURRENTI	A.I.1. Assi Intanġibbli	36,033,467.00	22,384,246.14
	A.I.2. Proprjetà, Impjant u Tagħmir	15,664,041.29	5,552,868.32
A.II. ASSI KURRENTI		35,425,020.93	24,103,671.93
A.II. ASSI KURRENTI	A.II.2. Prefinanzjament Kurrenti	16,740,739.99	6,666,586.08
	A.II.3. Curr Exch Receiv u Non-Ex Recoverables	18,684,280.94	17,437,085.85
	A.II.6. Flus u Ekwivalenti ta' Flus	-	-
<b>ASSI</b>		<b>87,122,529.22</b>	<b>52,040,786.39</b>
P.II. OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI		(95,164,989.72)	(9,827,397.22)
P.II. OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI	P.II.2. Dispożizzjonijiet Kurrenti		-
	P.II.4. Ammonti Pagabbli Kurrenti	(95,164,989.72)	(1,625,375.59)
	P.II.5. Ħlasijiet Dovuti Kurrenti u Introjtu Differit	-	(8,202,021.63)
<b>OBBLIGAZZJONIJIET</b>		<b>(95,164,989.72)</b>	<b>(9,827,397.22)</b>
<b>ASSI NETTI (ASSI mingħajr OBBLIGAZZJONIJIET)</b>		<b>(8,042,460.50)</b>	<b>(42,213,389.17)</b>
P.III.2. Bilanċ Pożittiv/Defiċit Akkumulat		(42,213,389.17)	(17,778,898.41)
(Bilanċ Pożittiv)/Defiċit Ċentrali Mhux allokat*		50,255,849.67	(24,434,490.76)
<b>TOTAL</b>		<b>o</b>	<b>o</b>
<p><i>Noti ta' Spjega (fakultattivi):</i></p> <p><i>Iċ-ċifri tal-2016 inklużi fit-Tabelli 1 u 2 huma provviżorji, billi għadhom qegħdin jiġu ppreparati. Id-data ta' qtugħ il-linja/differiment ta' tmiem is-sena għadha mhijiex rappreżentata, lanqas l-approvazzjoni tas-sussidju tal-ibbilanċjar/operazzjonali li għadha tidher bħala parti minn P.II.4. L-Ammonti Pagabbli Kurrenti għadhom mhumiex rappreżentati. Ladarba l-kontijiet preliminari u l-kontijiet finali jkunu tnejn, dawn xorta se jkunu suġġetti għall-awditjar mill-Qorti tal-Awdituri. Għalhekk huwa possibbli li l-ammonti inklużi f'dawn it-tabelli jkollhom bżonn jiġu aġġustati wara dan l-awditu.</i></p>			

<b>TABELLA 2: DIKJARAZZJONI TAL-PRESTAZZJONIFINANZJARJA — EU-LISA</b>		
<b>DIKJARAZZJONI TAL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA</b>	<b>2016</b>	<b>2015</b>
II.1 DĦUL	1,442,011.18	72,346,282.82
II.1.1. DĦUL MHUX MINN SKAMBJU	1,377,327.00	72,328,080.41
II.1.1.6. DĦUL IEĦOR MHUX TA' SKAMBJU	1,377,327.00	72,328,080.41
II.1.2. DĦUL TA' SKAMBJU	64,684.18	18,202.41
II.1.2.2. DĦUL IEĦOR TA' SKAMBJU	64,684.18	18,202.41
II.2. SPEJJEŻ	(51,697,860.85)	(47,911,792.06)
II.2. SPEJJEŻ	(51,697,860.85)	(47,911,792.06)
II.2.10. SPEJJEŻ OĦRA	(21,612,665.90)	(14,186,750.14)
II.2.3. ESP IMPL MINN AĠENZIJI U KORPI OĦRA TAL-UE (IM)	(17,373,887.31)	(21,870,619.58)
II.2.6. SPEJJEŻ TAL-PERSUNAL	(12,709,768.32)	(11,852,614.40)
II.2.8. SPEJJEŻ TAL-FINANZJAMENT	(1,539.32)	(1,807.94)
<b>DIKJARAZZJONI TAL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA</b>	<b>(50,255,849.67)</b>	<b>24,434,490.76</b>
<i>Noti ta' Spjega (fakultattivi):</i>		
<p><i>lċ-ċifri tal-2016 inklużi fit-Tabelli 1 u 2 huma provviżorji, billi għadhom qegħdin jiġu ppreparati. Id-data ta' qtugħ il-linja/differiment ta' tmiem is-sena għadha mhijiex rappreżentata, lanqas l-approvazzjoni tas-sussidju tal-ibbilanċjar/operazzjonali li għadha tidher bħala parti minn P.II.4. L-Ammonti Pagabbli Kurrenti għadhom mhumiex rappreżentati. Ladarba l-kontijiet preliminari u l-kontijiet finali jkunu tnejn, dawn xorta se jkunu suġġetti għall-awditjar mill-Qorti tal-Awdituri. Għalhekk huwa possibbli li l-ammonti inklużi f'dawn it-tabelli jkollhom bżonn jiġu aġġustati wara dan l-awditu.</i></p>		



<b>KONT TAL-EŻITU TAL-BAĠIT TA' EU-LISA GĦAS-SENA FINANZJARJA 2016</b>			
fit-18/01/2017			
		2016	2015
<b>DĦUL</b>			
Sussidju ta' bilanċ tal-Kummissjoni	+	94,083,000.00	67,262,000.00
Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi assoċjati	+	2,291,582.00	643,800.27
Fruentieri intelliġenti	+	21,722.89	3,325,000.00
Dħul mixxellanju	+	127,868.39	25,422.70
<b>DĦUL TOTALI (a)</b>		<b>96,524,173.28</b>	<b>71,256,222.97</b>
<b>NEFQA</b>			
<i>Titolu I: Persunal</i>			
Pagamenti	-	13,783,629.98	12,702,845.23
Approprjazzjonijiet riportati	-	415,692.33	272,158.64
<i>Titolu II: Spejjeż amministrattivi</i>			
Pagamenti	-	2,920,317.57	9,215,650.98
Approprjazzjonijiet riportati	-	5,073,039.03	19,279,435.67
<i>Titolu III: Nefqa operazzjonali</i>			
Pagamenti	-	57,822,830.64	37,456,451.55
Approprjazzjonijiet riportati	-	2,973,476.03	2,451,215.69
<b>NEFQA TOTALI (b)</b>		<b>82,988,985.58</b>	<b>81,377,757.76</b>
<b>EŻITU GĦAS-SENA FINANZJARJA (a-b)</b>		<b>13,535,187.70</b>	<b>-10,121,534.79</b>
Kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati riportati mis-sena ta' qabel	+	474,015.04	10,690,033.94
Aġġustament għar-riport mis-sena preċedenti ta' approprjazzjonijiet disponibbli fil-31.12 li jirriżultaw minn dħul assenjat	+	2,460,299.06	
Differenzi fil-kambju għas-sena (qligħ +/telf -)	+/-	-206.05	-819.92
<b>BILANĊ TAL-KONT TAL-EŻITU GĦAS-SENA FINANZJARJA</b>		<b>16,469,295.75</b>	<b>567,679.23</b>
Sena tal-bilanċ N-1	+/-	-7,652,180.93	-8,219,860.16
Bilanċ pożittiv mis-sena N-1 rimborżat fis-sena N lill-Kummissjoni	-		
<b>Riżultat użat għad-determinazzjoni tal-ammonti fil-kontabilità ġenerali</b>		<b>8,817,114.82</b>	<b>-7,652,180.93</b>
Sussidju tal-Kummissjoni Ewropea: l-aġenzija tirreġistra d-dħul dovut u l-ispiża dovuta tal-Kummissjoni		85,265,885.18	
Prefinanzjament li jibqa' miftuħ għandu jiġi rimborżat mill-Aġenzija lill-Kummissjoni Ewropea fis-sena N+1		8,817,114.82	
<p><i>Nota: Id-data ppreżentata fil-Kont tal-Eżitu tal-Baġit hawn fuq għadha soġġetta għall-konferma mid-DĠ HOME. Ladarba jkun approvat, il-kontenut taċ-ċellola bit-titlu "Sussidju tal-Kummissjoni — dħul dovut reġistrat mill-aġenzija u l-ispiża dovuta tal-Kummissjoni" jiżdied mal-P&amp;L bħala dħul.</i></p>			

## Anness IX. Obiettivi u indikaturi

#	REF	Output annwali meħtieġ tal-Programm ta' Ħidma 2016	Obiettivi speċifiċi tal-programm ta' ħidma għall-2016	L-obiettivi annwali speċifiku ntlaħaq? (Iva/le/għaddej)	Jekk ma ntlaħaqx jew għaddej, spjegazzjoni fil-qosor tar-raġuni għaliex	Indikatur tal-Prestazzjoni (PI)	Il-mira annwali tal-PI ntlaħqet? (Mal-iskeda/intlaħqet/inqabżet/lura)	Jekk lura, mitigazzjoni fil-qosor tar-raġuni għaliex
1	2.2.1.1	Ġestjoni operattiva tal-Eurodac (manutenzjoni korrettiva u adattiva)	Forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjoni fuq bażi ta' 24/7, superviżjoni tal-manutenzjoni (FWC Riformulat) u assistenza lill-utenti tal-SM	Iva	M/A	95 % tal-interazzjonijiet tal-SM rikonoxxuti f'anqas minn minuta; 95 % tal-inċidenti kritiċi kklassifikati f'anqas minn 5 minuti; 95 % tal-inċidenti ta' prijorità għolja kklassifikati f'anqas minn 10 minuti; 95 % tal-inċidenti moderati kklassifikati f'anqas minn 30 minuta; il-FLS speċifiku maqbul tal-Eurodac milfuq skont il-miri definiti fl-Anness 2 tal-Ftehim standard dwar il-Livell ta' Servizz	Milfuq	M/A
2	2.2.1.1	Ġestjoni tal-kuntratti tal-Eurodac	Ġestjoni tal-kuntratti tal-Eurodac	Iva	M/A	Min. ta' 2 laqgħat tal-kumitat ta' tmexxija fis-sena; min. ta' 8 laqgħat fis-sena mal-kuntrattur fil-livell ta' applikazzjoni/programm; 12-il rapport tal-attività ta' kull xahar rieżaminati u aċċettati fis-sena	Milfuq	M/A
3	2.2.1.2	Manutenzjoni evalwattiva tal-Eurodac	Adattamenti tas-sistema wara Riformulazzjoni	Għaddej	Riskedit	Adattamenti mwettqa skont kif maqbul/pjan bażi	Mal-iskeda	L-attivitajiet għaż-żieda għal 7 miljun rekord ġew riskediti wara t-tnaqqis fit-tranżazzjonijiet tal-Eurodac. Żdied il-kamp ta' applikazzjoni (testijiet addizzjonali). Il-proġett beda u jinsab għaddej
4	2.2.1.2	Studju dwar il-migrazzjoni għal netwerk iddedikat tal-Eurodac	Appoġġ lill-Kummissjoni Ewropea fi studju ta' analiżi tal-impatt dwar kif jinbena network virtwali kriptat dedikat għad-data tal-Eurodac sabiex jissostitwixxi l-EURODOMAIN eżistenti u sabiex jippermetti t-trażmissjoni sigura ta' servizzi web (xml) bejn is-CS u s-SN (l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-UE 603/2013).	Le	Riskedit, billi huwa dipendenti fuq studju globali għal netwerk unifikat deċiż li jiġi implimentat minn eu-LISA fl-2017	Studju mwettaq skont kif maqbul/pjan bażi	Lura	Implimentazzjoni tal-istudju riskedata bħala parti minn studju globali għal netwerk unifikat li għandu jiġi implimentat minn eu-LISA fl-2017

#	REF	Output annwali meħtieġ tal-Programm ta' Ħidma 2016	Objettivi speċifiċi tal-programm ta' ħidma għall-2016	L-objettiv annwali speċifiku ntlaħaq? (Iva/le/għaddej)	Jekk ma ntlaħaqx jew għaddej, spjegazzjoni fil-qosor tar-raġuni għaliex	Indikatur tal-Prestazzjoni (PI)	Il-mira annwali tal-PI ntlaħqet? (Mal-iskeda/intlaħqet/inqabżet/lura)	Jekk lura, mitigazzjoni fil-qosor tar-raġuni għaliex
5	2.2.1.1	Tħejjijiet tal-MWO tal-Eurodac	Tħejjija tal-ispeċifikazzjonijiet u bidu tal-proċess ta' akkwist għall-MWO l-ġdid għall-Eurodac	Għaddej	M/A	Pjan ta' akkwist għall-MWO tal-Eurodac u l-ewwel abbozz tat-TTS	Mal-iskeda	It-tlestija tal-abbozz finali riskedata għall-ewwel kwart tal-2017
6	2.2.1.1	Manutenzjoni korrettiva tas-SIS II	Manutenzjoni korrettiva bażika	Iva	M/A	95 % tal-interazzjonijiet tal-SM rikonoxxuti f'anqas minn minuta; 95 % tal-inċidenti kritiċi kklassifikati f'anqas minn 5 minuti; 95 % tal-inċidenti ta' prijorità għolja kklassifikati f'anqas minn 10 minuti; 95 % tal-inċidenti moderati kklassifikati f'anqas minn 30 minuta; il-FLS speċifiku tas-SIS II milħuq skont il-miri definiti fl-Anness 2 tal-FLS standard	Milħuq	M/A
7	2.2.1.1	Adattamenti tas-SIS II (WL, Oracle 12c)	Manutenzjoni adattiva ta' Oracle 12	Le	Posposta fir-rigward tal-proġett tal-AFIS, maqbul mal-partijiet interessati kollha; l-AWP 2016 ġie mibdul	Adattamenti tas-SIS II imwettqa skont il-pjanijiet rilevanti u l-FLS fis-seħħ	Pospost	Riprijorizzat minħabba l-ħtieġa li tinbeda l-implimentazzjoni fuq l-AFIS tas-SIS II fl-2016
8	2.2.1.1	Ġestjoni operattiva tas-SIS II (manutenzjoni korrettiva u adattiva)	Forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjoni fuq bażi ta' 24/7, superviżjoni tal-manutenzjoni u assistenza lill-SM	Iva	M/A	95 % tal-interazzjonijiet tal-SM rikonoxxuti f'anqas minn minuta; 95 % tal-inċidenti kritiċi kklassifikati f'anqas minn 5 minuti; 95 % tal-inċidenti ta' prijorità għolja kklassifikati f'anqas minn 10 minuti; 95 % tal-inċidenti moderati kklassifikati f'anqas minn 30 minuta; il-FLS speċifiku tas-SIS II milħuq skont il-miri definiti fl-Anness 2 tal-Ftehim Standard dwar il-Livell ta' Servizz	Milħuq	M/A
9	2.2.1.1	Ġestjoni tal-kuntratti tas-SIS II	Assigurazzjoni tal-konformità tal-kuntrattur mal-obbligi kuntrattwali li joħroġu mill-kuntratt ta' MWO tas-SIS II; is-SIS II tinżamm f'kundizzjoni funzjonali	Iva	M/A	Minimu ta' żewġ laqgħat tal-kumitat ta' tmexxija fis-sena f'livell amministrattiv; minimu ta' tmien laqgħat fis-sena mal-kuntrattur fil-livell ta' applikazzjoni/programm; 12-il rapport tal-attivitajiet ta' kull xahar rieżaminati u aċċettati fis-sena	Milħuq	M/A

#	REF	Output annwali meħtieġ tal-Programm ta' Ħidma 2016	Objettivi speċifiċi tal-programm ta' ħidma għall-2016	L-objettiv annwali speċifiku ntlaħaq? (Iva/le/għadd)	Jekk ma ntlaħaqx jew għaddej, spjegazzjoni fil-qosor tar-raġuni għaliex	Indikatur tal-Prestazzjoni (PI)	Il-mira annwali tal-PI ntlaħqet? (Mal-iskeda/intlaħqet/inqabżet/lura)	Jekk lura, mitigazzjoni fil-qosor tar-raġuni għaliex
10	2.2.1.2	Evoluzzjonijiet funzjonali tas-SIS II skont il-pjan direzzjonali maqbul (karatteristiċi ġodda jew funzjonalità ġdida ta' DCC)	Is-sistema ċentrali tas-SIS II allinjata mad-domanda ġdida/mibdula tal-utenti	Iva	M/A	Twettiq puntwali u mal-iskeda u skont l-għan kif maqbul mal-SM	Milfuq	M/A
11	2.2.1.2	Studju Active2Active tas-SIS II (għat-tħaddim tas-CU u l-BCU f'modalità attiva/attiva, sabiex jiġu pprovduti reżiljenza aħjar tas-sistema, kontinwità tal-operat u użu aktar effiċjenti tar-riżorsi taċ-ċentru tad-data)	Studju bażiku dwar is-setup attiv/attiv (suġġett għal rieżami legali sabiex tkun assigurata l-konformità tal-istudju mal-qafas legali applikabbli), li jipprovi t-tifsila teknika bażika u l-pjan direzzjonali tal-implimentazzjoni għall-bidla prevista fl-operazzjonijiet	Iva	M/A	Studju mwettaq skont kif maqbul/pjan bażi	Milfuq	M/A
12	2.2.1.2	Studju u bidu tal-implimentazzjoni tal-allinjament tal-kapaċitajiet tas-SIS II skont ir-riżultati tal-istudju	Evoluzzjoni bażika tal-kapaċità/prestazzjoni; sistema allinjata maż-żieda fid-domanda għall-kapaċità; forniment ta' mistoqsijiet awtomatizzati u titjib ieħor relatat mar-rapportar; aġġornamenti tekniċi bħall-aġġornament ta' Oracle 12 u l-liċenzji assoċjati; appoġġ lill-SM sabiex jissieħbu fil-komunità tas-SIS II	Iva	M/A	Evoluzzjoni bażika tal-kapaċità mwettaq skont il-pjanijiet maqbula; appoġġ mogħti lill SM ġodda sabiex jissieħbu fil-komunità tas-SIS II	Mal-iskeda	Implimentazzjoni posposta għall-2017 relatata mal-proġett tal-AFIS, kif maqbul mal-partijiet interessati kollha; l-AWP 2016 ġie mibdul
13	2.2.1.2	Għaddejja l-implimentazzjoni tal-kapaċitajiet bijometriċi tas-SIS II (għandha titlesta fl-2017)	Implimentazzjoni tal-kapaċità ta' pproċessar tal-marki tas-swaba' tas-SIS II	Iva	M/A		Milfuq	M/A
14	2.2.1.3	Għaddej studju relatat mas-servizzi kondiviżi; abbażi tar-riżultat ta' dan l-istudju, xi servizzi (li għandhom jiġu definiti mill-istudju) se jiġu implimentati b'mod kondiviż fl-2016; ladarba s-servizzi kondiviżi jkunu disponibbli, wieħed ikun irid jikkonnettja s-SIS II mal-infrastruttura kondiviża; dekkommissjonar tas-servizzi ddedikati tas-SIS II	Is-SIS II tuża l-infrastruttura kondiviża; dekkommissjonar tat-tagħmir l-antik	Le	Riprijorizzat minħabba l-ħtieġa li jinbeda x-xogħol fuq l-AFIS tas-SIS II	Studju mwettaq skont kif maqbul/pjan bażi; dekkommissjonar tas-servizzi ddedikati tas-SIS II	Pospost	Pospost fir-rigward tal-proġett tal-AFIS kif maqbul mal-partijiet interessati kollha. L-AWP 2016 ġie mibdul

#	REF	Output annwali meħtieġ tal-Programm ta' Ħidma 2016	Objettivi speċifiċi tal-programm ta' ħidma għall-2016	L-objettiv annwali speċifiku ntlaħaq? (Iva/le/għaddej)	Jekk ma ntlaħaqx jew għaddej, spjegazzjoni fil-qosor tar-raġuni għaliex	Indikatur tal-Prestazzjoni (PI)	Il-mira annwali tal-PI ntlaħqet? (Mal-iskeda/intlaħqet/inqabżet/lura)	Jekk lura, mitigazzjoni fil-qosor tar-raġuni għaliex
15	2.2.1.5	Interfaċċa tas-SIS II b'faċilità ta' backup tad-data kondiviża; dekommissjonar tal-faċilità ta' backup tad-data ddedikata tas-SIS II	Konnessjoni tas-SIS II mal-faċilità ta' backup tad-data kondiviża; dekommissjonar tat-tagħmir l-antik (għandu jibda sal-aħħar tal-2016, suġġett għal valutazzjoni tal-konformità mal-bażi legali rilevanti)	Le	Riprijorizzat minħabba l-ħtieġa li jinbeda x-xogħol fuq l-AFIS tas-SIS II	Titjib fit-tul ta' żmien ta' backup tad-data, numru ta' inċidenti u tagħmir dekommissjonat	Pospost	Pospost fir-rigward tal-proġett tal-AFIS kif maqbul mal-partijiet interessati kollha; l-AWP 2016 ġie midul
16	2.2.1.1	Ġestjoni operattiva tal-VIS (manutenzjoni korrettiva)	Forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjoni fuq bażi ta' 24/7; superviżjoni tal-manutenzjoni u assistenza lill-SM	Iva	M/A	95 % tal-interazzjonijiet tal-SM rikonoxxuti f'anqas minn minuta; 95 % tal-inċidenti kritiċi kklassifikati f'anqas minn 5 minuti; 95 % tal-inċidenti ta' prijorità għolja kklassifikati f'anqas minn 10 minuti; 95 % tal-inċidenti moderati kklassifikati f'anqas minn 30 minuta; il-FLS speċifiku tal-VIS/BMS milħuq skont il-miri definiti fl-Anness 2 tal-Ftehim standard dwar il-Livell ta' Servizz	Milħuq	M/A
17	2.2.1.1	Ġestjoni operattiva tal-BMS (manutenzjoni korrettiva)	Forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjoni fuq bażi ta' 24/7; superviżjoni tal-manutenzjoni u assistenza lill-SM	Iva	M/A	95 % tal-interazzjonijiet tal-SM rikonoxxuti f'anqas minn minuta; 95 % tal-inċidenti kritiċi kklassifikati f'anqas minn 5 minuti; 95 % tal-inċidenti ta' prijorità għolja kklassifikati f'anqas minn 10 minuti; 95 % tal-inċidenti moderati kklassifikati f'anqas minn 30 minuta; il-FLS speċifiku maqbul tal-VIS/BMS milħuq skont il-miri definiti fl-Anness 2 tal-Ftehim Standard dwar il-Livell ta' Servizz	Milħuq	M/A
18	2.2.1.1	Ġestjoni operattiva tal-VIS (manutenzjoni adattiva)	Forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjoni fuq bażi ta' 24/7; superviżjoni tal-manutenzjoni u assistenza lill-SM	Iva	M/A	95 % tal-interazzjonijiet tal-SM rikonoxxuti f'anqas minn minuta; 95 % tal-inċidenti kritiċi kklassifikati f'anqas minn 5 minuti; 95 % tal-inċidenti ta' prijorità għolja kklassifikati f'anqas minn 10 minuti; 95 % tal-inċidenti moderati kklassifikati f'anqas minn 30 minuta; il-FLS speċifiku maqbul tal-VIS/BMS milħuq skont il-miri definiti fl-Anness 2 tal-Ftehim Standard dwar il-Livell ta' Servizz	Milħuq	M/A
19	2.2.1.1	Ġestjoni operattiva tal-BMS (manutenzjoni adattiva)	Forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjoni fuq bażi ta' 24/7; superviżjoni tal-manutenzjoni u assistenza lill-SM	Iva	M/A	95 % tal-interazzjonijiet tal-SM rikonoxxuti f'anqas minn minuta; 95 % tal-inċidenti kritiċi kklassifikati f'anqas minn 5 minuti; 95 % tal-inċidenti ta' prijorità	Milħuq	M/A

#	REF	Output annwali meħtieġ tal-Programm ta' Ħidma 2016	Objettivi speċifiċi tal-programm ta' ħidma għall-2016	L-objettiv annwali speċifiku ntlaħaq? (Iva/le/għaddej)	Jekk ma ntlaħaqx jew għaddej, spjegazzjoni fil-qosor tar-raġuni għaliex	Indikatur tal-Prestazzjoni (PI)	Il-mira annwali tal-PI ntlaħaq? (Mal-iskeda/intlaħqet/inqabżet/lura)	Jekk lura, mitigazzjoni fil-qosor tar-raġuni għaliex
						għolja kklassifikati f'anqas minn 10 minuti; 95 % tal-inċidenti moderati kklassifikati f'anqas minn 30 minuta; il-FLS speċifiku maqbul tal-VIS/BMS milfuq skont il-miri definiti fl-Anness 2 tal-Ftehim Standard dwar il-Livell ta' Servizz		
20	2.2.1.1	Bdil fil-kontroll u trasferiment bejn il-kuntratturi tal-MWO għall-VIS	Trasferiment b'suċċess bejn il-kuntratturi tal-MWO; il-kuntrattur il-ġdid tal-MWO kapaċi jieħu r-responsabbiltajiet mingħand il-kuntrattur eżistenti	Għaddej	Huwa meħtieġ sforz addizzjonali sabiex jiġu infurzati r-rekwiżiti kuntrattwali msaħħa sabiex il-metodi u l-proċessi ta' ħidma jiġu stabbiliti kif suppost	Kuntratt ta' MWO ġdid imħejji u ffirmat kif ippjanat; magħmul it-trasferiment mill-kuntrattur l-antik għal dak ġdid. L-impjenji finanzjarji magħmula skont il-pjan; l-evoluzzjoni skedata mibdija kif ippjanat	Lura	Prestazzjoni u output ta' kwalità fqira mill-kuntrattur; diffikultajiet bl-ammont kbir ta' attivitajiet u segwiti; dawn il-kwistjonijiet ġew indirizzati waqt il-kumitati ta' tmexxija
